SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

4 ta' Ottubru 2024*

Werrej

I. Il-kuntest ġuridiku 5

A. Id-Direttiva 2014/59/UE 5

B. Ir-Regolament SRM 5

II. Il-fatti li wasslu għall-kawża 16

A. Is-sitwazzjoni finanzjarja ta' Banco Popular fl-2016 u fl-2017 16

B. L-iżvolġiment tal-proċedura ta' riżoluzzjoni 18

C. L-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża 19

D. Il-fatti li ġraw wara l-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża 22

III. Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata 23

A. Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali 23

B. Is-sentenza appellata 24

IV. It-talbiet tal-partijiet fl-appell 24

V. Fuq l-appell 25

A. Kunsiderazzjonijiet preliminari 25

B. Fuq l-ewwel u r-raba' sas-sitt aggravju, ibbażati fuq ksur tal-Artikolu 296 TFUE, tal-Artikolu 18 tar-Regolament SRM, tad-dmir ta' diliġenza li għandu s-SRB, tal-Artikolu 47 tal-Karta, tal-Artikolu 6 tal-KEDB u tal-prinċipju ta' kontradittorju 26

1. Fuq il-ħames aggravju 26

a) L-argumenti tal-partijiet 26

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 28

1) Fuq l-ammissibbiltà 28

2) Fuq il-mertu 30

2. Fuq l-ewwel aggravju 34

a) L-argumenti tal-partijiet 34

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 35

1) Fuq l-ammissibbiltà 35

2) Fuq il-mertu 36

i) Fuq l-ewwel parti tal-ewwel aggravju 36

ii) Fuq it-tieni parti tal-ewwel aggravju 38

3. Fuq ir-raba' aggravju 39

a) L-argumenti tal-partijiet 39

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 40

4. Fuq is-sitt aggravju 41

a) L-argumenti tal-partijiet 41

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 42

1) Fuq l-ammissibbiltà 42

2) Fuq il-mertu 42

C. Fuq is-seba' aggravju, ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 17 u 52 tal-Karta, kif ukoll fuq l-Artikoli 5(4) TUE 43

1. L-argumenti tal-partijiet 43

2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 45

a) Fuq l-ammissibbiltà 45

b) Fuq il-mertu 45

D. Fuq it-tieni aggravju, ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 14 u 20 tar-Regolament SRM, tal-Artikolu 39 tad-Direttiva 2014/59, tad-dmir ta' diliġenza u tal-Artikolu 296 TFUE 51

1. L-argumenti tal-partijiet 51

2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 52

a) Fuq l-ammissibbiltà 52

b) Fuq il-mertu 53

1) Fuq l-ewwel u r-raba' parti tat-tieni aggravju 53

2) Fuq it-tieni parti tat-tieni aggravju 56

E. Fuq it-tielet u t-tmien aggravju, ibbażati fuq ksur tad-dritt għall-proprjetà u tal-prinċipju ta' proporzjonalità 56

1. Fuq it-tielet aggravju 56

a) L-argumenti tal-partijiet 57

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 57

1) Fuq l-ammissibbiltà 57

2) Fuq il-mertu 58

2. Fuq it-tmien aggravju 60

a) L-argumenti tal-partijiet 60

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 61

VI. Fuq l-ispejjeż 62

"Appell – Politika ekonomika u monetarja – Unjoni bankarja – Regolament (UE) Nru 806/2014 – Mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ta' ċerti impriżi ta' investiment (SRM) – Proċedura ta' riżoluzzjoni applikabbli fil-każ ta' falliment ta' entità li qiegħed iseħħ jew li x'aktarx ser iseħħ – Adozzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' Banco Popular Español SA – Artikolu 18(1) – Kundizzjonijiet għall-adozzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni – Obbligi tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) – Dmir ta' diliġenza – Obbligu ta' motivazzjoni – Artikolu 88 – Obbligu ta' kunfidenzjalità – Artikolu 14 – Għanijiet tar-riżoluzzjoni – Bejgħ tan-negozju tal-entità kkonċernata – Kundizzjonijiet għall-bejgħ u li taħthom tista' tiġi aċċettata offerta – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 17 – Dritt tal-azzjonisti għall-proprjetà – Validità tar-Regolament Nru 806/2014"

Fil-Kawża C-535/22 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fid-9 ta' Awwissu 2022,

Aeris Invest Sàrl, stabbilita fil-Lussemburgu (il-Lussemburgu), irrappreżentata inizjalment minn E. Galán Burgos, R. Vallina Hoset u M. Varela Suárez, abogados, u sussegwentement minn C. Jaramillo Samper, R. Vallina Hoset u M. Varela Suárez, abogados,

appellanti,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn L. Flynn, P. Němečková, A. Nijenhuis, A. Steiblytė u D. Triantafyllou, bħala aġenti, assistiti minn J. Rivas Andrés, abogado,

Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB), irrappreżentat minn H. Ehlers, S. Fernández Rupérez, A.R. Lapresta Bienz u J. Rius Riu, bħala aġenti, assistiti minn F. B. Fernández de Trocóniz Robles, abogado, B. Meyring u S. Schelo, Rechtsanwälte,

konvenuti fl-ewwel istanza,

Ir-Renju ta' Spanja, irrappreżentat minn L. Aguilera Ruiz u M. J. Ruiz Sánchez u, bħala aġenti,

Il-Parlament Ewropew, irrappreżentat minn J. Etienne, P. López-Carceller, M. Menegatti, L. Stefani u M. L. Visaggio, bħala aġenti,

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentat minn J. Haunold, H. Marcos Fraile u A. Westerhof Löfflerová, bħala aġenti,

Banco Santander SA, stabbilita f'Santander (Spanja), irrappreżentata minn J. Remón Peñalver, J.M. Rodríguez Cárcamo, A.M. Rodríguez Conde u D. Sarmiento Ramírez-Escudero, abogados,

intervenjenti fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Arabadjiev, President tal-Awla, T. von Danwitz (Relatur), P. G. Xuereb, A. Kumin u I. Ziemele, Imħallfin,

Avukata Ġenerali: T. Ćapeta,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2024,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, Aeris Invest Sàrl qiegħda titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-1 ta' Ġunju 2022, Aeris Invest vs Il-Kummissjoni u SRB (T-628/17, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2022:315), li permezz tagħha din tal-aħħar ċaħdet ir-rikors tal-appellanti bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni SRB/EES/2017/08 tas-Sessjoni Eżekuttiva tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) tas-7 ta' Ġunju 2017 dwar l-adozzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' Banco Popular Español SA (iktar 'il quddiem l-"iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża"), kif ukoll

tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1246 tas-7 ta' Ġunju 2017 li tapprova l-iskema ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' Banco Popular Español SA (ĠU 2017, L 178, p. 15, rettifika fil-ĠU 2017, L 320, p. 31).

I. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-Direttiva 2014/59/UE

2 L-Artikolu 38 tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2014, L 173, p. 190), intitolat "Għodda tal-bejgħ ta' negozju", jipprovdi, fil-paragrafu 2 tiegħu:

"Trasferiment li jsir skont il-paragrafu 1 għandu jsir fuq termini kummerċjali, wara li jitqiesu ċ-ċirkustanzi, u skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni [Ewropea]."

3 L-Artikolu 39 ta' din id-direttiva, intitolat " Għodda tal-bejgħ ta' operat rekwiżiti proċedurali[:] rekwiżiti proċedurali", jipprevedi, fil-paragrafu 2 tiegħu:

" Mingħajr preġudizzju għall-qafas ta' għajnuna mill-Istat tal-Unjoni, fejn applikabbli, it-tqegħid fis-suq imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jitwettaq skont il-kriterji li ġejjin:

(a) għandu jkun kemm jista' jkun trasparenti u m'għandux jirrapreżenta ħażin materjalment l-assi, id-drittijiet, l-obbligaazzjonijiet, l-strumenti ta' sjieda ta' dik l-istituzzjoni li l-awtorità għandha l-ħsieb li tittrasferixxi, wara li jkun ikkunsidra ċ-ċirkostanzi u b'mod partikolari l-ħtieġa biex tinżamm stabbiltà finanzjarja;

(b) ma għandhux jiffavorixxi b'mod mhux dovut jew jiddiskrimina bejn xerrejja potenzjali;

[…]

(f) għandu jimmira lejn il-massimizzazzjoni, safejn possibbli, tal-prezz tal-bejgħ tal-ishma jew strumenti oħra ta' sjieda, l-assi, id-drittijiet jew l-obbligazzjonijet involuti.

Soġġett għall-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, il-prinċipji msemmija f'dan il-paragrafu ma għandhomx jipprevjenu lill-awtorità ta' riżoluzzjoni milli tissolleċita xerrejja potenzjali partikolari.

[…]"

B. Ir-Regolament SRM

4 Il-premessi 24, 26, 58 u 116 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta'

Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 225, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament SRM") huma fformulati kif ġej:

"(24) Billi huma biss l-istituzzjonijiet tal-Unjoni li jistgħu jistabbilixxu l-politika ta' riżoluzzjoni tal-Unjoni u billi jibqa' marġni ta' diskrezzjoni fl-adozzjoni ta' kull skema ta' riżoluzzjoni speċifika, huwa neċessarju li jiġi previst l-involviment adegwat tal-Kunsill [tal-Unjoni Ewropea] u tal-Kummissjoni [Ewropea], bħala l-istituzzjonijiet li jistgħu jeżerċitaw setgħat ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 TFUE,. Il-valutazzjoni tal-aspetti diskrezzjonarji tad-deċiżjonijiet ta' riżoluzzjoni meħuda [mis-SRB] għandha tkun eżerċitata mill-Kummissjoni. Fid-dawl tal-impatt konsiderevoli tad-deċiżjonijiet ta' riżoluzzjoni fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-Istati Membri u fuq l-Unjoni bħala tali, kif ukoll fuq is-sovranità fiskali tal-Istati Membri, huwa importanti li l-Kunsill jingħata s-setgħa ta' implimentazzjoni li jieħu ċerti deċiżjonijiet relatati mar-riżoluzzjoni. Għaldaqstant għandu jkun il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, li jeżerċita kontroll effettiv fuq il-valutazzjoni [mis-SRB] tal-eżistenza ta' interess pubbliku u li jivvaluta kwalunkwe bidla materjali tal-ammont tal-[Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (iktar 'il quddiem il-"Fond")] li għandu jintuża f'azzjoni speċifika ta' riżoluzzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati sabiex tispeċifika l-kriterji jew il-kondizzjonijiet ulterjuri li għandhom jitqiesu [mis-SRB] fl-eżerċizzju tas-setgħat differenti tiegħu. Tali għoti ta' kompiti ta' riżoluzzjoni bl-ebda mod ma għandu jostakola l-funzjonament tas-suq intern għas-servizzi finanzjarji. L-[Awtorità Bankarja Ewropea (EBA)] għandha żżomm ir-rwol tagħha, flimkien mas-setgħat u l-kompiti tagħha: għandha tiżviluppa u tikkontribwixxi għall-applikazzjoni konsistenti tal-leġislazzjoni tal-Unjoni applikabbli għall-Istati Membri kollha u żżid il-konverġenza tal-prattiki ta' riżoluzzjoni fl-Unjoni kollha kemm hi.

[…]

(26) Il-[Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)], bħala s-superviżur [fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU 2013, L 287, p. 63)], u [s-SRB], għandhom ikuni jistgħu jevalwaw jekk istituzzjoni ta' kreditu hijiex qed tfalli jew li x'aktarxtfalli u jekk ma hemm l-ebda prospett raġonevoli li azzjoni alternattiva mis-settur privat jew superviżorja tkun tista' tevita li din tfalli fi żmien raġonevoli. [Is-SRB], jekk iqis li l-kriterji kollha relatati mal-iskattar tar-riżoluzzjonijiet huma ssodisfati, għandu jadotta l-iskema ta' riżoluzzjoni. Il-proċedura relatata mal-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni, li tinvolvi lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, issaħħaħ l-indipendenza operattiva neċessarja [tas-SRB] filwaqt li tirrispetta l-prinċipji ta' delega ta' setgħat lill-aġenziji kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea […].

[…]

(58) Il-likwidazzjoni [stralċ] ta' entità li tkun qed tfalli skont proċeduri normali ta' insolvenza tista' tipperikola l-istabbiltà finanzjarja, tinterrompi l-provvediment ta' servizzi essenzjali u tolqot il-protezzjoni tad-depożitanti. F'dan il-każ hemm interess pubbliku fl-applikazzjoni ta' għodda ta' riżoluzzjoni. L-objettivi ta' riżoluzzjoni għandhom għalhekk ikunu li tiġi żgurata l-kontinwità ta' servizzi finanzjarji essenzjali, li tinżamm l-istabbiltà tas-sistema

finanzjarja, li jitnaqqas il-periklu morali billi tiġi mminimizzata d-dipendenza fuq l-għajnuna finanzjarja pubblika lil entitajiet li jkunu qed ifallu, u li jiġu protetti d-depożitanti.

[…]

(116) L-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni għandhom jiġu notifikati kif jixraq u, soġġetti għall-eċċezzjonijiet limitati stipulati f'dan ir-Regolament, magħmula pubbliċi. Madankollu, minħabba li l-informazzjoni miksuba [mis-SRB], mill-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni u mill-konsulenti professjonali tagħhom matul il-proċess tar-riżoluzzjoni x'aktarx tkun sensittiva, qabel ma d-deċiżjoni tar-riżoluzzjoni tkun magħmula pubblika, dik l-informazzjoni għandha tiġi soġġetta għar-rekwiżiti tas-sigriet professjonali. Il-fatt li l-informazzjoni dwar il-kontenut u d-dettalji ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni u r-riżultat ta' kwalunkwe valutazzjoni ta' dawk il-pjanijiet jista' jkollhom effetti b'firxa wiesgħa, b'mod partikolari fuq l-intrapriżi konċernati għandu jiġi kkunsidrat. Kwalunkwe informazzjoni pprovduta fir-rigward ta' deċiżjoni qabel ma tittieħed, kemm dwar jekk il-kondizzjonijiet għal riżoluzzjoni humiex sodisfatti, dwar l-użu ta' għodda speċifika kif ukoll dwar kwalunkwe azzjoni matul il-proċeduri, trid titqies li għandha effett fuq l-interessi pubbliċi u privati kkonċernati mill-azzjoni. Madankollu, informazzjoni li [s-SRB] u l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni jkunu qed jeżaminaw entità speċifika tista' tkun biżżejjed sabiex ikollha effetti negattivi fuq dik l-entità. Għaldaqstant jeħtieġ li jiġi żgurat li jkun hemm mekkaniżmi xierqa għaż-żamma tal-kunfidenzjalità ta' tali informazzjoni, bħalma huma l-kontenut u d-dettalji tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni u r-riżultat ta' kwalunkwe valutazzjoni mwettqa f'dak il-kuntest."

5 Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament SRM, is-SRB huwa, bl-istess mod bħall-Kunsill u bħall-Kummissjoni, suġġett, minn naħa, għall-istandards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni vinkolanti żviluppati mill-EBA u adottati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU 2010, L 331, p. 12), kif ukoll, min-naħa l-oħra, għal-linji gwida u għar-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-EBA bis-saħħa ta' dan ir-regolament tal-aħħar.

6 L-Artikolu 14 tar-Regolament SRM, intitolat "Objettivi ta'riżoluzzjoni", jipprovdi:

"1. Meta jaġixxu skont il-proċedura ta' riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 18, [is-SRB], il-Kunsill, u l-Kummissjoni u fejn rilevanti l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni, skont ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, għandhom jieħdu kont tal-objettivi ta' riżoluzzjoni, u jagħżlu l-għodod ta' riżoluzzjoni u s-setgħat ta' riżoluzzjoni li, fil-fehma tagħhom, jilħqu l-aħjar l-objettivi ta' riżoluzzjoni li huma rilevanti fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

2. L-objettivi ta' riżoluzzjoni msemmija fil-paragrafu 1 huma:

(a) li tiġi żgurata l-kontinwità tal-funzjonijiet kritiċi;

(b) li jiġu evitati effetti avversi sinifikanti fuq l-istabbiltà finanzjarja, b'mod partikolari permezz tal-prevenzjoni tal-kontaġju, inkluż lill-infrastrutturi tas-suq, u billi tinżamm id-dixxiplina tas-suq;

(c) li jiġu protetti l-fondi pubbliċi billi tiġi mminimizzata d-dipendenza fuq l-għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja;

(d) li jiġu protetti d-depożitanti koperti mid-[Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti (ĠU 2014, L 173, p. 149)] u l-investituri koperti mid-[Direttiva 97/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 1997 dwar skemi ta' kumpens għall-investitur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol.2, p. 311)];

(e) li jiġu protetti l-fondi u l-assi tal-klijenti.

Meta jfittxu li jiksbu l-objettivi msemmija fl-ewwel subparagrafu, [is-SRB], l-Kunsill, il-Kummissjoni u, fejn rilevanti, l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni, għandhom ifittxu li jimminimizzaw il-kost tar-riżoluzzjoni u jevitaw id-distruzzjoni tal-valur ħlief jekk neċessarju sabiex jinkisbu l-objettivi ta' riżoluzzjoni.

3. Soġġetti għal dispożizzjonijiet differenti ta' dan ir-Regolament, l-objettivi ta' riżoluzzjoni huma ta' sinifikat ugwali, u għandhom ikunu bbilanċjati, kif xieraq, man-natura u ċ-ċirkostanzi ta' kull każ."

7 L-Artikolu 15 ta' dan ir-regolament, intitolat "Prinċipji ġenerali li jirregolaw ir-riżoluzzjoni", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Meta jaġixxu skont il-proċedura ta' riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 18, [is-SRB], il-Kunsill, l-Kummissjoni u, fejn rilevanti, l-awtortitajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni, għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw li l-azzjoni ta' riżoluzzjoni tittieħed skont il-prinċipji li ġejjin:

(a) l-azzjonisti tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jġarrbu l-ewwel telf;

[…]"

8 L-Artikolu 18 tal-imsemmi regolament, intitolat "Proċedura ta' riżoluzzjoni", jipprovdi:

"1. [Is-SRB] għandu jadotta skema ta' riżoluzzjoni skont il-paragrafu 6 fir-rigward ta' entitajiet u gruppi msemmija fl-Artikolu 7(2), u lill-entitajiet u lill-gruppi msemmija fl-Artikolu 7(4)(b) u (5), fejn jintlaħqu l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dawk il-paragrafi, biss meta dan jivvaluta, matul is-sessjoni eżekuttiva tiegħu, hekk kif jirċievi komunikazzjoni skont ir-raba' subparagrafu jew fuq inizjattiva proprja, li ntlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-entità qed tfalli jew x'aktarx li tfalli;

(b) b'kont meħud taż-żmien u ta' ċirkostanzi rilevanti oħra, ma hemmx prospett raġonevoli li xi miżura alternattiva tas-settur privat, inklużi miżuri minn IPS, jew azzjoni ta' superviżjoni, inklużi miżuri ta' intervent bikri jew valwazzjoni negattiva jew konverżjoni tal-istrumenti kapitali rilevanti skont l-Artikolu 21, meħuda fir-rigward tal-entità, jistgħu jimpedixxu l-falliment tagħha f'limitu ta' żmien raġonevoli;

(c) hija meħtieġa azzjoni ta' riżoluzzjoni fl-interess pubbliku skont il-paragrafu 5.

Għandha ssir mill-BĊE valutazzjoni tal-kondizzjoni msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, wara konsultazzjoni [mas-SRB]. [Is-SRB], matul is-sessjoni eżekuttiva tiegħu, jista' jagħmel tali valutazzjoni biss wara li jkun informa lill-BĊE bl-intenzjoni tiegħu u biss jekk il-BĊE, fi żmien tlitt ijiem kalendarji wara li tkun waslet tali informazzjoni, ma jkunx għamel tali valutazzjoni. Il-BĊE għandu jipprovdi, mingħajr dewmien, [lis-SRB] bi kwalunkwe informazzjoni rilevanti li [s-SRB] jirrikjedi biex ikollu informazzjoni għall-valutazzjoni tiegħu.

Fejn l-BĊE jivvaluta li l-kondizzjoni msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu ntlaħqet fir-rigward ta' istituzzjoni jew grupp imsemmija fl-ewwel subparagrafu, huwa għandu jikkomunika dik il-valutazzjoni mingħajr dewmien lill-Kummissjoni u [lis-SRB].

Il-valutazzjoni tal-kondizzjoni msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu għandha ssir [mis-SRB], matul is-sessjoni eżekuttiva tiegħu, jew, fejn applikabbli, mill-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-BĊE. Il-BĊE jista' jinforma wkoll [lis-SRB] jew lill-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni konċernati li huwa jqis li l-kondizzjoni stipulata f'dak il-punt ġiet sodisfatta.

2. Mingħajr preġudizzju għal każijiet fejn il-BĊE ddeċieda li jeżerċità direttament il-kompiti superviżorji relatati mal-istituzzjonijiet ta' kreditu skont l-Artikolu 6(5)(b) tar-[Regolament Nru 1024/2013], fil-każ tar-riċezzjoni ta' komunikazzjoni skont il-paragrafu 1 jew fejn [is-SRB] ikollu l-intenzjoni jagħmel valutazzjoni skont il-paragrafu 1 fuq inizjattiva proprja, fir-rigward ta' entità jew grupp imsemmi fl-Artikolu 6a(3), [is-SRB] għandu jikkomunika dik il-valutazzjoni lill-BĊE mingħajr dewmien.

[…]

4. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 1, l-entità għandha titqies li qed tfalli jew li x'aktarx tfalli f'waħda jew iżjed miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) l-entità qed tikser jew hemm elementi oġġettivi li jsostnu deteminazzjoni li l-istituzzjoni, fil-futur qrib, ser tkun qed tikser ir-rekwiżiti għall-kontinwazzjoni tal-awtorizzazzjoni b'mod li jkun jiġġustifika l-irtirar tal-awtorizzazzjoni mill-BĊE, inkluż iżda mhux biss, il-fatt li l-istituzzjoni ġarrbet jew x'aktarx iġġarrab telf li se juża l-fondi proprji kollha jew ammont sinifikanti minnhom;

(b) l-assi tal-entità huma, jew hemm elementi oġġettivi li jsostnu determinazzjoni li l-assi tal-entità se jkunu, fil-futur qrib, inqas mill-obbligazzjonijiet tagħha;

(c) l-entità hija, jew hemm elementi oġġettivi li jsostnu determinazzjoni li dik l-entità se tkun, fil-futur qrib, f'pożizzjoni li ma tistax tħallas id-dejn tagħha jew obbligazzjonijiet oħrajn malli jsiru dovuti;

(d) hija meħtieġa għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja ħlief fejn, sabiex jiġi rimedjat taqlib serju fl-ekonomija ta' Stat Membru u tinżamm l-istabbiltà finanzjarja, dik l-għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja tieħu xi waħda minn dawn l-għamliet

[…]

5. Għall-finijiet tal-punt (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, azzjoni ta' riżoluzzjoni għandha tiġi ttrattata bħala fl-interess pubbliku jekk tkun neċessarja għall-kisba ta' objettiv ta' riżoluzzjoni

wieħed jew aktar u hija proporzjonata magħhom kif speċifikat fl-Artikolu 14 u l-istralċ tal-entità skont proċedimenti normali ta' insolvenza ma jilħaqx dawn l-objettivi ta' riżoluzzjoni sal-istess punt.

6. Jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, il-Bord għandu jadotta skema ta' riżoluzzjoni. L-iskema ta' riżoluzzjoni għandha:

(a) tqiegħed lill-entità taħt riżoluzzjoni;

(b) tiddetermina l-applikazzjoni tal-għodod ta' riżoluzzjoni lill-istituzzjoni taħt rizoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 22(2), b'mod partikolari kwalunkwe esklużjonimill-applikazzjoni ta' rikapitalizzazzjoni interna skont l-Artikolu 27(5) u (14);

(c) tiddetermina l-użu tal-Fond biex jappoġġa l-azzjoni ta' riżoluzzjoni skont l-Artikolu 76 u skont deċiżjoni tal-Kummissjoni meħuda skont l-Artikolu 19.

7. Immedjatament wara l-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni, [is-SRB] għandu jitrażmettiha lill-Kummissjoni.

Fi żmien 24 siegħa mit-trażmissjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni [mis-SRB], il-Kummissjoni għandha jew tapprova l-iskema ta' riżoluzzjoni, jew toġġezzjonaha fir-rigward tal-aspetti ta' diskrezzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni f'każijiet li mhumiex koperti fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Fi żmien 12-il siegħa mit-trażmissjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni [mis-SRB], il-Kummissjoni tista' tipproponi lill-Kunsill biex:

(a) joġġezzjona għall-iskema ta' riżoluzzjoni fuq il-bażi li l-iskema ta' riżoluzzjoni adottata [mis-SRB] ma tissodisfax il-kriterju tal-interess pubbliku msemmi fil-paragrafu 1(c);

(b) japprova jew joġġezzjona modifika materjali tal-ammont tal-Fond prevista fl-iskema ta' riżoluzzjoni [tas-SRB].

[…]

8. Fil-każ fejn il-Kunsill joġġezzjona għat-tqegħid ta' istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, fuq il-bażi li ma jkunux se jintlaħaq il-kriterju tal-interess pubbliku msemmi fil-paragrafu 1(c), l-entità rilevanti għandha tiġi stralċjata b'mod adegwat skont il-liġi nazzjonali applikabbli.

[…]"

9 L-Artikolu 20 tal-imsemmi regolament, intitolat "Valwazzjoni tal-għanijiet ta' riżoluzzjoni [Valutazzjoni għall-finijiet ta' riżoluzzjoni]" jipprovdi:

"1. Qabel jiddeċiedi dwar azzjoni ta' riżoluzzjoni jew l-eżerċizzju tas-setgħa li jagħmel valwazzjoni negattiva jew jikkonverti strumenti kapitali rilevanti, [is-SRB] għandu jiżgura li titwettaq valwazzjoni ġusta, prudenti u realistika tal-assi u l-obbligazzjonijiet ta' entità msemmija fl-Artikolu 2 minn persuna indipendenti minn kwalunkwe awtorità pubblika, inkluż [is-SRB] u l-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni, u mill-entità konċernata.

2. Soġġett għall-paragrafu 15, fejn ir-rekwiżiti kollha stipulati fil-paragrafi 1 u 4 sa 9 jiġu sodisfatti, il-valwazzjoni għandha titqies bħala definittiva.

3. Fejn valwazzjoni indipendenti skont il-paragrafu 1 ma tkunx possibbli, [is-SRB] jista' jwettaq valwazzjoni provviżorja tal-assi u l-obbligazzjonijiet tal-entità msemmija fl-Artikolu 2, skont il-paragrafu 10 ta' dan l-Artikolu.

4. L-objettiv tal-valwazzjoni jkun li tivvaluta l-valur tal-assi u l-obbligazzjonijiet ta' entità msemmija fl-Artikolu 2 li tissodisfa l-kondizzjonijiet għal riżoluzzjoni tal-Artikoli 16 u 18.

5. L-għanijiet tal-valwazzjoni għandhom ikunu:

(a) li tingħata informazzjoni biex jiġi ddeterminat jekk il-kondizzjonijiet tar-riżoluzzjoni jew il-kondizzjonijiet għall-valwazzjoni negattiva jew il-konverżjoni tal-istrumenti kapitali intlaħqux;

(b) jekk il-kondizzjonijiet għar-riżoluzzjoni ntlaħqu, li tingħata informazzjoni biex tittieħed deċiżjoni dwar l-azzjoni xierqa ta' riżoluzzjoni li għandha tittieħed fir-rigward ta' entità msemmija fl-Artikolu 2;

(c) meta tiġi applikata s-setgħa ta' valwazzjoni negattiva jew konverżjoni tal-istrumenti kapitali rilevanti, li tingħata informazzjoni biex tittieħed deċiżjoni dwar kemm għandhom jiġu kkanċellati jew dilwiti l-istrumenti ta' sjieda, u kemm għandhom jiġu valwati negattivament u jiġu kkonvertiti l-istrumenti kapitali rilevanti;

(d) meta tiġi applikata l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna, li tingħata informazzjoni biex tittieħed deċiżjoni dwar kemm għandhom jiġu valwati negattivament jew jiġu kkonvertiti l-obbligazzjonijiet eliġibbli;

(e) meta tiġi applikata l-għodda ta' istituzzjoni tranżitorja jew l-għodda ta' separazzjoni tal-assi, li tingħata informazzjoni biex tittieħed id-deċiżjoni dwar l-assi, id-drittijiet, l-obbligazzjonijiet jew l-strumenti ta' sjieda li għandhom jiġu trasferiti u d-deċiżjoni dwar il-valur ta' kwalunkwe korrispettiv li għandu jitħallas lill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jew, skont il-każ, lis-sidien tal-istrumenti ta' sjieda;

(f) meta tiġi applikata l-għodda tal-bejgħ ta' operat, li tingħata informazzjoni biex tittieħed deċiżjoni dwar l-assi, id-drittijiet, l-obbligazzjonijiet jew l-istrumenti l-oħra ta' sjieda li għandhom jiġu ttrasferiti u biex jgħinu [lis-SRB] jifhem x'jikkostitwixxi termini kummerċjali għall-finijiet tal-Artikolu 24(2)(b);

(g) fil-każijiet kollha, biex jiġi żgurat li kwalunkwe telf fuq l-assi ta' entità msemmija fl-Artikolu 2 jiġi rikonoxxut bis-sħiħ meta jiġu applikati l-għodod ta' riżoluzzjoni jew jiġu eżerċitati s-setgħat ta' valwazzjoni negattiva jew konverżjoni tal-istrumenti kapitali rilevanti.

6. Bla ħsara għall-qafas tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, fejn applikabbli, il-valwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq suppożizzjonijiet prudenzjali, inklużi r-rati ta' inadempjenza u l-gravità tat-telf. Il-valwazzjoni ma tassumi l-ebda għoti potenzjali fil-futur ta' kwalunkwe għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja kwalunkwe assistenza ta' likwidità ta' emerġenza minn bank ċentrali, jew kwalunkwe assistenza ta' likwidità minn bank ċentali pprovduta skont termini […] mhux standard […].

[…]

10. Fejn, minħabba urġenza taċ-ċirkostanzi tal-każ, jew ma tkunx possibbli konformità mar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 7 u 9, jew ikun japplika l-paragrafu 3, għandha titwettaq valwazzjoni provviżorja. Il-valwazzjoni provviżorja għandha tkun konformi mar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 4 u, sa fejn raġonevolment prattikabbli fiċ-ċirkostanzi, mar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 1, 7 u 9. Il-valwazzjoni provviżorja msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tinkludi buffer għal telf addizzjonali, b'ġustifikazzjoni xierqa.

11. Valwazzjoni li ma tikkonformax mar-rekwiżiti kollha stipulati fil-paragrafi 1, u 4 sa 9 għandha titqies bħala provviżorja sakemm persuna indipendenti kif imsemmi fil-paragrafu 1 twettaq valwazzjoni li tkun konformi bis-sħiħ mar-rekwiżiti kollha stipulati f'dawk il-paragrafi. Dik il-valwazzjoni ex-post definittiva għandha titwettaq hekk malli jkun prattikabbli. Tista' titwettaq separatament mill-valwazzjoni msemmija fil-paragrafi 16, 17 u 18, jew simultanjament magħha u mill-istess persuna indipendenti bħall-valwazzjoni, li iżda għandha tkun distinta minnha. L-għanijiet tal-valwazzjoni ex-post definittiva għandhom ikunu:

(a) li jiġi żgurat li kwalunkwe telf fl-assi ta' entità msemmija fl-Artikolu 2 jiġu rikonoxxuti bis-sħiħ fil-kotba tal-kontabbiltà ta' dik l-entità;

(b) tipprovdi informazzjoni biex tittieħed id-deċiżjoni li ssir valwazzjoni negattiva tal-pretensjonijiet tal-kredituri jew li jiżdied il-valur tal-korrispettiv imħallas, skont il-paragrafu 12 ta' dan l-Artikolu.

12. Fil-każ li l-istima tal-valwazzjoni ex-post definittiva tal-valur tal-assi netti ta' entità msemmija fl-Artikolu 2 tkun ogħla mill-istima tal-valwazzjoni provviżorja tal-valur tal-assi netti ta' dik l-entità, il-Bord jista' jitlob lill-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni biex:

(a) teżerċita s-setgħat tagħha li żżid il-valur tal-pretensjonijiet tal-kredituri jew tas-sidien ta' strumenti kapitali rilevanti li tagħmel valwazzjoni negattiva bl-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna;

(b) jagħti struzzjonijiet lil istituzzjoni tranżitorja jew mezz ta' mmaniġġjar tal-assi li jħallas aktar korrispettiv fir-rigward tal-assi, id-drittijiet jew l-obbligazzjonijiet lil istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, jew skont il-każ, fir-rigward tal-istrumenti ta' sjieda lis-sidien ta' dawk l-istrumenti ta' sjieda.

13. Minkejja l-paragrafu 1, valwazzjoni provviżorja mwettqa skont il-paragrafi 10 u 11 għandha tkun bażi valida [għas-SRB] biex jieħu deċiżjoni dwar azzjonijiet ta' riżoluzzjoni, inkluż l-għoti ta' istruzzjonijiet lill-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni biex jieħdu l-kontroll ta' istituzzjoni li qed tfalli jew li jeżerċita setgħat ta' valwazzjoni negattiva jew konverżjoni tal-istrumenti kapitali rilvanti.

[…]

15. Il-valwazzjoni għandha tkun parti integrali tad-deċiżjoni li jiġi applikat strument ta' riżoluzzjoni jew eżerċitata setgħa ta' riżoluzzjoni, jew id-deċiżjoni li tiġi eżerċitata s-setgħa ta' valwazzjoni negattiva jew konverżjoni tal-istrumenti kapitali. Il-valwazzjoni nnifisha ma għandhiex tkun soġġetta għal dritt ta' appell separat iżda tista' tkun soġġetta għal appell flimkien mad-deċiżjoni [tas-SRB].

16. Għall-finijiet li jiġi vvalutat jekk l-azzjonisti u l-kredituri kinux jieħdu trattament aħjar li kieku l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni daħlet fi proċedimenti normali ta' insolvenza, [is-SRB] għandu jiżgura li tiġi mwettqa valwazzjoni minn persuna indipendenti kif imsemmi fil-paragrafu 1 malajr kemm jista' jkun wara li jkunu daħlu fis-seħħ l-azzjoni jew l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni. Dik il-valwazzjoni għandha tkun separata mill-valwazzjoni mwettqa skont il-paragrafi minn 1 sa 15.

[…]"

10 L-Artikolu 21 tar-Regolament SRM, intitolat "Valwazzjoni negattiva u konverżjoni ta' strumenti kapitali", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"[Is-SRB] għandu jeżerċita s-setgħa li jagħmel valwazzjoni negattiva jew konverżjoni ta' strumenti kapitali rilevanti billi jaġixxi skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18, fir-rigward tal-entitajiet u l-gruppi msemmija fl-Artikolu 7(2), u lill-entitajiet u l-gruppi msemmija fl-Artikolu 7(4)(b) u (5), fejn jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dawk il-paragrafi, biss fejn jivvaluta, fis-sessjoni eżekuttiva tiegħu, hekk kif jirċievi komunikazzjoni skont it-tieni subparagrafu jew fuq inizjattiva proprja, li tkun ġiet sodisfatta kondizzjoni waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) fejn ikun ġie stabbilit li jkunu ntlaħqu l-kondizzjonijiet għal riżoluzzjoni speċifikati fl-Artikoli 16 u 18 qabel ma tkun ittieħdet kwalunkwe azzjoni ta' riżoluzzjoni;

[…]"

11 L-Artikolu 22 ta' dan ir-regolament, intitolat "Prinċipji ġenerali tal-għodod ta' riżoluzzjoni", jipprovdi:

"1. Fejn [is-SRB] jiddeċiedi li japplika għodda ta' riżoluzzjoni fuq entità jew grupp imsemmija fl-Artikolu 7(2) jew fuq entità jew grupp imsemmija fl-Artikolu 7(4)(b) u (5) fejn il-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dawk il-paragrafi huma sodisfatti u dik l-azzjoni ta' riżoluzzjoni tirriżulta f'telf li jiġġarrab mill-kredituri jew il-pretensjonijiet tagħhom jiġu kkonvertiti, [is-SRB] għandu jagħti istruzzjonijiet lill-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni biex jeżerċita s-setgħa biex jagħmel valwazzjoni negattiva u jikkonverti l-istrumenti kapitali rilevanti skont l-Artikolu 21 immedjatament qabel jew flimkien mal-applikazzjoni tal-għodda ta' riżoluzzjoni.

2. L-għodod ta' riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 18(6)(b) huma dawn li ġejjin:

(a) l-għodda tal-bejgħ ta' operat;

(b) l-għodda ta' istituzzjoni tranżitorja;

(c) l-għodda ta' separazzjoni tal-assi;

(d) l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna.

[…]

4. L-għodod ta' riżoluzzjoni għandhom jiġu applikati biex ikunu sodisfatti l-objettivi ta' riżoluzzjoni speċifikati fl-Artikolu 14, skont il-prinċipji ta' riżoluzzjoni speċifikati fl-Artikolu 15.

Huma jistgħu jiġu applikati individwalment jew fi kwalunkwe kumbinazzjoni, ħlief għall-għodda ta' separazzjoni tal-assi li tista' tiġi applikata biss flimkien ma' għodda oħra ta' riżoluzzjoni.

[…]"

12 L-Artikolu 24 tal-imsemmi regolament, intitolat "Għodda tal-bejgħ ta' operat", huwa fformulat kif ġej:

"1. Fi ħdan l-iskema ta' riżoluzzjoni, l-għodda tal-bejgħ ta' operat għandha tikkonsisti fit-trasferiment għand xerrej li mhuwiex istituzzjoni tranżitorja ta' dan li ġej:

(a) strumenti ta' sjieda maħruġa minn istituzzjoni taħt riżoluzzjoni; jew

(b) l-assi, id-drittijiet jew l-obbligazzjonijiet kollha ta' istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jew kwalunkwe waħda minn dawn.

2. Dwar l-għodda tal-bejgħ ta' operat, l-iskema ta' riżoluzzjoni għandha tistabbilixxi:

[…]

(b) it-termini kummerċjali, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi u l-ispejjeż u l-infiq imġarrba fil-proċess tar-riżoluzzjoni, skont liema l-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni għandha tagħmel trasferiment f'konformità mal-Artikolu 38(2), (3) u (4) tad-[Direttiva 2014/59];

[…]

(d) l-arranġamenti għall-kummerċjalizzazzjoni mill-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni ta' dik l-entità jew dawk l-istrumenti, l-assi, id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet skont l-Artikolu 39(1) u (2) tad-[Direttiva 2014/59];

(e) jekk il-konformità mar-rekwiżiti tal-kummerċjalizzazzjoni mill-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni x'aktarx li thedded l-objettivi ta' riżoluzzjoni skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

3. [Is-SRB] għandu japplika l-għodda tal-bejgħ ta' operat mingħajr ma jissodisfa r-rekwiżiti tal-kummerċjalizzazzjoni stipulati fil-punt (e) tal-paragrafu 2 meta jiddetermina li l-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti x'aktarx timmina xi wieħed jew aktar mill-objettivi ta' riżoluzzjoni u b'mod partikolari jekk ikunu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) iqis li hemm theddida materjali għall-istabbiltà finanzjarja li tinħoloq jew tiġi aggravata mill-falliment u l-falliment possibbli tal-istituzzjoni taħt ir-riżoluzzjoni; u

(b) jqis li l-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti x'aktarx thedded l-effettività tal-għodda tal-bejgħ ta' operat fl-indirizzar ta' dik it-theddida jew biex jintlaħaq l-objettiv ta' riżoluzzjoni speċifikat fil-punt (b) tal-Artikolu 14(2)."

13 L-Artikolu 29 tar-Regolament SRM jirregola l-implimentazzjoni, mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali u mis-SRB, tad-deċiżjonijiet meħuda bis-saħħa ta' dan ir-regolament u jipprovdi, fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 5 tiegħu, li s-SRB għandu jippubblika fuq is-sit Internet uffiċjali tiegħu jew kopja tal-iskema ta' riżoluzzjoni, jew komunikazzjoni li tiġbor fil-qosor l-effetti tal-azzjoni ta' riżoluzzjoni, b'mod partikolari l-effetti fuq il-klijenti bl-imnut.

14 L-Artikolu 34 tal-imsemmi regolament, intitolat "Talbiet għall-informazzjoni", jipprovdi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Għall-finijiet tat-twettiq tal-kompiti skont dan ir-Regolament, [is-SRB] jista', permezz tal-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni jew direttament wara li jinfurmahom, jagħmel użu sħiħ tal-informazzjoni kollha disponibbli lill-BĊE jew lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, jitlob lil persuni ġuridiċi jew fiżiċi li ġejjin biex jipprovdu l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex iwettaq il-kompiti konferiti lilu minn dan ir-Regolament:

(a) l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 2;

(b) l-impjegati tal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 2;

(c) partijiet terzi li l-entitajiet msemmija fl-Artikolu 2 ikunu esternalizzawlhom funzjonijiet jew attivitajiet.

2. L-entitajiet u l-persuni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tipprovdi l-informazzjoni mitluba skont dak il-paragrafu. Ir-rekwiżiti tas-segretezza professjonali ma għandhomx jeżentaw lil dawk l-entitajiet u l-persuni mid-dover li jipprovdu dik l-informazzjoni. L-għoti tal-informazzjoni mitluba ma għandux jitqies bħala ksur tar-rekwiżiti tas-segretezza professjonali."

15 L-Artikolu 76(1)(e) tar-Regolament SRM jipprovdi li, fil-kuntest tal-iskema ta' riżoluzzjoni, is-SRB jista' juża l-Fond, sa fejn ikun neċessarju għall-applikazzjoni effettiva tal-għodod ta' riżoluzzjoni, sabiex jikkumpensa lill-azzjonisti jew lill-krediturі jekk, wara valutazzjoni skont l-Artikolu 20(5) ta' dan ir-regolament, huma jkunu ġarrbu telf ikbar minn dak li kieku kienu jġarrbu, wara valutazzjoni skont l-Artikolu 20(16) tal-imsemmi regolament, fi stralċ skont proċeduri normali ta' insolvenza.

16 Skont l-Artikolu 88(1) tal-istess regolament, intitolat "Segretezza professjonali u skambju ta' informazzjoni":

"Il-membri [tas-SRB], il-Viċi President, il-membri [tas-SRB] kif imsemmi fl-Artikolu 43(1)(b), il-persunal [tas-SRB] u l-persunal ta' skambju ma' jew issekondat minn Stati Membri parteċipanti li jwettqu dmirijiet ta' riżoluzzjoni għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti tas-segretezza professjonali skont l-Artikolu 339 TFUE u d-dispożizzjonijiet rilevanti fil-leġislazzjoni tal-Unjoni, anki wara li dmirijiethom ikunu spiċċaw. B'mod partikolari għandhom ikunu pprojbiti milli jiżvelaw informazzjoni kunfidenzjali li jkunu rċevew matul l-attivitajiet professjonali tagħhom jew minn awtorità kompetenti jew awtorità ta' riżoluzzjoni b'rabta mal-funzjonijiet tagħhom skont dan ir-Regolament, lil kwalunkwe persuna jew awtorità, sakemm dan ma jkunx fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom skont dan ir-Regolament jew f'sommarju jew forma kollettiva b'tali mod li l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 2 ma jkunux jistgħu jiġu identifikati jew bil-kunsens espliċitu u minn qabel tal-awtorità jew l-entità li tkun forniet l-informazzjoni.

L-informazzjoni soġġetta għar-rekwiżiti tas-segretezza professjonali ma għandhiex tiġi żvelata lil entità pubblika jew privata oħra għajr meta tali żvelar ikun meħtieġ għall-fini ta' proċess legali.

Dawk ir-rekwiżiti għandhom japplikaw ukoll għal akkwirenti potenzjali kkuntattjati sabiex iħejju għar-riżoluzzjoni ta' entità skont l-Artikolu 13(3)."

17 L-Artikolu 90 tar-Regolament SRM, intitolat "Aċċess għad-dokumenti", huwa fformulat kif ġej:

"1. Ir-[Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331)] għandu japplika għad-dokumenti miżmuma [mis-SRB].

[…]

4. Il-persuni li jkunu s-suġġett tad-deċiżjonijiet [tas-SRB] għandhom ikunu intitolati li jkollhom aċċess għall-fajl [tas-SRB], soġġett għall-interess leġittimu ta' persuni oħra fil-ħarsien tas-sigrieti tan-negozju tagħhom. Id-dritt ta' aċċess għall-fajl ma għandux ikun estiż għal informazzjoni kunfidenzjali jew għad-dokumenti preparatorji interni [tas-SRB]."

II. Il-fatti li wasslu għall-kawża

18 Banco Popular Español SA (iktar 'il quddiem "Banco Popular") kienet istituzzjoni ta' kreditu suġġetta għas-superviżjoni prudenzjali diretta tal-BĊE.

19 Aeris Invest Sàrl hija persuna ġuridika rregolata mid-dritt Lussemburgiż li kienet azzjonista ta' Banco Popular.

A. Is-sitwazzjoni finanzjarja ta' Banco Popular fl-2016 u fl-2017

20 Il-fatti relatati mal-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika ta' Banco Popular fl-2016 u fl-2017, li huma mfissra fil-punti 26 sa 46 tas-sentenza appellata, jistgħu jinġabru fil-qosor bil-mod kif ġej.

21 Fl-2016, Banco Popular żiedet il-kapital b'EUR 2.5 biljun.

22 Fil-5 ta' Diċembru 2016, is-Sessjoni Eżekuttiva tas-SRB adottat pjan ta' riżoluzzjoni għall-grupp Banco Popular (iktar 'il quddiem il-"pjan ta' riżoluzzjoni tal-2016"). L-għodda ta' riżoluzzjoni ppreferuta fil-pjan ta' riżoluzzjoni tal-2016 kienet l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna prevista fl-Artikolu 27 tar-Regolament SRM.

23 Fit-3 ta' Frar 2017, Banco Popular ippubblikat ir-rapport annwali tagħha tal-2016, li fih ħabbret il-ħtieġa għal provvedimenti eċċezzjonali fl-ammont ta' EUR 5.7 biljun, b'telf ikkonsolidat ta' EUR 3.485 biljun, kif ukoll il-ħatra ta' president ġdid.

24 Fl-10 ta' Frar 2017, DBRS Ratings Ltd (DBRS), li saret DBRS Morningstar, baxxiet ir-rating ta' Banco Popular, bi prospetti negattivi, fid-dawl tas-sitwazzjoni kapitali mdgħajfa ta' Banco Popular bħala konsegwenza ta' telf nett ikbar minn dak previst fir-rapport annwali tagħha, imsemmija fil-punt 23 ta' din is-sentenza, kif ukoll tal-isforzi minn Banco Popular sabiex tnaqqas l-istokk elevat tagħha ta' assi li ma jrendux (non-performing assets).

25 Fit-3 ta' April 2017, Banco Popular ħabbret ir-riżultati tal-awditi interni li jindikaw li jistgħu jkunu meħtieġa korrezzjonijiet għar-rapport annwali tal-2016. Dawn l-aġġustamenti twettqu fir-rapport finanzjarju ta' Banco Popular għall-ewwel tliet xhur tal-2017.

26 Wara din it-tħabbira, DBRS Morningstar, fis-6 ta' April, baxxiet ir-rating ta' Banco Popular filwaqt li żammet il-prospetti negattivi tagħha. Standard & Poor's, fis-7 ta' April, u Moody's Investors service (iktar 'il quddiem "Moody's"), fil-21 ta' April 2017, ukoll baxxew ir-rating ta' Banco Popular bi prospetti negattivi.

27 Fl-10 ta' April 2017, fil-laqgħa ġenerali tal-azzjonisti ta' Banco Popular, il-President tal-Bord tad-Diretturi ħabbar li l-bank kien qiegħed jikkunsidra jew żieda fil-kapital, jew tranżazzjoni korporattiva minħabba s-sitwazzjoni kapitali tal-grupp u l-livell ta' assi tiegħu li ma jrendux. Il-President-Direttur Ġenerali ta' Banco Popular ġie ssostitwit inqas minn sena wara li beda l-mandat tiegħu.

28 F'April 2017, Banco Popular bdiet proċedura ta' bejgħ privat bil-għan li tinbiegħ lil kompetitur b'saħħtu u li, b'hekk, tiġi rripristinata s-sitwazzjoni finanzjarja tagħha. Ix-xerrejja potenzjali interessati fl-akkwist ta' Banco Popular kellhom jissottomettu l-offerta tagħhom mhux iktar tard mill-10 ta' Ġunju 2017.

29 Fil-5 ta' Mejju 2017, Banco Popular ippreżentat ir-rapport finanzjarju tagħha għall-ewwel tliet xhur tal-2017 u fih ħabbret telf fl-ammont ta' EUR 137 miljun.

30 Fit-12 ta' Mejju 2017, ir-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità (liquidity coverage requirement) ta' Banco Popular waqa' taħt il-limitu minimu ta' 80 % stabbilit fl-Artikolu 460(2)(c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU 2013, L 176, p. 1).

31 Permezz ta' ittra tas-16 ta' Mejju 2017, Banco Santander, SA informat lil Banco Popular li hija ma kinitx f'pożizzjoni li tippreżenta offerta definittiva fil-proċedura ta' bejgħ privat.

32 Fis-16 ta' Mejju 2017, Banco Popular, f'komunikazzjoni ta' fatt rilevanti lill-Comisión nacional del mercado de valores (il-Kummissjoni Nazzjonali tas-Suq tat-Titoli, Spanja), indikat li xerrejja potenzjali kienu esprimew l-interess tagħhom fil-proċedura ta' bejgħ privat, iżda li ma kienet saret ebda offerta definittiva.

33 Fid-19 ta' Mejju 2017, l-aġenzija Fitch Ratings Ltd baxxiet ir-rating fit-tul (long-term rating) ta' Banco Popular.

34 Fit-23 ta' Mejju 2017, il-Presidenta tas-SRB, Elke König, tat intervista lill-istazzjon televiżiv Bloomberg, li matulha ġiet mistoqsija, b'mod partikolari, dwar is-sitwazzjoni ta' Banco Popular.

35 Matul ix-xahar ta' Mejju 2017, diversi artikli tal-istampa rrapportaw id-diffikultajiet ta' Banco Popular.

36 Fl-ewwel jiem ta' Ġunju 2017, Banco Popular ħabbtet wiċċha ma' ġbid massiv ta' likwidità.

37 Fil-5 ta' Ġunju 2017, Banco Popular ressqet, filgħodu, l-ewwel talba għal assistenza urġenti ta' likwidità lil Banco de España (il-Bank ta' Spanja), imbagħad, waranofsinhar, it-tieni talba li kien fiha estensjoni tal-ammont mitlub, minħabba movimenti kbar ta' likwidità. Fuq talba tal-Bank ta' Spanja u wara l-evalwazzjoni dakinhar stess tal-BĊE tat-talba ta' Banco Popular għal assistenza urġenti ta' likwidità, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE ma qajjem ebda oġġezzjoni għal assistenza urġenti ta' likwidità lil Banco Popular għall-perijodu sat-8 ta' Ġunju 2017. Banco Popular irċeviet parti minn din l-assistenza urġenti ta' likwidità, u sussegwentement il-Bank ta' Spanja indika li ma kienx f'pożizzjoni li jagħti assistenza urġenti ta' likwidità supplimentari lil Banco Popular.

B. L-iżvolġiment tal-proċedura ta' riżoluzzjoni

38 Fil-punti 47 sa 67 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali fissret il-fatti relatati mal-iżvolġiment tal-proċedura ta' riżoluzzjoni, li jistgħu jinġabru fil-qosor bil-mod kif ġej.

39 Fit-23 ta' Mejju 2017, is-SRB inkariga lid-ditta tal-awditjar Deloitte (iktar 'il quddiem "Deloitte"), bħala espert indipendenti, sabiex twettaq il-valutazzjoni ta' Banco Popular skont l-Artikolu 20 tar-Regolament SRM.

40 Fl-24 ta' Mejju 2017, is-SRB talab mingħand Banco Popular, abbażi tal-Artikolu 34 tar-Regolament SRM, l-informazzjoni meħtieġa sabiex iwettaq il-valutazzjoni tiegħu. Fit-2 ta' Ġunju 2017, huwa talab ukoll lil Banco Popular tipprovdi informazzjoni dwar il-proċedura ta' bejgħ privat u sabiex tipprovdi aċċess għall-kamra virtwali tad-data (virtual data room) sikura li din tal-aħħar kienet stabbilixxiet fil-kuntest ta' din il-proċedura.

41 Fit-3 ta' Ġunju 2017, is-Sessjoni Eżekuttiva tas-SRB adottat id-Deċiżjoni SRB/EES/2017/06, indirizzata lill-Fondo de Reestructuración Ordenada Bancaria (FROB) (il-Fond għal Ristrutturazzjoni Ordnata tal-Banek, Spanja), dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' Banco Popular. Is-SRB approva l-bidu immedjat tal-proċedura ta' bejgħ ta' Banco Popular mill-FROB u għarraf lil dan tal-aħħar bir-rekwiżiti relatati mal-bejgħ skont l-Artikolu 39 tad-Direttiva 2014/59. Is-SRB indika b'mod partikolari li l-FROB kellu jikkuntattja lill-ħames xerrejja potenzjali li kienu mistiedna jissottomettu offerta fil-proċedura ta' bejgħ privat.

42 Fost il-ħames xerrejja potenzjali, tnejn iddeċidew li ma jipparteċipawx fil-proċedura ta' bejgħ u wieħed ġie eskluż mill-BĊE għal raġunijiet prudenzjali.

43 Fl-4 ta' Ġunju 2017, iż-żewġ xerrejja potenzjali li kienu ddeċidew li jipparteċipaw fil-proċedura ta' bejgħ, Banco Santander u Banco Bilbao Vizcaya Argentaria SA, iffirmaw ftehim ta' nuqqas ta' żvelar (non-disclosure agreement) u, fil-5 ta' Ġunju 2017, ingħataw aċċess għall-kamra virtwali tad-data.

44 Fil-5 ta' Ġunju 2017, is-SRB adotta l-ewwel valutazzjoni (iktar 'il quddiem il-"Valutazzjoni 1") skont l-Artikolu 20(5)(a) tar-Regolament Nru 806/2014, li kellha l-għan li tipprovdi l-elementi li jippermettu li jiġi ddeterminat jekk kinux issodisfatti l-kundizzjonijiet għal riżoluzzjoni, kif iddefiniti fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(1) ta' dan ir-regolament.

45 Fis-6 ta' Ġunju 2017, il-BĊE wettaq evalwazzjoni dwar is-sitwazzjoni ta' falliment li qiegħed iseħħ jew li x'aktarx ser iseħħ ta' Banco Popular, wara li kkonsulta lis-SRB, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(1) tal-imsemmi regolament.

46 Mill-punt 61 tas-sentenza appellata jirriżulta li, wara din l-evalwazzjoni, il-BĊE, filwaqt li ħa inkunsiderazzjoni l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' Banco Popular fl-2016 u fl-2017, kif miġbur fil-qosor fil-punti 21 sa 37 ta' din is-sentenza, u b'mod partikolari l-ħruġ eċċessiv ta' depożiti, il-ħeffa li biha l-bank kien qiegħed jitlef il-likwidità u l-inkapaċità tiegħu li jiġġenera iktar likwidità, qies li kienu jeżistu elementi oġġettivi li jindikaw li Banco Popular probabbilment ma kinitx ser tkun f'pożizzjoni, fil-futur qarib, li tħallas id-djun tagħha jew passiv ieħor meta jimmatura. Il-BĊE kkonkluda li l-falliment ta' Banco Popular kien qiegħed iseħħ jew, fi kwalunkwe każ, kien x'aktarx ser iseħħ fil-futur qarib, skont l-Artikolu 18(1)(a) u l-Artikolu 18(4)(c) tar-Regolament SRM.

47 Fl-istess jum, Banco Popular informat lill-BĊE li l-Bord tad-Diretturi tagħha kien wasal għall-konklużjoni li l-bank kien x'aktarx ser ifalli.

48 Il-fatti relatati mal-proċedura ta' bejgħ, kif jirriżultaw mill-punti 63 sa 67 tas-sentenza appellata, jistgħu jinġabru fil-qosor bil-mod kif ġej.

49 Permezz ta' ittra tas-6 ta' Ġunju 2017, il-FROB ikkomunika l-informazzjoni dwar il-proċedura ta' bejgħ u li stipulat li l-offerti kellhom isiru sa nofsillejl tas-6 ta' Ġunju 2017.

50 Dakinhar stess, Banco Bilbao Vizcaya Argentaria, wieħed miż-żewġ xerrejja potenzjali ta' Banco Popular, informat lill-FROB li ma kinitx ser tagħmel offerta.

51 Ukoll fis-6 ta' Ġunju 2017, Deloitte bagħtet lis-SRB it-tieni valutazzjoni (iktar 'il quddiem il-"Valutazzjoni 2"), li tfasslet skont l-Artikolu 20(10) tar-Regolament SRM. L-għan tal-Valutazzjoni 2 kien li jiġi stmat il-valur tal-attiv u tal-passiv ta' Banco Popular, li jiġi evalwat it-trattament li minnu kienu jibbenefikaw l-azzjonisti u l-krediturі li kieku Banco Popular kienet suġġetta għal proċeduri normali ta' insolvenza, kif ukoll li tipprovdi l-elementi li jippermettu li tittieħed deċiżjoni dwar l-azzjonijiet u l-istrumenti ta' sjieda li kellhom jiġu ttrasferiti u li jippermettu li s-SRB jiddetermina l-kundizzjonijiet kummerċjali tal-għodda ta' bejgħ tan-negozju. Din il-valutazzjoni stmat, b'mod partikolari, il-valur ekonomiku ta' Banco Popular fl-ammont ta' EUR 1.3 biljun fl-aħjar ipoteżi, EUR 8.2 biljun fin-negattiv fl-agħar ipoteżi, u EUR 2 biljuni fin-negattiv għall-aħjar stima.

52 Fis-7 ta' Ġunju 2017, Banco Santander għamlet offerta definittiva.

53 Permezz ta' ittra tas-7 ta' Ġunju 2017, il-FROB informa lis-SRB li, fis-7 ta' Ġunju fit-3:12., Banco Santander kienet għamlet offerta u li l-prezz li offriet din tal-aħħar għax-xiri tal-azzjonijiet ta' Banco Popular kien ta' EUR 1. Il-FROB indika li l-bord ta' tmexxija tiegħu kien għażel lil Banco Santander bħala l-offerent rebbieħ fil-proċedura ta' bejgħ kompetittiv ta' Banco Popular u kien iddeċieda li jipproponi lis-SRB jindika lil Banco Santander bħala x-xerrej fid-deċiżjoni tas-SRB dwar l-adozzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' Banco Popular.

C. L-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża

54 Fis-7 ta' Ġunju 2017, is-SRB adotta l-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża fir-rigward ta' Banco Popular, abbażi tar-Regolament SRM.

55 Fil-premessi 19, 21 sa 25, fil-premessa 26(c), kif ukoll fil-premessi 36 u 46 ta' din l-iskema, is-SRB ikkonstata:

– li, fil-5 ta' Diċembru 2016, il-SRB kien adotta pjan ta' riżoluzzjoni, li jistabbilixxi strateġija ta' riżoluzzjoni u li jidentifika għodda ta' riżoluzzjoni meqjusa preferibbli (premessi 19, 21 u 22);

– li mill-evalwazzjoni tal-BĊE dwar is-sitwazzjoni ta' falliment li qiegħed iseħħ jew li x'aktarx ser iseħħ irriżulta li s-sitwazzjoni ta' likwidità ta' Banco Popular kienet iddeterjorat b'mod sinjifikattiv minn Ottubru 2016, minħabba l-irtirar ta' depożiti fis-segmenti kollha tal-klijentela; li minn dan irriżulta li dan il-bank ma kellux biżżejjed imnejn jagħżel sabiex jirripristina l-likwidità tiegħu bil-għan li jkun f'pożizzjoni stabbli sabiex iħallas il-passiv tiegħu meta jimmatura (premessa 23);

– li diversi ċirkustanzi kienu wasslu għad-deterjorament rapidu tas-sitwazzjoni ta' likwidità ta' Banco Popular, jiġifieri:

  – fi Frar 2017, Banco Popular kienet ħabbret il-ħtieġa għal provvedimenti eċċezzjonali fl-ammont ta' EUR 5.7 biljun, b'telf ikkonsolidat ta' EUR 3.485 biljun u kienet ħatret president ġdid;

  – fl-10 ta' Frar 2017, DBRS Morningstar kienet baxxiet ir-rating ta' Banco Popular;

  – fit-3 ta' April 2017, Banco Popular kienet għamlet stqarrija pubblika *ad hoc* dwar l-eżitu tal-awditi interni li jista' jkollhom impatt sinjifikattiv fuq ir-rapporti finanzjarji tagħha u kkonfermat is-sostituzzjoni tad-Direttur Ġenerali tagħha inqas minn sena wara li daħal fil-kariga;

  – fis-7 ta' April 2017, Standard & Poor's u, fil-21 ta' April, Moody's, kienu baxxew ir-rating ta' Banco Popular;

  – fit-12 ta' Mejju 2017, Banco Popular kienet kisret ir-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità ta' 80 % u, minn hemm 'il quddiem, ma kinitx f'pożizzjoni li tistabbilixxi mill-ġdid il-konformità mal-limitu regolatorju;

  – ir-rapportaġġ negattiv u kontinwu mill-media fuq ir-riżultati finanzjarji ta' Banco Popular u fuq l-allegat riskju imminenti ta' falliment jew ta' nuqqas ta' likwidità kien wassal għal żieda fl-irtirar tad-depożiti, u

  – fis-6 ta' Ġunju 2017, DBRS Morningstar u Moody's kienu baxxew ir-rating ta' Banco Popular (premessa 24);

– li ċ-ċirkostanzi msemmija iktar 'il fuq kienu wasslu għal irtirar sinjifikattiv ta' depożiti (premessa 25);

– li Banco Popular kienet ingħatat l-ewwel assistenza urġenti ta' likwidità fil-5 ta' Ġunju 2017, wara l-approvazzjoni tal-BĊE, iżda li l-Bank ta' Spanja ma kienx f'pożizzjoni li jagħtiha assistenza urġenti ta' likwidità supplimentari (premessa 26(c));

– li, fis-6 ta' Ġunju 2017, Banco Popular kienet informat lill-BĊE li l-Bord tad-Diretturi tagħha kien wasal għall-konklużjoni li l-bank kien x'aktarx ser ifalli (premessa 36), u

– li l-għodda ta' riżoluzzjoni prevista fil-pjan ta' riżoluzzjoni tal-2016 ma kinitx xierqa għaċ-ċirkostanzi eżistenti fid-data tar-riżoluzzjoni (premessa 46).

56 Fl-Artikolu 1 tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża, is-SRB iddeċieda li jissuġġetta lil Banco Popular għal proċedura ta' riżoluzzjoni b'effett mid-data tar-riżoluzzjoni, minħabba li l-kundizzjonijiet previsti fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament SRB kienu ssodisfatti.

57 F'dan ir-rigward, mill-Artikoli 2 sa 4 tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża jirriżulta li s-SRB qies, l-ewwel nett, li Banco Popular kienet f'sitwazzjoni ta' falliment li qiegħed iseħħ jew li x'aktarx ser iseħħ, it-tieni nett, li ma kinux jeżistu miżuri oħra li setgħu jevitaw il-falliment ta' Banco Popular fi żmien raġonevoli u, fl-aħħar nett, li kienet meħtieġa azzjoni ta' riżoluzzjoni fil-forma ta' għodda ta' bejgħ tan-negozju ta' Banco Popular sabiex tkun żgurata l-kontinwità tal-funzjonijiet kritiċi tagħha u sabiex jiġu evitati l-effetti negattivi sinjifikattivi fuq l-istabbiltà finanzjarja, b'mod partikolari, fi Spanja.

58 Fl-Artikolu 5(1) tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża, is-SRB iddeċieda li:

"L-għodda ta' riżoluzzjoni applikata għal Banco Popular ser tikkonsisti f'bejgħ tan-negozju skont l-Artikolu 24 tar-Regolament [SRM] permezz tat-trasferiment tal-azzjonijiet lil xerrej partikolari. L-iżvalutazzjoni u l-konverżjoni tal-istrumenti kapitali ser isiru immedjatament qabel l-applikazzjoni tal-għodda tal-bejgħ tan-negozju." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

59 L-Artikolu 6 tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża jispeċifika l-kundizzjonijiet relatati ma' din l-iżvalutazzjoni kif ukoll mal-bejgħ tan-negozju. B'hekk, fl-Artikolu 6(1) ta' din tal-aħħar, is-SRB iddeċieda:

– l-ewwel nett, li jiżvaluta l-ammont nominali tal-kapital azzjonarju ta' Banco Popular bl-ammont ta' EUR 2 098 429 046, liema żvalutazzjoni wasslet għall-annullament ta' 100 % tal-azzjonijiet ta' Banco Popular;

– it-tieni nett, li jikkonverti l-ammont prinċipali kollu tal-istrumenti kapitali addizzjonali tal-kategorija 1 maħruġa minn Banco Popular u fiċ-ċirkulazzjoni fid-data tad-deċiżjoni dwar l-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża f'azzjonijiet ġodda maħruġa minn Banco Popular, l-"azzjonijiet ġodda I";

– it-tielet nett, li jiżvaluta għal żero l-valur nominali tal-"azzjonijiet ġodda I", liema żvalutazzjoni wasslet għall-annullament ta' 100 % ta' dawn l-"azzjonijiet ġodda I";

– fl-aħħar nett, li jikkonverti l-ammont prinċipali kollu tal-istrumenti kapitali tal-kategorija 2 maħruġa minn Banco Popular u fiċ-ċirkulazzjoni fid-data tad-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni f'azzjonijiet ġodda maħruġa minn Banco Popular, l-"azzjonijiet ġodda II".

60 L-Artikolu 6(3) tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża jipprevedi li dawn il-miżuri ta' żvalutazzjoni u ta' konverżjoni huma bbażati fuq il-Valutazzjoni 2, ikkorroborata mir-riżultati ta' proċess ta' bejgħ trasparenti u miftuħ imwettaq mill-FROB.

61 Fl-Artikolu 6(5) tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża, is-SRB indika li huwa kien qiegħed jeżerċita s-setgħat mogħtija lilu mill-Artikolu 24(1)(a) tar-Regolament SRM, li jikkonċerna l-għodda ta' bejgħ tan-negozju, u li kien qiegħed jordna li l-"azzjonijiet ġodda II" jiġu ttrasferiti lil Banco Santander, liberi u mingħajr ebda dritt jew privileġġ favur terz, għall-ħlas ta' prezz tax-xiri ta' EUR 1. Kien ippreċiżat li x-xerrej kien diġà ta l-kunsens tiegħu għat-trasferiment.

62 Is-SRB indika wkoll li t-trasferiment tal-"azzjonijiet ġodda II" kellu jsir abbażi tal-offerta vinkolanti tax-xerrej tas-7 ta' Ġunju 2017 u għandu jiġi implimentat mill-FROB.

63 L-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni tagħha fis-7 ta' Ġunju 2017.

64 Dakinhar stess, dik l-istituzzjoni adottat id-Deċiżjoni 2017/1246 li tapprova l-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża u kkomunikat dik id-deċiżjoni lis-SRB. Kif jirriżulta mill-premessa 4 tal-imsemmija deċiżjoni:

"Il-Kummissjoni taqbel mal-iskema ta' riżoluzzjoni. B'mod partikulari taqbel mar-raġunijiet mogħtija mill-SRB li minħabba fihom hi neċessarja r-riżoluzzjoni fl-interess pubbliku skont l-Artikolu 18(5) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014."

65 Fis-7 ta' Ġunju 2017, is-SRB ikkomunika l-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża lill-FROB u ppubblika fuq is-sit internet tiegħu komunikazzjoni ta' informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' din l-iskema flimkien ma' dokument li jiġbor fil-qosor l-effetti tar-riżoluzzjoni.

66 Dakinhar stess, il-FROB adotta l-miżuri neċessarji sabiex jimplimenta l-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża, skont l-Artikolu 29 tar-Regolament SRM.

D. Il-fatti li ġraw wara l-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża

67 Fl-14 ta' Ġunju 2018, Deloitte bagħtet lis-SRB il-valutazzjoni tad-differenza fit-trattament prevista fl-Artikolu 20(16) sa (18) tar-Regolament SRM, imwettqa sabiex jiġi ddeterminat jekk l-azzjonisti u l-krediturі kinux jibbenefikaw minn trattament aħjar kieku l-Banco Popular kienet ġiet issuġġettata għal proċedura normali ta' insolvenza. Fil-31 ta' Lulju 2018, Deloitte bagħtet lis-SRB *addendum* għal din il-valutazzjoni li tikkoreġi ċerti żbalji formali.

68 Fil-11 ta' Lulju 2017, is-SRB ippubblika fuq is-sit internet tiegħu verżjoni mhux kunfidenzjali tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża. F'din il-verżjoni, is-SRB ħalla barra, b'mod partikolari, ċerta informazzjoni fil-premessi 23 sa 26 ta' din tal-aħħar, li jikkonċernaw il-kriżi ta' likwidità ta' Banco Popular, kif ukoll biċċiet kbar mill-Artikolu 6(3) u (4) tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża li jikkonċernaw l-eżerċizzju tas-setgħa ta' żvalutazzjoni u ta' konverżjoni.

69 F'Lulju 2017, il-BĊE ppubblika fuq is-sit internet tiegħu verżjoni mhux kunfidenzjali tal-evalwazzjoni tiegħu dwar is-sitwazzjoni ta' falliment li qiegħed iseħħ jew li x'aktarx ser iseħħ ta' Banco Popular.

70 Fit-2 ta' Frar u fil-31 ta' Ottubru 2018, is-SRB ippubblika verżjonijiet mhux kunfidenzjali inqas imnaddfa tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża, li kellhom ċerta informazzjoni li tħalliet barra qabel, imsemmija fil-punt 68 ta' din is-sentenza, ħlief għal ċerti ċifri. F'dan il-kuntest, huwa ppubblika wkoll verżjonijiet mhux kunfidenzjali tal-Valutazzjonijiet 1 u 2.

III. Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

71 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-18 ta' Settembru 2017, l-appellanti ppreżentat rikors għall-annullament tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża u tad-Deċiżjoni 2017/1246.

A. Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali

72 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru fil-15 ta' Novembru 2017, is-SRB talab lill-Qorti Ġenerali, taħt l-Artikolu 92(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, tordna miżuri istruttorji li jikkonċernaw il-produzzjoni ta' ċerti dokumenti elenkati fl-anness ta' din it-talba. Permezz ta' deċiżjoni tat-30 ta' Novembru 2017, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li ma tilqax din it-talba għal miżuri istruttorji f'dan l-istadju tal-proċedura.

73 Permezz ta' atti ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali, fis-6 u fit-30 ta' Novembru, kif ukoll fil-5 u fit-13 ta' Diċembru 2017, rispettivament, il-Kunsill, ir-Renju ta' Spanja u l-Parlament Ewropew talbu li jintervjenu f'din il-kawża insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni u tas-SRB. Permezz ta' deċiżjonijiet tas-6 ta' Awwissu 2018 u tat-12 ta' April 2019, rispettivament, il-Qorti Ġenerali laqgħet dawn it-talbiet għal intervent.

74 Fis-16 ta' Frar 2018, il-Qorti Ġenerali, permezz tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura previsti fl-Artikolu 89 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, stiednet lis-SRB jippreżenta l-aħħar verżjoni mhux kunfidenzjali tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża, kif ukoll verżjoni mhux kunfidenzjali tal-Valutazzjoni 2, ippubblikati fuq is-sit internet tiegħu. Is-SRB ippreżenta dawn id-dokumenti fit-terminu stabbilit.

75 Permezz ta' ittra ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-21 ta' Jannar 2020, l-appellanti invokat aggravju ġdid skont l-Artikolu 84 tar-Regoli tal-Proċedura. Il-Kummissjoni, is-SRB, ir-Renju ta' Spanja, il-Parlament, il-Kunsill u Banco Santander ippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fit-termini stabbiliti.

76 Permezz ta' ittra ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-2 ta' Ottubru 2020, l-appellanti offriet prova ġdida skont l-Artikolu 85(3) tar-Regoli tal-Proċedura. Il-Kummissjoni, is-SRB, ir-Renju ta' Spanja, il-Parlament, il-Kunsill u Banco Santander ippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fit-terminu stabbilit.

77 Fis-16 ta' Marzu 2021, il-Qorti Ġenerali, permezz tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura previsti fl-Artikolu 89 tar-Regoli tal-Proċedura, stiednet lis-SRB jipproduċi diversi dokumenti. Permezz ta' ittri tat-30 ta' Marzu u tal-20 ta' April 2021, is-SRB wieġeb li d-dokumenti mitluba kienu parzjalment kunfidenzjali u setgħu jiġu prodotti kemm-il darba l-Qorti Ġenerali tadotta miżura istruttorja f'dan is-sens.

78 Permezz ta' digriet tat-12 ta' Mejju 2021, il-Qorti Ġenerali ordnat lis-SRB, abbażi, minn naħa, tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 24 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u, min-naħa l-oħra, tal-Artikolu 91(b) tal-Artikolu 92(3), kif ukoll tal-Artikolu 103 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, jipproduċi l-verżjonijiet sħaħ tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża, tal-Valutazzjoni 2, tal-evalwazzjoni tal-BĊE tas-6 ta' Ġunju 2017 dwar is-sitwazzjoni ta' falliment li qiegħed iseħħ jew li x'aktarx ser iseħħ ta' Banco Popular, kif ukoll verżjoni sħiħa u mhux kunfidenzjali tal-ittra ta' Banco Popular lill-BĊE tas-6 ta' Ġunju 2017, inkluż l-anness tagħha, u tal-ittra tal-BĊE lil Banco Popular tat-18 ta' Mejju 2017.

79 Permezz ta' digriet tad-9 ta' Ġunju 2021, il-Qorti Ġenerali sfilzat mill-proċess il-verżjonijiet kunfidenzjali tad-dokumenti prodotti mis-SRB skont id-digriet tat-12 ta' Mejju 2021 u bagħtet lill-appellanti, lir-Renju ta' Spanja, lill-Parlament, lill-Kunsill u lil Banco Santander l-ittra tas-6 ta' Ġunju 2017 ta' Banco Popular lill-BĊE mingħajr l-anness tagħha.

B. Is-sentenza appellata

80 Insostenn tar-rikors tagħha, l-appellanti kienet qajmet għaxar motivi.

81 L-ewwel motiv kien ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u tad-drittijiet tad-difiża, stabbiliti fl-Artikoli 15 u 296 TFUE u fl-Artikoli 42 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"). It-tieni motiv kien ibbażat fuq ksur tal-prinċipju *nemo auditur propriam turpitudinem allegans* u tal-Artikolu 88 tar-Regolament SRM. It-tielet motiv kien ibbażat fuq eċċezzjoni ta' illegalità tar-Regolament SRM, sa fejn l-Artikoli 21 u 24 ta' dan ir-regolament jiksru l-prinċipji li jikkonċernaw id-delega ta' poteri. Ir-raba' motiv kien ibbażat fuq eċċezzjoni ta' illegalità tar-Regolament SRM, sa fejn l-Artikoli 15 u 22 ta' dan ir-regolament jiksru d-dritt għall-proprjetà, stabbilit fl-Artikolu 17 tal-Karta, u l-prinċipju ta' proporzjonalità previst fl-Artikolu 5(4) TUE. Il-ħames motiv kien ibbażat fuq eċċezzjoni ta' illegalità tar-Regolament SRM, sa fejn l-Artikoli 18 u 20 ta' dan ir-regolament jiksru d-dritt għal smigħ, stabbilit fl-Artikoli 17 u 41 tal-Karta. Is-sitt motiv kien ibbażat fuq ksur tad-dritt għall-proprjetà, stabbilit fl-Artikolu 17 tal-Karta, u fuq ksur tal-Artikolu 5(4) TUE. Is-seba' motiv kien ibbażat fuq ksur tad-dritt għal smigħ, stabbilit fl-Artikoli 17 u 41 tal-Karta. It-tmien motiv kien ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament SRM, tad-dmir ta' diliġenza u tal-Artikolu 296 TFUE. Id-disa' motiv kien ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 14 u 20 ta' dan ir-regolament, tad-dmir ta' diliġenza u tal-Artikolu 296 TFUE. L-għaxar motiv kien ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 14 tal-imsemmi regolament, tad-dmir ta' diliġenza u tal-Artikolu 296 TFUE.

82 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors fl-intier tiegħu.

83 F'dik is-sentenza, hija ċaħdet ukoll it-talbiet imressqa mill-appellanti għal miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura u għal miżuri istruttorji.

IV. It-talbiet tal-partijiet fl-appell

84 L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja:

– tannulla s-sentenza appellata;

– tilqa' t-talbiet li hija ressqet quddiem il-Qorti Ġenerali għall-annullament tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża u tad-Deċiżjoni 2017/1246 u sabiex jiġu ddikjarati inapplikabbli l-Artikoli 15 u 22 tar-Regolament SRM, skont l-Artikolu 277 TFUE, u

– tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea u lis-SRB għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

85 Il-Kummissjoni, is-SRB, il-Parlament, il-Kunsill, ir-Renju ta' Spanja, kif ukoll Banco Santander, jitolbu, ilkoll kemm huma, lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell u tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

86 Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-appell u li, skont l-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, tagħti deċiżjoni hija stess dwar ir-rikors għal annullament, Banco Santander titlobha, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 264 TFUE, tillimita l-portata tas-sentenza li għandha tagħti billi żżomm l-effetti tal-bejgħ ta' Banco Popular lil Banco Santander. Il-Kunsill jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja, f'dan l-istess każ, tikkonstata li ma hemm xejn li jqiegħed f'dubju l-legalità tal-Artikoli 15, 18, 20, 21, 22 u 24 tar-Regolament SRM.

V. Fuq l-appell

87 Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tinvoka tmien aggravji, li huma bbażati, rispettivament, fuq ksur:

– tal-Artikolu 18 tar-Regolament SRM, tad-dmir ta' diliġenza u tal-Artikolu 296 TFUE (l-ewwel aggravju);

– tal-Artikoli 14 u 20 tar-Regolament SRM, tad-dmir ta' diliġenza u tal-Artikolu 296 TFUE (it-tieni aggravju);

– tad-dmir ta' diliġenza, tal-Artikoli 17 u 47 tal-Karta, kif ukoll tal-Artikolu 14 tar-Regolament SRM (it-tielet aggravju);

– tad-drittijiet tad-difiża stabbiliti fl-Artikolu 47 tal-Karta u tal-Artikolu 296 TFUE (ir-raba' aggravju);

– tal-Artikolu 296 TFUE u tad-drittijiet tad-difiża stabbiliti fl-Artikolu 47 tal-Karta fir-rigward tal-kunfidenzjalità tal-iskema ta' riżoluzzjoni u kontenzjuża tal-Valutazzjoni 2 (il-ħames aggravju);

– tal-Artikolu 47 tal-Karta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"), sa fejn il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-talba tal-appellanti għal produzzjoni ta' dokumenti (is-sitt aggravju);

– tal-Artikoli 17 u 52 tal-Karta, sa fejn il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motiv tagħhom ibbażat fuq l-illegalità tal-Artikoli 15 u 22 tar-Regolament SRM (is-seba' aggravju), kif ukoll

– tal-Artikoli 17 u 52 tal-Karta, kif ukoll tal-Artikolu 5(4) TUE (it-tmien aggravju).

A. Kunsiderazzjonijiet preliminari

88 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, permezz tar-rikors ta' dan l-appell, l-appellanti talbet l-annullament kemm tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża, kif ukoll tad-Deċiżjoni 2017/1246.

89 Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Ġunju 2024, Il-Kummissjoni vs SRB (C-551/22 P, EU:C:2024:520, punti 102 u 103), li l-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża ma tikkostitwixxix att li jista' jiġi kkontestat fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, b'mod li dan ir-rikors huwa inammissibbli sa fejn jirrigwarda din

l-iskema, id-Deċiżjoni 2017/1246, li permezz tagħha l-Kummissjoni approvat din l-iskema, għandha, min-naħa tagħha, il-karatteristiċi ta' att li jista' jkun is-suġġett ta' rikors għal annullament taħt ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

90 B'dan premess, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, fil-kuntest ta' rikors għal annullament kontra deċiżjoni tal-Kummissjoni, bħalma hija d-Deċiżjoni 2017/1246, huwa possibbli li l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi kkonċernati jinvokaw l-illegalità tal-iskema ta' riżoluzzjoni li din l-istituzzjoni tkun approvat u li tagħtiha għalhekk effetti legali vinkolanti, liema possibbiltà tiżgura lil dawn il-persuni protezzjoni ġudizzjarja suffiċjenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni, permezz ta' tali approvazzjoni, hija meqjusa li qiegħda tadotta l-informazzjoni u l-motivi f'din l-iskema, b'mod li hija għandha, jekk ikun il-każ, twieġeb għalihom quddiem il-qrati tal-Unjoni (sentenza tat-18 ta' Ġunju 2024, Il-Kummissjoni vs SRB, C-551/22 P, EU:C:2024:520, punt 96 u l-ġurisprudenza ċċitata).

91 Huwa f'dan il-kuntest li għandhom għalhekk jiġu eżaminati l-aggravji li jikkontestaw il-legalità tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża.

B. Fuq l-ewwel u r-raba' sas-sitt aggravju, ibbażati fuq ksur tal-Artikolu 296 TFUE, tal-Artikolu 18 tar-Regolament SRM, tad-dmir ta' diliġenza li għandu s-SRB, tal-Artikolu 47 tal-Karta, tal-Artikolu 6 tal-KEDB u tal-prinċipju ta' kontradittorju

92 Permezz tal-ewwel u tar-raba' sas-sitt aggravju tagħha, li għandhom jiġu eżaminati fl-ewwel lok, l-appellanti essenzjalment issostni li l-aċċess għall-verżjoni sħiħa, b'mod partikolari, tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża u tal-Valutazzjonijiet 1 u 2, kien neċessarju għall-finijiet tal-eżerċizzju tad-dritt tagħha għal rimedju effettiv (il-ħames aggravju), li l-motivazzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża kienet insuffiċjenti u kontradittorja minħabba l-informazzjoni mħollija barra u mill-Valutazzjonijiet 1 u 2 (l-ewwel u r-raba' aggravju) u li, għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kellha tordna, permezz ta' miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura, il-produzzjoni sħiħa ta' dawn id-dokumenti, kif ukoll ta' dokumenti addizzjonali (is-sitt aggravju).

1. Fuq il-ħames aggravju

93 Permezz tal-ħames aggravju tagħha, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-applikazzjoni tal-Artikolu 296 TFUE u tal-Artikolu 47 tal-Karta, billi ddeċidiet, fil-punti 354 sa 402 tas-sentenza appellata, li l-informazzjoni kunfidenzjali fl-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża u fil-Valutazzjoni 2 ma kinux neċessarji għall-eżerċizzju tad-dritt tagħha għal rimedju effettiv. Dan l-aggravju fih erba' partijiet.

a) L-argumenti tal-partijiet

94 Permezz tal-ewwel parti tal-ħames aggravju, l-appellanti ssostni li, għall-kuntrarju ta' dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punti 356 sa 359 tas-sentenza appellata, hija kellha d-dritt, skont l-Artikolu 296 TFUE u l-Artikolu 47 tal-Karta, tikseb il-komunikazzjoni tal-verżjoni sħiħa tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża, anki jekk hija ma kinitx id-destinatarja tagħha.

95 F'dan ir-rigward, hija ssostni li, skont l-Artikolu 88(1) tar-Regolament SRM, hija kellha tingħata t-test sħiħ tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża bil-għan li tippreżenta rikors. Barra minn hekk, hija tfakkar li d-dritt li wieħed ikun jaf il-motivazzjoni ta' att ma jgħoddx biss għad-destinatarji tad-deċiżjoni inkwistjoni, iżda wkoll għal terzi kkonċernati minn din tal-aħħar. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għalkemm, fl-assenza ta' pubblikazzjoni jew ta' komunikazzjoni ta' tali deċiżjoni, huma dawn il-persuni li għandhom jitolbu t-test sħiħ ta' din tal-aħħar, it-terminu għall-preżentata tar-rikors jibda jiddekorri mill-mument li fih dawn ikollhom għarfien preċiż tal-kontenut u tal-motivi tal-att inkwistjoni, b'mod li jkunu jistgħu jeżerċitaw b'mod effettiv id-dritt tagħhom għal azzjoni legali. Issa, matul l-2017, l-appellanti speċifikament talbet aċċess għat-test sħiħ tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża.

96 Permezz tat-tieni parti tal-ħames aggravju, hija ssostni li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 296 TFUE u l-Artikolu 47 tal-Karta, sa fejn hija ddeċidiet, fil-punti 381 u 388 tas-sentenza appellata, li l-pubblikazzjoni ta' verżjoni mnaddfa tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża kienet konformi mal-Artikolu 88 tar-Regolament SRM.

97 Fil-fatt, il-verżjoni inizjalment ippubblikata tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża żammet lill-appellanti, b'mod partikolari, milli tkun taf l-għanijiet tar-riżoluzzjoni u milli jkollha aċċess għall-Valutazzjoni 1. Anki l-verżjoni kurrenti tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża la tippermetti lil dak li jkun ikun jaf l-għanijiet kollha tagħha, la li jifhem il-portata tal-kriżi ta' likwidità ta' Banco Popular, la li jifhem ir-raġunijiet għaliex ma setgħetx tingħata l-assistenza urġenti ta' likwidità u lanqas li jifhem dawk ir-raġunijiet li wasslu sabiex jingħażel il-valur ta' EUR 8.2 biljun fin-negattiv għall-finijiet tal-iżvalutazzjoni.

98 Fil-fehma tal-appellanti, il-fondatezza ta' din il-kritika hija kkonfermata mill-fatt li, fis-16 ta' Frar 2018, il-Qorti Ġenerali ordnat lis-SRB jipproduċi verżjoni iktar sħiħa ta' dawn id-dokumenti u mill-fatt li, fil-fehma tagħha, is-sentenza appellata hija bbażata prinċipalment fuq informazzjoni li saret disponibbli fl-2018. Barra minn hekk, għall-kuntrarju ta' dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punti 389 sa 393 tas-sentenza appellata, id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell tas-SRB tat-28 ta' Novembru 2017 u tad-19 ta' Ġunju 2018, li sussegwentement taw aċċess għall-imsemmija dokumenti, b'ebda mod ma kienu bbażati fuq iż-żmien li għadda mill-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża.

99 Permezz tat-tielet parti tal-ħames aggravju tagħha, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 296 TFUE u l-Artikolu 47 tal-Karta billi ddeċidiet, minn naħa, fil-punti 394 u 395 tas-sentenza appellata, li d-drittijiet tad-difiża ma kinux inkisru peress li l-appellanti setgħet tippreżenta rikors u tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-verżjonijiet il-ġodda tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża. Madankollu, fil-fehma tal-appellanti, is-sempliċi fatt li jista' jiġi ppreżentat rikors ma jfissirx li d-drittijiet tad-difiża setgħu jiġu eżerċitati b'mod effettiv. Hija tqis li, għal dan il-għan, il-persuni kkonċernati minn deċiżjoni għandhom ikollhom id-dritt li jitolbu t-test sħiħ ta' dik id-deċiżjoni bil-għan li jippreżentaw rikors għal annullament. Fil-fatt, f'sitwazzjoni fejn ma tkunx disponibbli l-informazzjoni kollha, ikun impossibbli li jiġu fformulati u żviluppati bis-sħiħ ir-rimedji legali xierqa. Barra minn hekk, ikun tassew diffiċli li jiġu fformulati motivi ġodda wara l-preżentata tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali, u dan jikkonferma l-fatt li, f'dan il-każ, iż-żewġ motivi ġodda invokati fir-replika tagħha fl-ewwel istanza ma ttieħdux inkunsiderazzjoni jew ġew iddikjarati inammissibbli mill-Qorti Ġenerali, fil-punti 701 sa 704 u 710 sa 713 tas-sentenza appellata.

100 Min-naħa l-oħra, fil-punti 396 u 397 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali żbaljat meta ddeċidiet li l-assenza ta' motivazzjoni tista' tiġi rregolarizzata *a posteriori* peress li l-informazzjoni kunfidenzjali kienet sa mill-bidu tinsab fl-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża, fil-Valutazzjoni 1 u fil-Valutazzjoni 2, minkejja li din l-informazzjoni ma kinitx ġiet ikkomunikata lill-appellanti.

101 Permezz tar-raba' parti tal-ħames aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 296 TFUE u l-Artikolu 47 tal-Karta, sa fejn iddeċidiet, permezz ta' digriet tad-9 ta' Ġunju 2021, imsemmi fil-punt 723 tas-sentenza appellata, li t-test sħiħ tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża, tal-Valutazzjoni 2 u tal-evalwazzjoni dwar is-sitwazzjoni ta' falliment li qiegħed iseħħ jew li x'aktarx ser iseħħ ta' Banco Popular ma kinux rilevanti sabiex jiġi deċiż ir-rikors. F'dan ir-rigward, hija ssostni li l-għan ta' talba għall-aċċess ta' dawn id-dokumenti huwa li wieħed ikun jista' jressaq argumenti ġodda, jew li saħansitra jinvoka motivi ġodda.

102 Barra minn hekk, il-verżjonijiet sħaħ tal-imsemmija dokumenti mhux biss kienu magħrufa sew mis-SRB u mill-Kummissjoni, iżda kienu magħrufa sew ukoll mill-Qorti Ġenerali, u, minħabba f'hekk, kellhom tabilfors ċertu effett fuq il-perċezzjoni tagħhom tal-argumenti mressqa. B'hekk, fil-punt 278 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qagħdet fuq l-anness tal-ittra ta' Banco Popular lill-BĊE tas-6 ta' Ġunju 2017, minkejja li dan id-dokument ma ġiex ikkomunikat lill-appellanti. F'dawn iċ-ċirkustanzi, in-nuqqas ta' komunikazzjoni tal-imsemmija dokumenti jmur kontra l-prinċipju tal-kontradittorju.

103 Il-Kummissjoni u Banco Santander jeċċepixxu l-inammissibbiltà tal-ħames aggravju, minħabba li l-appellanti qiegħda sempliċement ittenni jew tirriproduċi kelma b'kelma l-motivi u l-argumenti li hija ressqet quddiem il-Qorti Ġenerali. Is-SRB isostni li t-tielet parti ta' dan l-aggravju hija inammissibbli, sa fejn l-argumenti mressqa insostenn ta' din il-parti, jiġifieri n-neċessità li jkollha l-informazzjoni kollha sabiex tkun tista' tippreżenta r-rikors tagħha, inġiebu għall-ewwel darba fl-istadju tal-appell.

104 Fir-rigward tal-mertu, il-Kummissjoni, is-SRB, ir-Renju ta' Spanja u Banco Santander isostnu li l-ħames aggravju ma huwiex fondat.

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

1) Fuq l-ammissibbiltà

105 Fir-rigward, l-ewwel nett, tal-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni u Banco Santander, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE, mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll mill-Artikolu 168(1)(d) u mill-Artikolu 169(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, jirriżulta li appell għandu jindika b'mod preċiż l-elementi kkontestati tas-sentenza li l-appellant ikun qiegħed jitlob l-annullament tagħha, kif ukoll l-argumenti legali speċifikament imressqa insostenn ta' din it-talba, taħt piena ta' inammissibbiltà tal-appell jew tal-aggravju kkonċernat. Appell li, mingħajr ma lanqas ikun fih argument speċifikament intiż sabiex jiġi identifikat l-iżball ta' liġi li allegatament jivvizzja s-sentenza appellata, sempliċement itenni jew jirriproduċi kelma b'kelma l-motivi u l-argumenti li jkunu diġà tressqu quddiem il-Qorti Ġenerali, inklużi dawk ibbażati fuq fatti li dik il-qorti tkun ċaħdet b'mod espliċitu, ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' motivazzjoni li jirriżultaw minn dawn id-dispożizzjonijiet. Tali appell, fil-verità, ma jkunx ħlief talba għal eżami mill-ġdid tar-rikors

ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali, ħaġa li ma taqax fil-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tal-11 ta' Jannar 2024, Planistat Europe *et* Charlot vs Il-Kummissjoni, C-363/22 P, EU:C:2024:20, punti 40 u 41, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

106 Madankollu, meta appellant jikkontesta l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mill-Qorti Ġenerali, il-punti ta' liġi eżaminati fl-ewwel istanza jistgħu jerġgħu jiġu diskussi mill-ġdid fl-appell. Fil-fatt, jekk appellant ma jkunx jista' jibbaża l-appell tiegħu fuq motivi u argumenti mressqa diġà quddiem il-Qorti Ġenerali, il-proċedura tal-appell titlef parti mill-iskop tagħha (sentenzi tat-12 ta' Settembru 2006, Reynolds Tobacco *et* vs Il-Kummissjoni, C-131/03 P, EU:C:2006:541, punt 51, kif ukoll tad-9 ta' Lulju 2020, Haswani vs Il-Kunsill, C-241/19 P, EU:C:2020:545, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

107 Issa, f'dan il-każ, il-ħames aggravju tal-appell huwa essenzjalment intiż li jikkontesta d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali dwar diversi punti ta' liġi li ġew ippreżentati quddiemha fl-ewwel istanza fir-rigward, b'mod partikolari, tal-obbligu ta' motivazzjoni li l-istituzzjonijiet għandhom taħt l-Artikolu 296 TFUE jew tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ggarantita mill-Artikolu 47 tal-Karta. Barra minn hekk, sa fejn dan l-aggravju jkun fih indikazzjonijiet preċiżi dwar il-punti kkontestati tas-sentenza appellata, kif ukoll dwar l-argumenti li huwa bbażat fuqhom, dan ma jistax jiġi ddikjarat inammissibbli fl-intier tiegħu.

108 Madankollu, imbagħad, sa fejn l-appellanti tikkritika, taħt it-tieni parti tal-ħames aggravju, il-punti 389 sa 393 tas-sentenza appellata minħabba li l-Bord tal-Appell tas-SRB, fid-deċiżjonijiet tiegħu tat-28 ta' Novembru 2017 u tad-19 ta' Ġunju 2018, bi tweġiba għat-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti tal-appellanti, ħa inkunsiderazzjoni ż-żmien li kien għadda mill-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża sabiex jevalwa l-kunfidenzjalità ta' ċerta data, hija la ssostni u lanqas, *a fortiori*, tipprova li l-Qorti Ġenerali żnaturat il-provi meta qieset, fil-punt 392 tas-sentenza appellata, li, sa fejn dawn id-deċiżjonijiet ingħataw iktar minn sitt xhur u sena, rispettivament, wara l-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża, iż-żmien li laħaq għadda seta' influwenza l-evalwazzjoni, minn dan il-bord tal-appell, tal-kwistjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet li minnhom tiddependi l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kkonċernata kinux issodisfatti.

109 Issa, skont ġurisprudenza stabbilita, mill-Artikolu 256(1) TFUE u mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jirriżulta li l-appell huwa limitat għal kwistjonijiet ta' liġi u li hija għalhekk il-Qorti Ġenerali li għandha ġurisdizzjoni esklużiva sabiex tikkonstata u tevalwa l-fatti rilevanti, kif ukoll il-provi. L-evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi ma tikkostitwixxix, ħlief fil-każ tal-iżnaturament tagħhom, kwistjoni ta' liġi suġġetta, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-istadju ta' appell (sentenza tal-25 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs European Food *et*, C-638/19 P, EU:C:2022:50, punt 71, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

110 Għalhekk, it-tieni parti tal-ħames aggravju hija inammissibbli, sa fejn hija mmirata lejn il-punti 389 sa 393 tas-sentenza appellata.

111 Fir-rigward, fl-aħħar nett, tat-tielet parti ta' dan l-aggravju, is-SRB jiżbalja meta jeċċepixxi l-inammissibbiltà ta' din tal-aħħar minħabba li l-appellanti ressqet għall-ewwel darba fl-appell tagħha argument ibbażat fuq in-neċessità li jkollha l-informazzjoni kollha sabiex tkun tista' teżerċita d-dritt tagħha għal azzjoni legali. Fil-fatt, mir-rikors tagħha fl-ewwel istanza jirriżulta li, wara li s-SRB irrifjuta li jipprovdi din l-informazzjoni, l-appellanti talbet lill-Qorti Ġenerali tordna l-produzzjoni, fost oħrajn, tal-verżjoni sħiħa tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża, kif ukoll dik

tal-Valutazzjoni 1 sabiex ikun jista' jiġi vverifikat, b'mod partikolari, li l-kundizzjonijiet li għalihom l-Artikoli 18 u 20 tar-Regolament SRM jissuġġettaw l-adozzjoni ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni jkunu ġew osservati f'dan il-każ.

2) Fuq il-mertu

112 Permezz tal-erba' partijiet tal-ħames motiv tagħha, l-appellanti qiegħda essenzjalment issostni li, skont l-Artikoli 296 TFUE u l-Artikolu 47 tal-Karta, hija kellha tingħata d-dritt li taċċessa l-verżjonijiet sħaħ tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża u tal-valutazzjonijiet preparatorji, inkluż l-informazzjoni kunfidenzjali f'dawn id-dokumenti. Mingħajr ma tikkontesta n-natura suffiċjenti tal-motivazzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża minnha nfisha, hija tikkritika l-fatt li ċerti motivi u ċerta informazzjoni fil-verżjoni oriġinali ta' din l-iskema inizjalment tħallew barra mill-verżjoni ppubblikata fuq l-Internet u ġew żvelati biss parzjalment wara l-preżentata tar-rikors.

113 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, qabelxejn, li l-obbligu ta' motivazzjoni jikkostitwixxi formalità essenzjali li għandha tingħażel mill-kwistjoni tal-fondatezza tal-motivazzjoni, peress li din tal-aħħar taqa' taħt il-legalità fuq il-mertu tal-att kontenzjuż (sentenza tat-18 ta' Jannar 2024, Jenkinson vs Il-Kunsill *et*, C-46/22 P, EU:C:2024:50, punt 130, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

114 Hija ġurisprudenza stabbilita li, għalkemm il-motivazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 296 TFUE għandha turi b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-istituzzjoni, li tkun adottat l-att, b'mod li l-persuna kkonċernata tkun tista' ssir taf ir-raġunijiet għall-miżuri meħuda u l-qorti b'ġurisdizzjoni tkun tista' teżerċita l-istħarriġ tagħha, tali motivazzjoni għandha, madankollu, tiġi adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għall-kuntest li fih dan ikun ġie adottat. Minn din il-perspettiva, ma huwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tispeċifika kull punt ta' fatt u ta' liġi rilevanti, sa fejn in-natura suffiċjenti ta' motivazzjoni għandha tiġi evalwata mhux biss fid-dawl tal-formulazzjoni tagħha, iżda wkoll fid-dawl tal-kuntest tagħha, kif ukoll fid-dawl tar-regoli legali kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat u, b'mod partikolari, skont l-interess li d-destinatarji tal-att jista' jkollhom sabiex jingħataw spjegazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-8 ta' Mejju 2019, Landeskreditbank Baden-Württemberg vs BĊE, C-450/17 P, EU:C:2019:372, punti 85 u 87; kif ukoll tad-29 ta' Settembru 2022, ABLV Bank vs SRB, C-202/21 P, EU:C:2022:734, punt 193 u l-ġurisprudenza ċċitata).

115 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-grad ta' preċiżjoni tal-motivazzjoni ta' deċiżjoni għandu jkun approporzjon tar-realtajiet prattiċi u tal-ħin u l-kapaċitajiet tekniċi disponibbli sabiex tittieħed dik id-deċiżjoni. B'hekk, waqt li jkun qiegħed jitfassal att, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni ma humiex obbligati jieħdu pożizzjoni fuq kwistjonijiet li huma manifestament ta' importanza sekondarja jew jantiċipaw oġġezzjonijiet li jistgħu jitqajmu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Lulju 2008, Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala, C-413/06 P, EU:C:2008:392, punt 167 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tas-6 ta' Novembru 2012, Éditions Odile Jacob vs Il-Kummissjoni, C-551/10 P, EU:C:2012:681, punt 48).

116 Fir-rigward tal-Artikolu 47 tal-Karta, l-effettività tal-istħarriġ ġudizzjarju ggarantit minn dan l-artikolu teżiġi, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, li l-persuna kkonċernata tkun tista' tkun taf il-motivi li fuqhom tkun ibbażata d-deċiżjoni meħuda fil-konfront tagħha jew minn qari tad-deċiżjoni stess, jew minn komunikazzjoni ta' dawn il-motivi fuq talba ta' dik il-persuna, bla ħsara għas-setgħa tal-qorti b'ġurisdizzjoni li teżiġi li l-awtorità inkwistjoni tikkomunika dawn il-motivi sabiex il-persuna kkonċernata tkun tista' tiddefendi d-drittijiet tagħha fl-aħjar kundizzjonijiet possibbli u sabiex tkun tista' tiddeċiedi b'għarfien sħiħ tal-fatti

jekk ikunx utli li tressaq kawża quddiem il-qorti b'ġurisdizzjoni, kif ukoll sabiex din tal-aħħar tkun tista' teżerċita b'mod sħiħ l-istħarriġ tal-legalità tad-deċiżjoni inkwistjoni (sentenzi tal-4 ta' Ġunju 2013, ZZ, C-300/11, EU:C:2013:363, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-24 ta' Novembru 2020, Minister van Buitenlandse Zaken, C-225/19 u C-226/19, EU:C:2020:951, punt 43).

117 Fir-rigward, b'mod iktar speċifiku, tal-komunikazzjoni tal-motivi lil persuni li ma jkunux id-destinatarju ta' att, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni huma, bħala prinċipju, obbligati, skont il-prinċipju ta' protezzjoni tas-sigriet kummerċjali, li huwa prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, stabbilit, b'mod partikolari, fl-Artikolu 339 TFUE, ma jiżvelawx lill-kompetituri ta' operatur privat informazzjoni kunfidenzjali pprovduta minn dan tal-aħħar (sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Landesbank Baden-Württemberg u SRB, C-584/20 P u C-621/20 P, EU:C:2021:601, punt 109, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

118 Sabiex tiżgura l-osservanza ta' dawn l-obbligi, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, f'diversi oqsma tad-dritt tal-Unjoni, li l-motivazzjoni ta' att li jkun jikkawża preġudizzju lil parti f'kawża, liema motivazzjoni hija bbażata fuq evalwazzjoni tal-pożizzjoni relattiva ta' operaturi privati, tista', sa ċertu punt, tkun limitata sabiex tiġi protetta informazzjoni dwar dawn l-operaturi u koperta mis-sigriet kummerċjali. Madankollu, l-obbligu li jiġi osservat is-sigriet kummerċjali ma jistax ixejjen l-obbligu ta' motivazzjoni mis-sustanza tiegħu. Għalhekk, għalkemm tali att jista', fir-rigward tal-obbligu li jiġi osservat is-sigriet kummerċjali, ikun motivat biżżejjed mingħajr ma jkun fih, b'mod partikolari, iċ-ċifri kollha li fuqhom ikun ibbażat ir-raġunament, il-motivazzjoni għandha xorta waħda turi b'mod ċar u inekwivoku dan ir-raġunament kif ukoll il-metodoloġija użata (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-1 ta' Lulju 2008, Chronopost u La Poste vs UFEX *et*, C-341/06 P u C-342/06 P, EU:C:2008:375, punti 108 sa 111; tal-21 ta' Diċembru 2016, Club Hotel Loutraki *et* vs Il-Kummissjoni, C-131/15 P, EU:C:2016:989, punt 48, kif ukoll tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Landesbank Baden-Württemberg u SRB, C-584/20 P u C-621/20 P, EU:C:2021:601, punti 110, 111 u 120).

119 Fil-kuntest tas-sistema stabbilita mir-Regolament SRM, l-osservanza tar-rekwiżiti tas-sigriet professjonali previsti fl-Artikolu 339 TFUE hija ppreċiżata, b'mod partikolari, mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 88(1) ta' dan ir-regolament, li jipprojbixxi lis-SRB milli jiżvela l-informazzjoni koperta minn dawn ir-rekwiżiti lil entità pubblika jew privata oħra, ħlief meta dan l-iżvelar ikun neċessarju fil-kuntest ta' proċeduri ġudizzjarji. Barra minn hekk, l-Artikolu 90(4) tal-imsemmi regolament jipprovdi li l-persuni li huma s-suġġett ta' deċiżjonijiet tas-SRB għandhom id-dritt ta' aċċess għall-fajl ta' dan tal-aħħar, bla ħsara għall-interess leġittimu ta' persuni oħra li s-sigrieti kummerċjali tagħhom ma jiġux żvelati, u jispeċifika, b'mod espliċitu, li d-dritt ta' aċċess għall-fajl la jkopri informazzjoni kunfidenzjali u lanqas dokumenti preparatorji interni tas-SRB.

120 Fir-rigward tal-ewwel sat-tielet parti ta' dan l-aggravju, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, mill-kunsiderazzjonijiet premessi jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ġustament iddeċidiet, fil-punt 357 tas-sentenza appellata, li sa fejn l-appellanti ma kinitx destinatarja tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża indirizzata lill-FROB, hija ma kellhiex, fi kwalunkwe każ, tiġi kkomunikata din l-iskema fl-intier tagħha.

121 Barra minn hekk, fil-punt 381 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, fir-rikors tagħha fl-ewwel istanza, l-appellanti ma kienet qajmet ebda argument speċifiku li seta' juri li d-dikjarazzjoni ta' kunfidenzjalità tal-informazzjoni mħollija barra mill-iskema ta' riżoluzzjoni

kontenzjuża kienet tmur kontra l-prinċipju ta' trasparenza. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda żball ta' liġi meta qieset, fil-punt 388 ta' din is-sentenza, li l-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 117 u 118 ta' din is-sentenza tapplika, b'analoġija, għall-informazzjoni kunfidenzjali miżmuma mis-SRB, fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 88(1) tar-Regolament SRM. Issa, skont din il-ġurisprudenza, terz ikkonċernat minn tali skema mhux dejjem ikollu d-dritt li jikseb il-verżjoni sħiħa tagħha.

122 Għall-kuntrarju ta' dak li ssostni l-appellanti taħt l-ewwel parti tal-ħames aggravju, il-fatt li l-projbizzjoni li wieħed jiżvela l-informazzjoni koperta mir-rekwiżiti tas-sigriet professjonali tapplika, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 88(1) tar-Regolament SRM, "ħlief fejn dan l-iżvelar ikun meħtieġ fi proċedimenti ġudizzjarji", ma jipprekludix din l-interpretazzjoni.

123 Fil-fatt, din il-kundizzjoni, li tibbilanċja r-rekwiżiti li jirriżultaw, minn naħa, mill-Artikolu 339 TFUE u, min-naħa l-oħra, mill-Artikolu 296 TFUE, kif ukoll mill-Artikolu 47 tal-Karta, għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 117 u 118 ta' din is-sentenza. B'hekk, għandu jiġi kkunsidrat li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 88(1) tar-Regolament SRM kien jeżiġi min-naħa tas-SBR li l-motivazzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża turi b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament segwit minn dan l-organu, kif ukoll il-metodoloġija użata, mingħajr, madankollu, ma' dan l-obbligu jorbtu jiżvela informazzjoni koperta mis-sigriet kummerċjali u, b'mod partikolari, kull ċifra msemmija f'din l-iskema, liema kunsiderazzjoni hija kkorroborata mill-premessa 116 ta' dan ir-regolament.

124 Fil-fatt, minn din il-premessa jirriżulta li "l-informazzjoni dwar il-kontenut u d-dettalji ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni u r-riżultat ta' kwalunkwe valutazzjoni ta' dawk il-pjanijiet jista' jkollhom effetti b'firxa wiesgħa, b'mod partikolari fuq l-intrapriżi konċernati", b'mod li "[g]ħaldaqstant jeħtieġ li jiġi żgurat li jkun hemm mekkaniżmi xierqa għaż-żamma tal-kunfidenzjalità ta' tali informazzjoni".

125 Barra minn hekk, il-kunfidenzjalità meħtieġa mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 88(1) tar-Regolament SRM, moqri fid-dawl tal-premessa 116 ta' dan ir-regolament, mhux biss hija intiża sabiex tipproteġi l-interessi speċifiċi tal-impriżi direttament ikkonċernati, iżda wkoll sabiex tiżgura li s-SRB ikun effettivament jista' jwettaq il-kompiti fdati lilu mill-imsemmi regolament. Għal dan il-għan, l-Artikolu 34(1) u (2) tar-Regolament SRM jagħti lis-SRB b'mod partikolari s-setgħa li jitlob lill-istituzzjonijiet ta' kreditu kull informazzjoni li tkun neċessarja għat-twettiq tal-kompiti tiegħu, mingħajr ma r-rekwiżiti marbuta mal-osservanza tas-sigriet professjonali jeħilsu lil dawn l-istituzzjonijiet mill-obbligu li jipprovdu din l-informazzjoni. Fin-nuqqas ta' fiduċja li l-informazzjoni kunfidenzjali pprovduta ser iżżomm, bħala prinċipju, in-natura kunfidenzjali tagħha, jiġri li t-trażmissjoni mingħajr problemi ta' informazzjoni neċessarja għat-twettiq tal-imsemmija kompiti tkun f'riskju li tiġi mminata (ara, b'analoġija, fir-rigward tad-Direttiva 2004/39/KE dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji, is-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2018, Baumeister, C-15/16, EU:C:2018:464, punti 31 sa 33).

126 Taħt it-tieni parti tal-ħames aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punti 381 u 388 tas-sentenza appellata, li l-pubblikazzjoni ta' verżjoni mnaddfa tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża kienet tosserva r-rekwiżiti li jirriżultaw mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 88(1) ta' dan ir-regolament. Madankollu, dan l-argument isegwi minn qari manifestament żbaljat ta' dawn il-punti li jirrigwardaw il-kunfidenzjalità ta' din l-iskema, mingħajr ma jqis in-natura suffiċjenti tar-raġunijiet li jidhru fil-verżjoni mhux kunfidenzjali ta' din tal-aħħar. L-argument tal-appellanti jmur ukoll kontra l-kunsiderazzjoni fil-punt 400 ta' din is-sentenza li l-Qorti Ġenerali essenzjalment irrilevat li hija ttrattat l-argumenti bbażati fuq

in-natura allegatament insuffiċjenti tal-motivazzjoni li tidher fil-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża mhux fil-punti 354 sa 399 tas-sentenza appellata, iżda f'parti oħra ta' din is-sentenza, jiġifieri fil-punti 330 sa 353 ta' din tal-aħħar.

127 Fir-rigward, f'dan il-kuntest, tal-punti 394 u 395 tas-sentenza appellata, għalkemm il-Qorti Ġenerali rrilevat, fl-imsemmija punti, li l-pubblikazzjoni tal-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-iskema, kif ukoll ta' verżjonijiet inqas imnaddfa ta' din l-iskema u tal-Valutazzjonijiet 1 u 2 ippermettiet lill-appellanti tippreżenta rikors u tressaq argumenti abbażi ta' dawn il-verżjonijiet, hija kellha l-ħsieb tirrispondi għall-argument tal-appellanti bbażat fuq l-allegata impossibbiltà li tiddefendi d-drittijiet tagħha fin-nuqqas ta' aċċess għall-verżjonijiet sħaħ ta' dawn id-dokumenti. Madankollu, il-Qorti Ġenerali, f'dawn il-punti, b'ebda mod ma ddeċidiet li s-sempliċi fatt li l-appellanti kienet ippreżentat rikors kien biżżejjed sabiex jiġi pprovat li d-dritt tagħha għal rimedju effettiv kien ġie rrispettat.

128 Sa fejn, kif ġie rrilevat fil-punt 126 ta' din is-sentenza, l-eżami tal-Qorti Ġenerali fil-punti 354 sa 399 tas-sentenza appellata ma kienx jirrigwarda n-natura allegatament insuffiċjenti tal-motivazzjoni żvelata tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża, l-argument tal-appellanti li jinvoka tali insuffiċjenza, miġbur fil-qosor fil-punti 97 u 98 ta' din is-sentenza, huwa ineffettiv.

129 Fl-aħħar nett, il-kritika magħmula fir-rigward tal-punti 396 u 397 tas-sentenza appellata tirriżulta wkoll minn qari manifestament żbaljat ta' dawn il-punti. Fil-fatt, mingħajr, madankollu, ma aċċettat li l-irregolarità ta' att minħabba motivazzjoni insuffiċjenti setgħet sussegwentement tiġi rrimedjata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li s-SRB b'ebda mod ma kien issupplimenta l-motivazzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża u tal-Valutazzjonijiet 1 u 2 b'informazzjoni li ma kinitx tinsab, sa mill-bidu nett, f'dawn id-dokumenti. Għall-kuntrarju, skont il-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali li ma ġewx ikkontestati mill-appellanti, is-SRB ippubblika fuq is-sit internet tiegħu informazzjoni li inizjalment kienet diġà fl-imsemmija dokumenti u li kienet tqieset bħala kunfidenzjali.

130 Għaldaqstant, l-ewwel sat-tielet parti tal-ħames aggravju huma, sa fejn huma ammissibbli, infondati.

131 Permezz tar-raba' parti ta' dan l-aggravju, l-appellanti ssostni li, billi talbet lill-Qorti Ġenerali tordna l-produzzjoni tat-test sħiħ tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża, tal-Valutazzjoni 2 u tal-evalwazzjoni tal-BĊE dwar is-sitwazzjoni ta' falliment li qiegħed iseħħ jew li x'aktarx ser iseħħ ta' Banco Popular, hija kienet qiegħda tfittex li tqajjem argumenti ġodda, jekk mhux saħansitra motivi ġodda. F'dawn iċ-ċirkustanzi, hija tqis li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 296 TFUE u l-Artikolu 47 tal-Karta, billi ddeċidiet, fid-digriet tad-9 ta' Ġunju 2021, imsemmi fil-punt 723 tas-sentenza appellata, li t-test sħiħ ta' dawn id-dokumenti ma kienx rilevanti sabiex jiġi deċiż ir-rikors fl-ewwel istanza.

132 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, sa fejn il-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali tista', skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 88(1) tar-Regolament SRM, interpretat fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 117 u 118 ta' din is-sentenza, tiġġustifika li jitħallew barra ċerti ċifri mill-motivazzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża, din il-protezzjoni tiġġustifika wkoll li l-appellanti ma tkunx tista' tikkontesta dawn iċ-ċifri. Effettivament, il-fatt li, f'tali sitwazzjoni, ċerti ċifri ma jistgħux jiġu kkontestati bħala tali, huwa l-konsegwenza diretta tal-konċiljazzjoni neċessarja tar-rekwiżiti li jirriżultaw, minn naħa, mill-Artikolu 339 TFUE u,

min-naħa l-oħra, mill-Artikolu 296 TFUE, kif ukoll mill-Artikolu 47 tal-Karta, liema konċiljazzjoni tiġġustifika, skont din il-ġurisprudenza, in-nuqqas ta' żvelar ta' informazzjoni koperta mis-sigriet kummerċjali.

133 Madankollu, għandu jiġi ppreċiżat li dawn iċ-ċifri ma humiex eżenti minn kull possibbiltà ta' azzjoni legali, sa fejn, skont din l-istess ġurisprudenza, il-motivazzjoni ta' att li jkun ta' preġudizzju għal parti f'kawża u li jkun fih dawn iċ-ċifri għandha turi b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament u l-metodoloġija użata. Nuqqas f'dan ir-rigward jagħti lill-parti f'kawża d-dritt għal azzjoni legali quddiem il-qorti tal-Unjoni.

134 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda żball ta' liġi meta ddeċidiet, fid-digriet tad-9 ta' Ġunju 2021, imsemmi fil-punt 723 tas-sentenza appellata, li t-test sħiħ ta' dawn id-dokumenti ma kienx rilevanti sabiex jiġi deċiż ir-rikors fl-ewwel istanza.

135 Barra minn hekk, għalkemm l-appellanti ssostni li l-informazzjoni mhux żvelata influwenzat id-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li l-appellanti b'ebda mod ma ssostni l-argument tagħha u, sa fejn tirreferi għall-punt 278 tas-sentenza appellata, hija toqgħod fuq qari manifestament żbaljat ta' din is-sentenza. Fil-fatt, mill-kliem stess ta' dan il-punt jirriżulta li l-Qorti Ġenerali b'ebda mod ma qagħdet fuq l-anness tal-ittra ta' Banco Popular lill-BĊE tas-6 ta' Ġunju 2017, iżda rriproduċiet biss l-informazzjoni fir-rigward ta' dan l-anness li kienet tinsab f'din l-ittra. Issa, l-appellanti ma hijiex tikkontesta l-fatt li din l-ittra ġiet ikkomunikata lilha.

136 Għaldaqstant, il-ħames aggravju għandu jiġi miċħud bħala parzjalment ineffettiv u parzjalment infondat.

2. Fuq l-ewwel aggravju

137 Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta ddeċidiet, fil-punti 275 sa 327 tas-sentenza appellata, li s-SRB osserva l-obbligu ta' diliġenza tiegħu, kif ukoll l-Artikolu 296 TFUE fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet għal riżoluzzjoni previsti fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament SRM. Dan l-aggravju jinqasam f'żewġ partijiet.

a) L-argumenti tal-partijiet

138 Taħt l-ewwel parti tal-ewwel aggravju, l-appellanti ssostni li, għall-kuntrarju ta' dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punti 292 sa 302 tas-sentenza appellata, is-SRB kiser il-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament SRM, id-dmir ta' diliġenza tiegħu, kif ukoll l-obbligu ta' motivazzjoni taħt l-Artikolu 296 TFUE, sa fejn naqas milli jiġbor bir-reqqa u b'mod imparzjali l-fatti kollha relatati mal-kriżi ta' likwidità ta' Banco Popular u milli jippreċiża r-raġunijiet għaliex huwa kien iqis li din il-kriżi ma kinitx *una tantum*, ta' darba.

139 Fil-fehma tal-appellanti, in-nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżit ta' kopertura ta' likwidità ma kienx raġuni għal riżoluzzjoni, iżda kellu bħala konsegwenza li l-BĊE kellu jistipula perijodu ta' żmien għal Banco Popular sabiex tiġi rripristinata s-sitwazzjoni tiegħu u seta', jekk ikun il-każ, jissanzjonah, ħaġa li huwa ma għamilx. Hija tqis li s-SRB qagħad fuq kriterju wieħed, marbut mal-possibbiltà li, fis-7 ta' Ġunju 2017, tingħata assistenza urġenti ta' likwidità, ħaġa li, fil-fehma tal-appellanti, turi li l-kriżi kienet *una tantum*. Madankollu, skont il-Linji Gwida tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) tas-6 ta' Awwissu 2015 dwar l-interpretazzjoni tas-sitwazzjonijiet

differenti li fihom il-falliment ta' istituzzjoni jitqies li qiegħed iseħħ jew li x'aktarx ser iseħħ skont l-Artikolu 32(6) tad-Direttiva 2014/59/UE (EBA/GL/2015/07), imsemmija fil-punt 294 tas-sentenza appellata, kriżi ta' likwidità tista' twassal biss għal sitwazzjoni ta' falliment li qiegħed iseħħ jew li x'aktarx ser iseħħ jekk din il-kriżi ma tkunx waħda temporanja. Filwaqt li tirreferi għas-sitwazzjoni ta' bank ieħor, l-appellanti ssostni li kriżi ta' likwidità, sabiex ma tkunx tista' titqies iktar bħala waħda *una tantum*, għandha ddum iktar minn ħames xhur.

140 Permezz tat-tieni parti tal-ewwel aggravju, l-appellanti ssostni li s-sentenza appellata hija vvizzjata bi żball ta' liġi fl-applikazzjoni tad-dmir ta' diliġenza li għandu s-SRB u tal-Artikolu 296 TFUE, sa fejn il-Qorti Ġenerali ddikjarat, fil-punt 303 ta' dik is-sentenza, li ċ-ċirkustanzi u r-raġunijiet li wasslu lill-BĊE sabiex jikkonkludi li l-Banco Popular kienet inadempjenti ma kinux rilevanti. Fid-dawl tal-marġni wiesgħa ta' evalwazzjoni li għandu s-SRB taħt il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(1) u taħt il-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(4) tar-Regolament SRM, dan l-organu huwa obbligat jeżamina, bir-reqqa u b'mod imparzjali, l-informazzjoni rilevanti kollha u jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu fid-dawl ta' din l-informazzjoni. B'hekk, is-SRB ma jistax sempliċement jirreferi għall-evalwazzjoni tal-BĊE dwar is-sitwazzjoni ta' falliment li qiegħed iseħħ jew li aktarx ser iseħħ ta' Banco Popular.

141 B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali kien messha fittxet, għall-kuntrarju ta' dak li ddeċidiet fil-punt 315 tas-sentenza appellata, ir-raġunijiet għaliex ma setgħetx tingħata l-assistenza urġenti ta' likwidità lil Banco Popular u jekk kienx possibbli għal din tal-aħħar li tikseb assistenza urġenti ta' likwidità supplimentari. Għal dan il-għan, is-SRB kellu jiġbor l-ammont tal-assistenza urġenti ta' likwidità li kien ġie awtorizzat, l-ammont li kien intuża, l-ammont li kien disponibbli u l-ammont supplimentari ta' assistenzi urġenti ta' likwidità li seta' jintalab. F'dan ir-rigward, il-kunsiderazzjoni tal-Qorti Ġenerali li l-għoti ta' likwidità b'urġenza ma jaqax fil-kompetenzi tas-SRB jikkonferma li dan l-organu ma osservax id-dmir ta' diliġenza tiegħu.

142 Il-Kummissjoni ssostni li l-ewwel aggravju huwa inammissibbli, sa fejn l-appellanti sempliċement ittenni jew tirriproduċi kelma b'kelma l-motivi u l-argumenti mressqa fir-rikors tagħha fl-ewwel istanza, mingħajr ma tispjega kif il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi. Fil-fehma tas-SRB, l-appellanti ssostni, għall-ewwel darba fl-istadju tal-appell, li n-nuqqas ta' osservanza tal-proporzjon tal-kopertura tal-likwidità (liquidity coverage ratio) ma huwiex raġuni għal riżoluzzjoni, li l-BĊE ma ssanzjonax lil Banco Popular għan-nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità u li t-talba għal assistenza urġenti ta' likwidità supplimentari turi n-natura temporanja tal-kriżi ta' likwidità.

143 Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni, is-SRB, ir-Renju ta' Spanja u Banco Santander huma tal-fehma li l-ewwel aggravju ma huwiex fondat.

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

1) Fuq l-ammissibbiltà

144 Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, l-appellanti qiegħda essenzjalment tfittex li tikkontesta l-fondatezza tar-raġunijiet għaliex il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-tmien motiv tagħha fl-ewwel istanza, ibbażat fuq l-allegazzjoni li s-SRB kiser il-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament SRM, id-dmir ta' diliġenza tiegħu u l-obbligu ta' motivazzjoni taħt l-Artikolu 296 TFUE. Sa fejn dan l-aggravju fih indikazzjonijiet preċiżi dwar il-punti

kkontestati tas-sentenza appellata, kif ukoll l-argumenti li huwa bbażat fuqhom, dan ma jistax, skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 106 ta' din is-sentenza, jiġi ddikjarat inammissibbli fl-intier tiegħu.

145 Fir-rigward, b'mod iktar speċifiku, tal-argumenti bbażati, taħt l-ewwel parti tal-ewwel aggravju, fuq l-assenza ta' sanzjoni imposta mill-BĊE fuq Banco Popular għan-nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità, kif ukoll fuq it-talba għal assistenza urġenti ta' likwidità supplimentari, dawn l-argumenti jikkontestaw il-motivi preċiżi tas-sentenza appellata. F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-SRB jiżbalja meta jsostni li dawn huma argumenti ġodda inammissibbli fl-istadju tal-appell.

146 Fil-fatt, rikorrent jista' jippreżenta appell billi jinvoka aggravji li jirriżultaw mis-sentenza appellata nnifisha u li jkunu intiżi li jikkritikaw, fid-dritt, il-fondatezza tagħha (sentenza tal-25 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs European Food *et*, C-638/19 P, EU:C:2022:50, punt 77, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

2) Fuq il-mertu

147 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li għalkemm, permezz tal-ewwel aggravju tagħha, l-appellanti tinvoka ksur tal-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament SRM, tad-dmir ta' diliġenza u tal-obbligu ta' motivazzjoni taħt l-Artikolu 296 TFUE, hija ma hijiex tikkritika l-interpretazzjoni li l-Qorti Ġenerali adottat fir-rigward tal-ewwel wieħed minn dawn l-artikoli, iżda qiegħda tikkontesta biss, essenzjalment, il-fondatezza tad-deċiżjoni li s-SRB osserva d-dmir ta' diliġenza tiegħu u l-obbligu ta' motivazzjoni tiegħu meta hija qieset li l-kundizzjonijiet għal riżoluzzjoni previsti fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament SRM kienu vverifikati f'dan il-każ.

i) Fuq l-ewwel parti tal-ewwel aggravju

148 L-appellanti ssostni li, għall-kuntrarju ta' dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punti 292 sa 302 tas-sentenza appellata, is-SRB kiser l-obbligu tiegħu ta' diliġenza u l-obbligu ta' motivazzjoni tiegħu billi żamm lura milli jiġbor il-fatti kollha relatati mal-kriżi ta' likwidità ta' Banco Popular u milli jispeċifika r-raġuni għaliex din il-kriżi kellha titqies li ma kinitx *una tantum*, ta' darba.

149 Għandu jiġi kkonstatat li dan l-argument jirriżulta minn qari manifestament żbaljat tas-sentenza appellata, kif ukoll tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża.

150 Fl-ewwel lok, mill-punti 276 sa 302 tas-sentenza appellata jirriżulta li, skont il-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali, is-SRB qagħad fuq numru ta' fatturi sabiex jasal għal konklużjoni li, minħabba problemi ta' likwidità, Banco Popular mhux ser tkun iktar f'pożizzjoni, fil-futur qarib, li tħallas id-dejn tagħha jew passiv ieħor meta jimmatura u, għaldaqstant, kienet qiegħda tfalli fis-sens tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(1) u tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(4) tar-Regolament SRM.

151 B'hekk, fir-rigward tal-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni ta' likwidità ta' Banco Popular, il-Qorti Ġenerali rrilevat, l-ewwel nett, fil-punt 290 tas-sentenza appellata, li s-SRB kien ikkonstata, fil-premessa 23 tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża, filwaqt li rrefera għall-evalwazzjoni mwettqa mill-BĊE, li s-sitwazzjoni ta' likwidità ta' Banco Popular kienet iddeterjorat b'mod sinjifikattiv minn Ottubru 2016 u dan minħabba rtirar ta' depożiti fis-segmenti kollha tal-klijentela tagħha. Il-Qorti

Ġenerali żiedet tgħid li, fl-istess premessa, is-SRB kien ikkonkluda minn din l-evoluzzjoni li Banco Popular ma kellhiex biżżejjed imnejn tagħżel sabiex tirrestawra l-likwidità tagħha bil-għan li tara li tkun tista' tħallas il-passiv tagħha meta jimmatura. It-tieni nett, fil-punt 291 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li, fil-premessa 24 tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża, is-SRB kien elenka d-diversi avvenimenti pubbliċi li wasslu, sa minn Frar 2017, għal deterjorament rapidu tal-likwidità ta' Banco Popular u għal żieda fl-irtirar tad-depożiti. Fl-aħħar nett, fil-punt 292 tal-imsemmija sentenza, hija żiedet tgħid li s-SRB kien indika wkoll li, sa mit-12 ta' Mejju 2017, dan il-bank ma kienx qiegħed josserva r-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità u li hija ma kinitx għadha tista' tosservah fid-data li fiha ġiet adottata din l-iskema.

152 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-appellanti tiżbalja meta ssostni li l-impossibbiltà li tingħata assistenza urġenti ta' likwidità fis-7 ta' Ġunju 2017 kienet l-uniku kriterju li ttieħed inkunsiderazzjoni. Għall-kuntrarju, peress li dan ir-rifjut ta' tali assistenza jissemma fil-premessa 26 ta' din l-iskema, is-SRB ħadu inkunsiderazzjoni biss b'mod komplementari fir-rigward tal-fatturi msemmija fil-punt 151 ta' din is-sentenza, elenkati fil-premessi 23 u 24 tal-imsemmija skema.

153 Minn dawn il-konstatazzjonijiet jirriżulta li, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni l-appellanti, is-SRB u l-Qorti Ġenerali b'ebda mod ma qiesu li n-nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità kien, minnu nnifsu, raġuni għal riżoluzzjoni. Fil-fatt, dan in-nuqqas ta' osservanza ttieħed inkunsiderazzjoni, flimkien ma' ċirkustanzi oħra, sabiex jiġi konkluż li minħabba problemi ta' likwidità, Banco Popular kienet aktarx ser tfalli fis-sens tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(1) u tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(4) tar-Regolament SRM, liema konklużjoni hija kkorroborata mill-kunsiderazzjonijiet fil-punti 294 sa 299 tas-sentenza appellata.

154 F'dawn il-punti tal-aħħar, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat, billi ħadet inkunsiderazzjoni d-diversi elementi msemmija fil-punt 151 ta' din is-sentenza, li s-SRB kien ikkonforma ruħu, kif proprju jipprevedi l-Artikolu 5(2) tar-Regolament SRM, mal-Linji Gwida tal-EBA tas-6 ta' Awwissu 2015 dwar l-interpretazzjoni tas-sitwazzjonijiet differenti li fihom istituzzjoni titqies li qiegħda tfalli jew li x'aktarx ser tfalli skont l-Artikolu 32(6) tad-Direttiva 2014/59. Issa, skont dawn il-linji gwida, il-kapaċità li jiġu osservati r-rekwiżiti minimi ta' likwidità hija fattur, fost oħrajn, li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni għal dan il-għan.

155 Fl-aħħar nett, fid-dawl tal-fatturi kollha msemmija fil-punt 151 ta' din is-sentenza, l-appellanti tiżbalja meta tikkritika lis-SRB talli ma speċifikax ir-raġuni għaliex din il-kriżi ta' likwidità kellha titqies li ma hijiex *una tantum*, ta' darba. Fil-fatt, kif ġustament ikkonstatat il-Qorti Ġenerali fil-punt 302 tas-sentenza appellata, minn dawn il-fatturi jirriżulta li l-problemi ta' likwidità ta' Banco Popular ma setgħux jitqiesu biss ta' darba. Il-Qorti Ġenerali ġustament qieset, f'dik is-sentenza, li din il-konklużjoni kienet ikkonfermata mill-fatt, meħud ukoll inkunsiderazzjoni fil-premessa 36 tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża, li dan il-bank kien huwa stess informa lill-BĊE, permezz tal-ittra tas-6 ta' Ġunju 2017, li kien qiegħed ifalli minħabba problemi ta' likwidità.

156 Għaldaqstant, l-ewwel parti tal-ewwel aggravju għandha titqies bħala infondata.

ii) Fuq it-tieni parti tal-ewwel aggravju

157 L-appellanti ssostni li fil-punti 303 u 315 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali injorat l-obbligu tas-SRB, li jirriżulta mill-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament SRM, mid-dmir ta' diliġenza tiegħu u mill-Artikolu 296 TFUE, li jeżamina, bir-reqqa u b'mod imparzjali, l-informazzjoni rilevanti kollha u li jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu fid-dawl ta' din l-informazzjoni.

158 Fir-rigward tal-punt 303 tas-sentenza appellata, għalkemm l-appellanti ġustament tirrimarka li l-Qorti Ġenerali qieset li ċ-ċirkustanzi u r-raġunijiet li wasslu lill-BĊE sabiex jikkonkludi li l-Banco Popular kienet qiegħda tfalli ma kinux rilevanti, għandu jiġi enfasizzat li, b'dawn ir-raġunijiet, il-Qorti Ġenerali rrispondiet għall-argument tal-appellanti li l-problemi ta' likwidità ta' Banco Popular ma kinux imputabbli lil dan il-bank iżda kienu r-riżultat ta' avvenimenti oħra.

159 Huwa b'risposta għal dan l-argument li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet, essenzjalment, li r-raġunijiet għall-falliment ta' Banco Popular kienu irrilevanti għall-evalwazzjoni tal-legalità tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża fid-dawl tal-Artikolu 18 tar-Regolament SRM. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax jitqies li, fl-imsemmi punt, il-Qorti Ġenerali kienet tal-fehma li s-SRB seta' sempliċement jirreferi għall-evalwazzjoni tal-BĊE dwar is-sitwazzjoni tal-falliment li qiegħed iseħħ jew li x'aktarx ser iseħħ ta' Banco Popular mingħajr ma jfittex li jikseb informazzjoni dwar dan is-suġġett. Dan huwa iktar u iktar il-każ peress li, kif jirriżulta mill-analiżi tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, b'mod partikolari fil-punti 291 u 302 tas-sentenza appellata, li l-evalwazzjoni tas-SRB mhux biss kienet ibbażata fuq din l-evalwazzjoni tal-BĊE iżda wkoll fuq avvenimenti magħrufa pubblikament, kif ukoll fuq l-ittra ta' Banco Popular tas-6 ta' Ġunju 2017 tinforma lill-BĊE li hija kienet qiegħda tfalli minħabba problemi ta' likwidità.

160 Fir-rigward tal-punt 315 tas-sentenza appellata, huwa minnu li fih il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-appellanti ma tistax tikkritika lis-SRB talli ma eżaminax, fl-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża, jekk kienx possibbli għal Banco Popular li tikseb assistenza urġenti ta' likwidità supplimentari.

161 Madankollu, sabiex waslet għal din il-konklużjoni, il-Qorti Ġenerali kkonstatat fil-punti 311 u 313 ta' din is-sentenza, l-ewwel nett, li mill-Artikolu 3(2)(d) tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża kien jirriżulta li assistenza urġenti ta' likwidità ma kinitx tkun biżżejjed fid-dawl tal-ħeffa tad-deterjorament tal-likwidità ta' Banco Popular, it-tieni nett, li assistenza urġenti ta' likwidità supplimentari ma kinitx iktar possibbli wara li ġie kkonstatat il-falliment ta' dan il-bank l-għada tal-ewwel assistenza urġenti ta' likwidità, u, it-tielet nett, li s-SRB ma kellu ebda rwol fl-għoti ta' assistenza urġenti ta' likwidità, li taqa' fil-kompetenza tal-banek ċentrali nazzjonali.

162 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali setgħet tqis, mingħajr ma twettaq ebda żball ta' liġi, li s-SRB kien eżamina, b'mod suffiċjenti fid-dritt, jekk kienx possibbli li Banco Popular jibbenefika minn assistenza urġenti ta' likwidità supplimentari.

163 Fi kwalunkwe każ, is-SRB ma jistax jiġi kkritikat talli naqas milli jfittex ir-raġunijiet għaliex Banco Popular ma bbenefikax minn assistenza urġenti ta' likwidità supplimentari. Fil-fatt, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament SRM jissuġġetta l-adozzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni għall-kundizzjoni li, l-ewwel nett, il-falliment tal-entità kkonċernata jkun qiegħed iseħħ jew ikun x'aktarx ser iseħħ, li, it-tieni nett, fid-dawl tal-perijodi ta' żmien stipulati u ta' ċirkustanzi rilevanti oħra, ma jkun hemm ebda prospett raġonevoli li miżuri oħra mis-settur privat, meħuda fir-rigward tal-entità, jevitaw il-falliment tagħha f'perijodu ta' żmien raġonevoli u,

it-tielet nett, li azzjoni ta' riżoluzzjoni tkun neċessarja fl-interess pubbliku. Madankollu, din id-dispożizzjoni ma tagħmel ebda riferiment għall-kawżi la tas-sitwazzjoni ta' falliment u lanqas tal-assenza ta' miżura alternattiva.

164 Teħid inkunsiderazzjoni ta' dawn il-kawżi jkun, barra minn hekk, inkompatibbli mal-għanijiet tar-Regolament SRM li, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-premessa 58 tiegħu, huwa intiż li jżomm l-istabbiltà finanzjarja, li jiżgura l-kontinwità tas-servizzi finanzjarji essenzjali u li jipproteġi lid-depożitanti. B'mod partikolari, iċ-ċirkustanzi li jkunu kkawżaw il-falliment tal-bank ikkonċernat ma jistgħux iżommu lis-SRB milli jadotta azzjoni ta' riżoluzzjoni, minkejja li l-kundizzjonijiet kollha previsti fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(1) ta' dan ir-regolament ikunu ssodisfatti, sa fejn dan il-bank ikkonċernat ikun falla, li ma jkun hemm ebda soluzzjoni alternattiva u, b'mod partikolari, li azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward tiegħu tkun konformi mal-interess pubbliku.

165 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet premessi, it-tieni parti tal-ewwel aggravju hija infondata. Għaldaqstant, dan l-aggravju kollu kemm hu għandu jiġi miċħud bħala infondat.

3. Fuq ir-raba' aggravju

166 Ir-raba' aggravju huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 47 tal-Karta, tal-Artikolu 296 TFUE u tar-regoli dwar l-oneru tal-prova. L-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta ddeċidiet, fil-punti 330 sa 353 tas-sentenza appellata, li l-motivazzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża la kienet kontradittorja u lanqas insuffiċjenti. Dan l-aggravju jinqasam f'żewġ partijiet.

a) L-argumenti tal-partijiet

167 Permezz tal-ewwel parti tar-raba' aggravju, l-appellanti ssostni li, għall-kuntrarju ta' dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punti 341 sa 344 tas-sentenza appellata, il-motivazzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża hija vvizzjata b'kontradizzjoni sa fejn is-SRB, minn naħa, attribwixxa lil Banco Popular valur ta' EUR 8.2 biljun fin-negattiv fl-eżerċizzju tas-setgħa ta' żvalutazzjoni, fl-Artikoli 6(3) u (4) ta' din l-istess skema, u, min-naħa l-oħra, qies, fil-kuntest tal-Valutazzjoni 2, li tagħmel parti integrali minn din l-iskema, li l-bank kien solventi.

168 It-tieni parti ta' dan l-aggravju hija bbażata fuq ksur, mill-Qorti Ġenerali, tal-Artikolu 296 TFUE, sa fejn hija qieset, fil-punti 345 sa 353 tas-sentenza appellata, li l-motivazzjoni tal-premessi 23 u 24, kif ukoll tal-premessa 26(c) tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża kienet biżżejjed sabiex tinftiehem il-gravità tal-kriżi ta' likwidità ta' Banco Popular. Madankollu, l-appellanti tqis li l-informazzjoni f'dawn il-premessi hija ġenerika u tista' tapplika għal kull kriżi ta' likwidità. Sabiex jifhem il-kriżi ta' likwidità li Banco Popular kienet qiegħda tħabbat wiċċha magħha, espert ekonomiku kellu jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu informazzjoni supplimentari u, b'mod partikolari, ċifri li jirriflettu eżattament is-sitwazzjoni ta' likwidità ta' dan il-bank fis-6 u fis-7 ta' Ġunju 2017. Barra minn hekk, il-motivazzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża ma turix ir-raġunijiet għaliex il-Bank ta' Spanja ma tax l-assistenza urġenti ta' likwidità supplimentari.

169 Is-SRB u Banco Santander isostnu li r-raba' aggravju huwa inammissibbli fiż-żewġ partijiet tiegħu, minħabba li l-appellanti sempliċement ittenni jew tirriproduċi kelma b'kelma l-motivi u l-argumenti li ġew ippreżentati quddiem il-Qorti Ġenerali, mingħajr ma tinvoka ebda żball ta' liġi fis-sentenza appellata.

170 Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni, is-SRB, ir-Renju ta' Spanja u Banco Santander iqisu li r-raba' aggravju ma huwiex fondat.

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

171 Fir-rigward tal-ewwel parti tar-raba' aggravju, għandu jitfakkar li, fil-punti 342 sa 344 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali diġà ddeċidiet li d-determinazzjoni ta' solvenza ta' Banco Popular, ibbażata fuq il-valur kontabbilistiku ta' din tal-aħħar, ma kinitx f'kontradizzjoni mad-determinazzjoni ta' valur ekonomiku ta' EUR 8.2 biljun fin-negattiv. Issa, fl-appell tagħha, l-appellanti sempliċement ittenni l-argument tagħha bbażat fuq kontradizzjoni tal-motivi, mingħajr ma tispjega għalfejn il-Qorti Ġenerali żbaljat meta qieset, fil-punti 342 sa 344 ta' din is-sentenza, li kellha ssir distinzjoni bejn il-valur kontabbilistiku u l-valur ekonomiku ta' Banco Popular.

172 Għalhekk, għandu jitqies li l-ewwel parti tar-raba' aggravju, sa fejn din sempliċement ittenni l-argumenti diġà ppreżentati quddiem il-Qorti Ġenerali, hija inammissibbli skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 105 ta' din is-sentenza.

173 Fir-rigward tal-ammissibbiltà tat-tieni parti tar-raba' aggravju tagħha, għandu jiġi kkonstatat li l-appellanti, mingħajr ma sempliċement ittenni l-argumenti ppreżentati fl-ewwel istanza, tikkritika l-evalwazzjoni, mill-Qorti Ġenerali, tal-motivazzjoni fil-premessi 23 u 24, kif ukoll fil-premessa 26(c) tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża minħabba li, għall-kuntrarju ta' dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali, iċ-ċifri f'din l-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża li tħallew barra għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità kienu neċessarji sabiex tiġi analizzata u tinftiehem il-kriżi ta' likwidità ta' Banco Popular.

174 Għalhekk, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà invokata mis-SRB u Banco Santander għandha tiġi miċħuda, sa fejn din tirrigwarda t-tieni parti tar-raba' aggravju.

175 Fir-rigward tal-mertu, mill-premessi 23 sa 25 u mill-premessa 26(c) tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża jirriżulta, l-ewwel nett, li s-sitwazzjoni ta' likwidità ta' Banco Popular kienet iddeterjorat b'mod sinjifikattiv minn Ottubru 2016, minħabba l-irtirar ta' depożiti mis-segmenti kollha tal-klijentela u li dan il-bank ma kellux biżżejjed imnejn jagħżel sabiex jirrestawra l-likwidità tagħha u jara li jkun jista' jħallas il-passiv tiegħu meta jimmatura, it-tieni nett, li d-deterjorament tas-sitwazzjoni ta' likwidità tiegħu wassal lill-aġenziji tar-rating tal-kreditu sabiex ibaxxu r-rating ta' dan il-bank u, fl-aħħar nett, li, fid-dawl ta' dan id-deterjorament, il-BĊE kien ikkonkluda li Banco Popular kien f'sitwazzjoni ta' falliment li qiegħed iseħħ jew li x'aktarx ser iseħħ. Issa, għandu jiġi kkonstatat li dawn l-indikazzjonijiet juru b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament segwit mis-SRB, u b'hekk josservaw ir-rekwiżiti li l-motivazzjoni ta' att għandha tissodisfa fil-preżenza ta' informazzjoni kunfidenzjali, u dan meta wieħed iqis it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 88(1) tar-Regolament SRM, interpretat fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 117 u 118 ta' din is-sentenza.

176 B'hekk, il-Qorti Ġenerali ma kisritx l-Artikolu 296 TFUE meta ddeċidiet, fil-punti 345 sa 353 tas-sentenza appellata, li l-indikazzjonijiet fil-premessi 23 sa 25 u fil-premessa 26(c) tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża kienu jippermettu li tinftiehem il-gravità tal-kriżi ta' likwidità ta' Banco Popular minħabba l-irtirar tad-depożiti li kienu wasslu sabiex jiġi kkonstatat, mill-BĊE u mis-SRB, li hija kienet f'sitwazzjoni ta' falliment li qiegħed iseħħ jew li x'aktarx ser iseħħ, mingħajr ma kien neċessarju li wieħed ikun jaf eżattament l-ammont ta' dan l-irtirar.

177 L-allegata neċessità li wieħed ikun jaf b'dawn l-ammonti u ċ-ċifri l-oħra invokati mill-appellanti tidher wisq inqas neċessarja billi huwa ppreċiżat, fil-premessa 36 ta' din l-iskema, li l-Bord tad-Diretturi ta' Banco Popular qabel mal-evalwazzjoni tal-BĊE dwar is-sitwazzjoni ta' falliment li qiegħed iseħħ jew li x'aktarx ser iseħħ, ħaġa li l-appellanti ma tikkontestax.

178 Dan ifisser li t-tieni parti tar-raba' aggravju hija infondata.

179 Għaldaqstant, ir-raba' aggravju għandu jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

4. Fuq is-sitt aggravju

180 Permezz tas-sitt aggravju tagħha, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 47 tal-Karta u l-Artikolu 6 tal-KEDB, kif ukoll il-prinċipju ta' kontradittorju sa fejn hija ċaħdet, fil-punti 721 sa 728 tas-sentenza appellata, il-miżuri istruttorji mitluba, minħabba li dawn ma kinux rilevanti jew li l-informazzjoni fil-proċess kienet biżżejjed sabiex il-Qorti Ġenerali tagħti deċiżjoni. Dan l-aggravju jinqasam fi tliet partijiet.

a) L-argumenti tal-partijiet

181 Permezz tal-ewwel parti tas-sitt aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali, sabiex tosserva l-prinċipju ta' kontradittorju u ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, kellha tordna l-produzzjoni tat-test sħiħ tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża, tal-Valutazzjonijiet 1 u 2, tal-evalwazzjoni tal-BĊE dwar is-sitwazzjoni ta' falliment li qiegħed iseħħ jew li x'aktarx ser iseħħ ta' Banco Popular, kif ukoll tal-pjan ta' riżoluzzjoni tal-2016. Fil-fatt, il-prinċipju ta' kontradittorju jeżiġi li l-partijiet f'kawża jkunu jistgħu jieħdu konjizzjoni tad-dokumenti jew tal-osservazzjonijiet kollha ppreżentati lill-qorti sabiex jinfluwenzaw id-deċiżjoni tagħha u sabiex jiddiskutuhom. Għalkemm il-Qorti Ġenerali kellha marġni ta' evalwazzjoni sabiex tevalwa r-rilevanza tal-provi, hija ma setgħetx tqis li l-att ikkontestat innifsu jikkostitwixxi prova li ma hijiex rilevanti għas-soluzzjoni tat-tilwima. F'dan ir-rigward, in-natura kunfidenzjali li jistgħu jkollhom id-dokumenti mitluba hija, fil-fehma tal-appellanti, irrilevanti, peress li l-impenn ta' kunfidenzjalità taħt l-Artikolu 103(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali jippermetti li jiġu konċiljata l-interessi inkwistjoni.

182 Fir-rigward tat-tieni parti ta' dan l-aggravju, l-appellanti tqis, insostenn ta' din tal-aħħar, li l-Qorti Ġenerali kellha taċċetta l-prova testimonjali tal-espert li ffirma r-rapport ekonomiku li hija kienet ippreżentat insostenn tar-rikors tagħha fl-ewwel istanza, sa fejn, fil-fehma tagħha, din il-prova kienet neċessarja sabiex tiġi vverifikata u tinftiehem l-informazzjoni teknika u kumplessa fl-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża u fil-Valutazzjonijiet 1 u 2 kif ukoll, fi kwalunkwe każ, sabiex jiġu fformulati rimedji legali effettivi.

183 Permezz tat-tielet parti tal-imsemmi aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali kellha tordna l-produzzjoni ta' varji dokumenti li kienu jagħmluha possibbli li tiġi diskussa l-kwistjoni dwar jekk kriżi ta' likwidità hijiex raġuni għal riżoluzzjoni jew jekk kienx hemm miżuri oħra iktar proporzjonati mir-riżoluzzjoni, bħalma hija l-assistenza urġenti ta' likwidità.

184 Il-Kummissjoni u Banco Santander isostnu li s-sitt aggravju huwa inammissibbli, sa fejn l-appellanti sempliċement ittenni jew tirriproduċi kelma b'kelma l-motivi u l-argumenti li ġew ippreżentati fl-ewwel istanza u dan filwaqt li titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tissostitwixxi

l-evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi mwettqa mill-Qorti Ġenerali bl-evalwazzjoni tagħha stess. Barra minn hekk, hija l-Qorti Ġenerali biss li għandha s-setgħa li tevalwa l-valur probatorju tal-atti tal-kawża, liema evalwazzjoni ma hijiex suġġetta għall-istħarriġ ġudizzjarju tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-istadju tal-appell, ħlief fil-każ ta' żnaturament tal-provi ppreżentati jew meta l-ineżattezza sostantiva tal-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali tkun tirriżulta mill-atti tal-proċess. Issa, l-appellanti sempliċement tesprimi n-nuqqas ta' qbil tagħha mal-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali, mingħajr ma tinvoka tali żnaturament jew tali ineżattezza.

185 Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni, is-SRB, ir-Renju ta' Spanja u Banco Santander isostnu li l-argument tal-appellanti huwa infondat.

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

1) Fuq l-ammissibbiltà

186 Fir-rigward tal-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà invokati mill-Kummissjoni u minn Banco Santander, għandu jiġi kkonstatat li, permezz tas-sitt aggravju tagħha, l-appellanti qiegħda tikkritika l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mill-Qorti Ġenerali fil-punti 721 sa 728 tas-sentenza appellata. Skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 106 ta' din is-sentenza, is-sitt aggravju ma jistax, għaldaqstant, jiġi ddikjarat inammissibbli fl-intier tiegħu.

187 Madankollu, il-Kummissjoni u Banco Santander ġustament ifakkru li hija biss il-Qorti Ġenerali li tiddeċiedi jekk hemmx bżonn li tiġi ssupplimentata l-informazzjoni li hija jkollha għad-dispożizzjoni tagħha dwar il-kawżi li jkollha quddiemha. B'hekk, hija l-Qorti Ġenerali li għandha s-setgħa li tevalwa l-valur probatorju tal-atti tal-kawża, liema evalwazzjoni ma hijiex suġġetta għall-istħarriġ ġudizzjarju tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-istadju tal-appell, ħlief fil-każ ta' żnaturament tal-provi ppreżentati jew meta l-ineżattezza sostantiva tal-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali tkun tirriżulta mill-atti tal-proċess (sentenza tas-26 ta' Jannar 2017, Mamoli Robinetteria vs Il-Kummissjoni, C-619/13 P, EU:C:2017:50, punt 117).

188 Issa, taħt it-tieni u t-tielet parti tas-sitt aggravju, l-appellanti sempliċement issostni li l-Qorti Ġenerali kellha tordna ċerti miżuri istruttorji, mingħajr, madankollu, ma tinvoka lment ibbażat fuq żnaturament jew fuq ineżattezza sostantiva tal-fatti jew tal-provi min-naħa tal-Qorti Ġenerali.

189 Għaldaqstant, it-tieni u t-tielet parti tas-sitt aggravju huma inammissibbli.

2) Fuq il-mertu

190 Fir-rigward tal-mertu tal-ewwel parti ta' dan l-aggravju, sa fejn l-appellanti tinvoka ksur tal-Artikolu 6 tal-KEDB, għandu jitfakkar li, għalkemm, kif proprju jikkonferma l-Artikolu 6(3) TUE, id-drittijiet fundamentali rrikonoxxuti mill-KEDB huma parti mid-dritt tal-Unjoni bħala prinċipji ġenerali u għalkemm l-Artikolu 52(3) tal-Karta jistabbilixxi li d-drittijiet li jinsabu fiha u li jikkorrispondu għal drittijiet iggarantiti mill-KEDB għandhom l-istess tifsira u l-istess portata li tagħtihom l-imsemmija konvenzjoni, din tal-aħħar ma hijiex strument legali integrat formalment fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni peress li l-Unjoni ma ffirmathiex. B'hekk, l-istħarriġ tal-legalità tal-atti tal-Unjoni għandu jitwettaq biss fid-dawl tad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta, b'mod partikolari l-Artikolu 47 tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Frar 2016, N., C-601/15 PPU, EU:C:2016:84, punti 45 u 46, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

191 Fir-rigward tal-prinċipju ta' kontradittorju, li jagħmel parti mid-drittijiet tad-difiża, iggarantiti fl-Artikolu 47 tal-Karta, għandu jiġi kkonstatat li l-ewwel parti tas-sitt aggravju tikkoinċidi, minn naħa, mal-argument invokat insostenn tal-ħames aggravju sa fejn l-appellanti tqis li l-Qorti Ġenerali kellha tordna l-produzzjoni tat-test sħiħ tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża, tal-Valutazzjonijiet 1 u 2, tal-evalwazzjoni tal-BĊE dwar is-sitwazzjoni ta' falliment li qiegħed iseħħ jew li x'aktarx ser iseħħ ta' Banco Popular, kif ukoll tal-pjan ta' riżoluzzjoni tal-2016. Issa, kif ġie deċiż fil-punti 117 u 118 ta' din is-sentenza, fid-dawl tal-informazzjoni kunfidenzjali f'dawn id-dokumenti, dan l-argument ma jistax jintlaqa'.

192 Min-naħa l-oħra, l-argument ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' kontradittorju essenzjalment jikkoinċidi mal-argument li l-Qorti Ġenerali bbażat l-eżami tagħha tal-legalità fuq informazzjoni f'dawn id-dokumenti li ma ġietx ikkomunikata lill-appellanti. Madankollu, kif jirriżulta mill-punt 135 ta' din is-sentenza, tali allegazzjoni hija għalkollox spekulattiva u tirriżulta, barra minn hekk, minn qari manifestament żbaljat tal-punt 278 tas-sentenza appellata. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-argument ibbażat fuq allegat ksur tal-prinċipju ta' kontradittorju ma huwiex fondat.

193 Dan ifisser li s-sitt aggravju għandu jiġi miċħud bħala parzjalment ineffettiv u parzjalment infondat.

C. Fuq is-seba' aggravju, ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 17 u 52 tal-Karta, kif ukoll fuq l-Artikoli 5(4) TUE

194 Permezz tas-seba' aggravju tagħha, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikoli 17 u 52 tal-Karta, kif ukoll tal-Artikolu 5(4) TUE, sa fejn hija ċaħdet, fil-punti 150 sa 219 tas-sentenza appellata, l-eċċezzjoni ta' illegalità, invokata abbażi tal-Artikolu 277 TFUE, li tirrigwarda l-Artikoli 15 u 22 tar-Regolament SRM, ibbażata fuq indħil sproporzjonat fid-dritt għall-proprjetà, kif ukoll fuq in-nuqqas ta' kumpens xieraq. Dan l-aggravju jinqasam f'ħames partijiet.

1. L-argumenti tal-partijiet

195 Permezz tal-ewwel sat-tielet u l-ħames parti tas-seba' aggravju, l-appellanti ssostni, l-ewwel nett, li, fil-punti 171 *et seq* tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali żbaljat meta qagħdet fuq il-ġurisprudenza li tirriżulta, b'mod partikolari, mis-sentenza tad-19 ta' Lulju 2016, Kotnik *et* (C-526/14, EU:C:2016:570), sabiex tiddeċiedi li l-Artikoli 15 u 22 tar-Regolament SRM ma jikkostitwixxux indħil sproporzjonat fid-dritt tal-azzjonisti għall-proprjetà, minkejja li din il-ġurisprudenza tirrigwarda banek bi problemi ta' solvenza jew b'telf li seta' jwassal għal defiċit ta' kapital u li kellhom ibatuh, fl-ewwel lok, l-azzjonisti. Barra minn hekk, għall-kuntrarju ta' dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari, fil-punti 171, 185 u 204 tas-sentenza appellata, azzjoni ta' riżoluzzjoni ma hijiex is-soluzzjoni alternattiva għal bank solventi, peress li l-attiv ta' tali bank ikun akbar mill-passiv tiegħu.

196 It-tieni nett, l-appellanti tikkontesta l-fondatezza taċ-ċaħda, fil-punti 177 sa 181 tas-sentenza appellata, tal-argument li l-Artikoli 15 u 22 tar-Regolament SRM ma kinux jippermettu li jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti tal-każ u, b'mod partikolari, is-solvenza tal-bank jew l-osservanza, minn dan tal-aħħar, tar-rekwiżiti fil-qasam tal-proporzjon ta' kapital (equity ratio). L-Artikoli 15, 21 u 22 tar-Regolament SRM huma fformulati b'mod tant wiesa' li

jkun possibbli, fil-prattika, li tiġi eżerċitata s-setgħa ta' żvalutazzjoni, minkejja li l-iżvalutazzjoni tal-kapital azzjonarju ma tkunx ta' natura li ssolvi l-problemi ta' likwidità ta' bank solventi li, fl-assenza ta' defiċit fil-kapital, ma jsofri ebda telf li għandhom ibatuh l-azzjonisti.

197 L-appellanti tikkritika wkoll il-punti 169 u 175 sa 189 tas-sentenza appellata, minħabba li l-Artikoli 15 u 22 tar-Regolament SRM ma jipprevedux soluzzjonijiet differenti, minn naħa, għall-banek insolventi u, min-naħa l-oħra, għall-banek solventi bi problemi ta' likwidità. Ebda waħda mill-għodod ta' riżoluzzjoni previsti fl-Artikolu 22 tal-imsemmi regolament ma hija maħsuba sabiex issolvi kriżi ta' likwidità li taffettwa bank solventi. Fil-fehma tal-appellanti, jeżistu soluzzjonijiet alternattivi inqas invadenti b'reazzjoni għal tali kriżi, bħalma hija l-assistenza urġenti ta' likwidità jew il-possibbiltà li jintlaħaq ftehim dwar moratorju tal-pagamenti.

198 Fl-aħħar nett, fil-punti 201 *et seq* tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali żbaljat meta qieset li l-Artikolu 20(16) u l-Artikolu 76(1)(e) tar-Regolament SRM, jipprevedu kumpens xieraq ta' natura li jiggarantixxi l-proporzjonalità tal-indħil fid-dritt tal-azzjonisti għall-proprjetà, billi jiżguraw li dawn tal-aħħar ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli milli kienu jiġu ttrattati f'xenarju ta' insolvenza. Sa fejn il-kalkolu tal-kumpens previst minn dawn id-dispożizzjonijiet jippreżupponi l-insolvenza tal-istituzzjoni, anki jekk il-bank kien solventi u ma kienx qiegħed iġarrab telf, l-imsemmija dispożizzjonijiet ma jiħdux inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi partikolari tal-assi esproprjati u tad-diversi sitwazzjonijiet li jistgħu jirriżultaw, għall-kuntrarju ta' dak li teżiġi l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li tirriżulta mis-sentenzi tal-21 ta' Mejju 2002, Jokela vs Il-Finlandja (CE:ECHR:2002:0521JUD002885695, punt 53) u tal-25 ta' Marzu 1999, Papachelas vs Il-Greċja (CE:ECHR:1999:0325JUD003142396, punt 53).

199 F'dan il-kuntest, l-appellanti tikkritika wkoll il-punti 191 u 211 sa 219 tas-sentenza appellata, minħabba li, fil-fehma tagħha, ir-Regolament SRM la jiggarantixxi l-ugwaljanza fit-trattament għall-azzjonisti kollha u lanqas id-dritt tal-azzjonisti u tal-krediturigħal kumpens ġust. Il-kumpens previst fl-Artikolu 20(11) u (12) ta' dan ir-regolament, b'żieda ma' dak previst fil-paragrafu 16 ta' dan l-Artikolu 20, ma japplikax għall-għodod kollha ta' riżoluzzjoni, iżda jistabbilixxi differenza fit-trattament skont l-għodda ta' riżoluzzjoni applikata.

200 Barra minn hekk, hija tqis li l-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ta' proporzjonalità, sa fejn hija ddeċidiet, fil-punt 169 tas-sentenza appellata, li l-indħil fid-dritt għall-proprjetà li jirriżulta mill-iżvalutazzjoni kien iġġustifikat peress li l-kundizzjonijiet għal riżoluzzjoni li jirriżultaw mill-Artikolu 18 tar-Regolament SRM kienu ssodisfatti.

201 Permezz tar-raba' parti tas-seba' aggravju, l-appellanti tinvoka ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità stabbilit fl-Artikolu 52(1) tal-Karta u fl-Artikolu 5(4) TUE, minħabba li l-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li l-Artikoli 15 u 22 tar-Regolament SRM ma jipprevedux mekkaniżmi li jippermettu li tiġi żgurata l-proporzjonalità tal-eżerċizzju tas-setgħa ta' żvalutazzjoni fil-każ ta' urġenza. Hija ssostni essenzjalment li dawn id-dispożizzjonijiet jippermettu, fil-każ ta' urġenza, li tiġi eżerċitata din is-setgħa mingħajr ma jiġu vvalutati l-attiv u l-passiv tal-bank. Madankollu, fil-każ li sussegwentement jirriżulta, fil-valutazzjoni definittiva *ex post*, li l-valur nett tal-attiv tal-bank jaqbeż dak tal-passiv, l-iżvalutazzjoni tkun, fl-aħħar mill-aħħar, eċċessiva, jekk mhux saħansitra inutli.

202 Is-SRB u Banco Santander isostnu li s-seba' aggravju huwa inammissibbli, minħabba li l-appellanti sempliċement ittenni l-argumenti diġà ppreżentati quddiem il-Qorti Ġenerali u li hija ma tidentifika ebda żball ta' liġi mwettaq minn din tal-aħħar. Il-Kunsill isostni li, taħt is-seba' aggravju, l-appellanti jidher li qiegħda tipprova tikkontesta mhux biss il-validità tal-Artikoli 15

u 22 tar-Regolament SRM, bħal fl-ewwel istanza, iżda wkoll ta' dispożizzjonijiet oħra tal-imsemmi regolament, b'mod partikolari l-Artikoli 18, 20 u 21 ta' dan tal-aħħar, u dan meta hija ma kinitx ikkontestat il-legalità ta' dawn l-artikoli tal-aħħar quddiem il-Qorti Ġenerali.

203 Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni, is-SRB, ir-Renju ta' Spanja u Banco Santander iqisu li s-seba' aggravju ma huwiex fondat.

2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

a) Fuq l-ammissibbiltà

204 Fir-rigward tal-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà invokata mis-SRB u minn Banco Santander, għandu jiġi kkonstatat li, permezz tas-seba' aggravju tagħha, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta ċaħdet l-eċċezzjoni tagħha ta' illegalità abbażi tal-Artikolu 277 TFUE, sa fejn l-Artikoli 15 u 22 tar-Regolament SRM jiksru d-dritt għall-proprjetà ggarantit fl-Artikolu 17 tal-Karta u, b'mod iktar speċifiku, il-prinċipju ta' proporzjonalità stabbilit fl-Artikolu 51(1) tagħha u fl-Artikolu 5(4) TUE, u tippreċiża l-punti kkontestati tas-sentenza appellata, kif ukoll l-argumenti li fuqhom hija toqgħod. Għalhekk, dan il-motiv ma jistax jiġi ddikjarat inammissibbli fl-intier tiegħu.

205 Fir-rigward tal-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kunsill, għalkemm l-appellanti tirreferi wkoll għall-Artikoli 18, 20 u 21 tar-Regolament SRM, hija ma tinvoka ebda argument ġdid li jikkontesta l-legalità ta' dawn l-artikoli, iżda hija teħodhom inkunsiderazzjoni sabiex issostni l-argument tagħha dwar l-allegata illegalità tal-Artikoli 15 u 22 ta' dan ir-regolament li hija kienet diġà qajmet quddiem il-Qorti Ġenerali.

206 Madankollu, kif irrilevat essenzjalment l-Avukata Ġenerali fil-punt 105 tal-konklużjonijiet tagħha, ir-raba' parti ta' dan l-aggravju hija inammissibbli, sa fejn l-appell jonqos, bi ksur tar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 169(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, milli jidentifika bi preċiżjoni l-punti tal-motivi tas-sentenza appellata li qegħdin jiġu kkritikati. Issa, dan in-nuqqas ta' preċiżjoni jfixkel l-istħarriġ tal-legalità li għandha twettaq il-Qorti tal-Ġustizzja.

207 Barra minn hekk, kif ġustament ikkonstatat l-Avukata Ġenerali, fl-istess punt tal-konklużjonijiet tagħha, il-ħames parti tas-seba' aggravju hija parzjalment inammissibbli, sa fejn din tirrigwarda d-diskriminazzjoni li tirriżulta mill-għażla tal-għodda ta' riżoluzzjoni. Fid-dawl tal-fatt li, kif jirriżulta mill-punti 190 *et seq* tas-sentenza appellata, l-appellanti, fl-ewwel istanza, ma kinitx invokat tali diskriminazzjoni bejn għodod differenti ta' riżoluzzjoni, iżda kien invokat dik bejn kategoriji differenti ta' krediturі, dan huwa għalhekk argument ġdid. Għaldaqstant, dan għandu jiġi ddikjarat bħala inammissibbli fl-istadju tal-appell.

b) Fuq il-mertu

208 Permezz tas-seba' aggravju tagħha, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta ċaħdet, fil-punti 150 sa 219 tas-sentenza appellata, l-eċċezzjoni ta' illegalità tagħha fir-rigward tal-Artikoli 15 u 22 tar-Regolament SRM ibbażata fuq indħil sproporzjonat fid-dritt għall-proprjetà kif ukoll fuq in-nuqqas ta' kumpens xieraq lill-azzjonisti.

209 Kif jirriżulta mis-sentenza appellata, din l-eċċezzjoni ta' illegalità kienet tirrigwarda, b'mod iktar speċifiku, l-Artikolu 15(1)(a) ta' dan ir-regolament li jistabbilixxi l-prinċipju ġenerali tar-riżoluzzjoni, li l-azzjonisti tal-istituzzjoni suġġetta għal riżoluzzjoni huma l-ewwel li jbatu t-telf, kif ukoll l-Artikolu 22(1) ta' dan ir-regolament.

210 Din id-dispożizzjoni tal-aħħar tipprevedi, b'applikazzjoni tal-prinċipju msemmi fil-punt preċedenti, li, meta s-SRB jiddeċiedi li japplika għodda ta' riżoluzzjoni u meta din l-azzjoni ta' riżoluzzjoni ssarraf f'telf għall-krediturі jew f'konverżjoni tal-krediti tagħhom, is-SRB għandu jagħti, immedjatament qabel l-applikazzjoni tal-għodda ta' riżoluzzjoni jew flimkien mal-applikazzjoni, istruzzjonijiet lill-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni sabiex jeżerċitaw is-setgħa ta' żvalutazzjoni u ta' konverżjoni tal-istrumenti kapitali rilevanti skont l-Artikolu 21 tal-imsemmi regolament.

211 Fir-rigward tad-dritt għall-proprjetà, stabbilit fl-Artikolu 17 tal-Karta, għandu jitfakkar li, skont l-ewwel paragrafu ta' dan l-artikolu, "[k]ull persuna għandha d-dritt li tgawdi mill-proprjetà tal-beni tagħha li tkun akkwistat legalment, li tużahom, li tiddisponi minnhom u li tħallihom bħala wirt. L-ebda persuna ma tista' tiġi mċaħħda mill-proprjetà tagħha, ħlief fl-interess pubbliku u fil-każijiet u skond il-kondizzjonijiet previsti mil-liġi, bi ħlas ta' kumpens xieraq fi żmien utli għal dak li tkun tilfet. L-użu tal-proprjetà jista' jiġi rregolat bil-liġi safejn ikun meħtieġ għall-interess pubbliku."

212 Strumenti kapitali, bħalma huma l-azzjonijiet, jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 17(1) tal-Karta, sa fejn dawn għandhom valur patrimonjali u jagħtu lid-detentur tagħhom pożizzjoni ġuridika kweżita li tippermetti l-eżerċizzju awtonomu tad-drittijiet li jirriżultaw minnha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Mejju 2022, BPC Lux 2 *et*, C-83/20, EU:C:2022:346, punti 40 u 43).

213 Skont l-Artikolu 52(3) tal-Karta, sa fejn din tal-aħħar fiha drittijiet li jikkorrispondu għal drittijiet iggarantiti mill-KEDB, is-sens tagħhom u l-portata tagħhom huma l-istess bħal dawk li tagħtihom din il-konvenzjoni. Madankollu, din id-dispożizzjoni ma tipprekludix li d-dritt tal-Unjoni jagħti protezzjoni usa'. Dan ifisser li, għall-finijiet tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 17 tal-Karta, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-Artikolu 1 tal-Protokoll Addizzjonali Nru 1 għall-KEDB, iffirmat f'Pariġi fl-20 ta' Marzu 1952, li jistabbilixxi l-protezzjoni tad-dritt għall-proprjetà, bħala livell ta' protezzjoni minima (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Mejju 2019, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Użufrutt fuq art agrikola), C-235/17, EU:C:2019:432, punt 72 u l-ġurisprudenza ċċitata).

214 Bl-istess mod li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem b'mod konsistenti fir-rigward tal-Artikolu 1 tal-Protokoll Addizzjonali Nru 1 għall-KEDB, għandu jitqies li l-Artikolu 17(1) tal-Karta fih tliet regoli distinti. L-ewwel waħda, li hija espressa fl-ewwel sentenza ta' din id-dispożizzjoni u hija ta' natura ġenerali, tinkorpora l-prinċipju ta' rispett tad-dritt għall-proprjetà. It-tieni waħda, li tinsab fit-tieni sentenza tal-imsemmija dispożizzjoni, tirrigwarda ċ-ċaħda ta' dan id-dritt u tissuġġettaha għal ċerti kundizzjonijiet. Fir-rigward tat-tielet regola, li tinsab fit-tielet sentenza tal-imsemmija dispożizzjoni, din tagħti lill-Istati s-setgħa, b'mod partikolari, li jirregolaw l-użu tal-proprjetà sa fejn ikun neċessarju għall-interess ġenerali. Madankollu, dawn ma humiex regoli mingħajr ebda rabta bejniethom. It-tieni u t-tielet regola jirrigwardaw eżempji partikolari ta' ksur tad-dritt għall-proprjetà u għandhom jiġu interpretati fid-dawl tal-prinċipju stabbilit fl-ewwel waħda minn dawn ir-regoli (sentenza tal-5 ta' Mejju 2022, BPC Lux 2 *et*, C-83/20, EU:C:2022:346, punt 38).

215 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ċaħda ta' proprjetà, mhux biss għandu jiġi eżaminat jekk kienx hemm teħid ta' pussess jew esproprjazzjoni formali, iżda wkoll jekk is-sitwazzjoni kontenzjuża kinitx tekwivali għal esproprjazzjoni *de facto* (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Mejju 2022, BPC Lux 2 *et*, C-83/20, EU:C:2022:346, punt 44; il-Qorti EDB, 28 ta' Lulju 1999, Immobiliare Saffi vs L-Italja, CE:ECHR:1999:0728JUD002277493, punt 46; il-Qorti EDB, 29 ta' Marzu 2010, Depalle vs Franza, CE:ECHR:2010:0329JUD003404402, punt 78).

216 F'dan il-każ, l-azzjoni ta' riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 22(1) tar-Regolament SRM, moqri flimkien mal-Artikolu 21 ta' dan ir-regolament, tikkonsisti f'konverżjoni u/jew żvalutazzjoni tal-istrumenti kapitali, mingħajr madankollu ma tinvolvi teħid ta' pussess jew esproprjazzjoni formali tal-istrumenti kkonċernati. B'mod partikolari, din il-miżura ma ċċaħħadx, b'mod forzat, sħiħ u definittiv, lid-detenturi tagħhom mid-drittijiet li jirriżultaw mill-imsemmija strumenti (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Mejju 2019, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Użufrutt fuq artijiet agrikoli), C-235/17, EU:C:2019:432, punt 81).

217 Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk l-adozzjoni ta' tali azzjoni tistax twassal għal esproprjazzjoni *de facto*, fil-każ ta' żvalutazzjoni sostanzjali, jew saħansitra totali, ta' strumenti kapitali, għandu jitfakkar li l-eżerċizzju tas-setgħa ta' konverżjoni u ta' żvalutazzjoni jippreżupponi, kif jirriżulta mill-Artikolu 22(2) ta' dan l-artikolu, moqri flimkien mal-Artikolu 18(6)(b) ta' dan ir-regolament, li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni previsti fil-punti (a) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(1) tal-imsemmi regolament ikunu ssodisfatti, jiġifieri, l-ewwel nett, li l-entità inkwistjoni tkun tinsab f'sitwazzjoni ta' falliment li qiegħed iseħħ jew li x'aktarx ser iseħħ, it-tieni nett, li ma jkun hemm ebda prospett raġonevoli li miżuri oħra mis-settur privat jew ta' natura prudenzjali jistgħu jevitaw dan il-falliment f'perijodu ta' żmien raġonevoli u, it-tielet, li l-adozzjoni ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni tkun neċessarja fl-interess pubbliku.

218 Mill-Artikolu 18(5) u (8) tal-imsemmi regolament jirriżulta li, meta l-ewwel żewġ kundizzjonijiet, imsemmija fil-punt preċedenti, relatati mal-falliment li qiegħed iseħħ jew li x'aktarx ser iseħħ u l-assenza ta' miżuri alternattivi jkunu ssodisfatti, l-entità kkonċernata għandha tiġi stralċjata b'mod ordnat skont id-dritt nazzjonali applikabbli minkejja li r-riżoluzzjoni tagħha ma tkunx fl-interess pubbliku. Jidher għalhekk li, għalkemm il-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(4) ta' dan l-istess regolament jipprevedi li l-falliment tal-entità kkonċernata jitqies li jkun qiegħed iseħħ jew li jkun x'aktarx ser iseħħ meta din l-entità ma tkunx f'pożizzjoni li tħallas id-djun tagħha jew passiv ieħor meta jimmatura, jew ma tkunx ser tkun f'dik il-pożizzjoni fil-futur qarib, ir-Regolament SRM jillimita l-adozzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni għal kriżijiet eċċezzjonali ta' likwidità li jqiegħdu f'dubju l-eżistenza nnifisha tal-imsemmija entità, li fil-kuntest ta' dawn il-kriżijiet ma jkun hemm ebda soluzzjoni oħra għajr ir-riżoluzzjoni jew l-istralċ skont proċedura ta' insolvenza normali.

219 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li t-telf fil-valur tal-istrumenti kapitali ma jirriżultax mill-eżerċizzju tas-setgħa ta' żvalutazzjoni u ta' konverżjoni taħt l-Artikolu 22(1) tar-Regolament SRM, iżda mis-sitwazzjoni ta' falliment li qiegħed iseħħ jew li x'aktarx ser iseħħ tal-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Mejju 2022, BPC Lux 2 *et*, C-83/20, EU:C:2022:346, punti 48).

220 Dan ifisser li azzjoni ta' riżoluzzjoni adottata skont l-Artikoli 18, 22 u 24 tar-Regolament SRM ma tikkostitwixxix ċaħda mid-dritt għall-proprjetà, fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 17(1) tal-Karta, li għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet dwar, b'mod partikolari, jekk ikunx hemm raġuni fl-interess ġenerali għaċ-ċaħda ta' proprjetà u jekk ikunx ingħata kumpens ġust f'waqtu, iżda

tikkostitwixxi regolamentazzjoni tal-użu tal-beni, fis-sens tat-tielet sentenza tal-Artikolu 17(1) tal-Karta (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Mejju 2022, BPC Lux 2 *et*, C-83/20, EU:C:2022:346, punti 49 u 50).

221 Bħalma jirriżulta mill-kliem ta' din id-dispożizzjoni, l-użu tal-beni jista' jiġi rregolat bil-liġi sa fejn ikun neċessarju għall-interess ġenerali. Barra minn hekk, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-dritt għall-proprjetà ggarantit mill-Artikolu 17 tal-Karta ma huwiex prerogattiva assoluta u l-eżerċizzju tiegħu jista' jkun suġġett għal restrizzjonijiet iġġustifikati minn għanijiet ta' interess ġenerali mfittxija mill-Unjoni (sentenza tal-20 ta' Settembru 2016, Ledra Advertising *et* vs Il-Kummissjoni u BĊE, C-8/15 P sa C-10/15 P, EU:C:2016:701, punt 69).

222 Skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta, kull restrizzjoni fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet stabbiliti minnha għandha tkun prevista mil-liġi, tirrispetta l-essenza tagħhom u, b'osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, restrizzjonijiet fuq dawn id-drittijiet u dawn il-libertajiet jistgħu jitwettqu biss jekk ikunu neċessarji u jkunu effettivament jissodisfaw għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor. It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(4) TUE speċifikament jobbliga lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jikkonformaw ruħhom mal-istess prinċipju ta' proporzjonalità meta jaġixxu fl-eżerċizzju ta' xi kompetenza li tiġi inkarigata lilhom.

223 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tat lil-leġiżlatur tal-Unjoni, fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-kompetenzi mogħtija lilu, setgħa wiesgħa ta' evalwazzjoni meta l-azzjoni tiegħu tkun timplika għażliet ta' natura politika, ekonomika u soċjali u meta jintalab jagħmel evalwazzjonijiet u valutazzjonijiet kumplessi (sentenzi tat-30 ta' Jannar 2019, Planta Tabak, C-220/17, EU:C:2019:76, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tas-6 ta' Ġunju 2019, P. M. *et*, C-264/18, EU:C:2019:472, punt 26). Issa, bl-adozzjoni tar-Regolament SRM, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu quddiemu tali għażliet, u dan filwaqt li ntalab jagħmel evalwazzjonijiet u valutazzjonijiet kumplessi.

224 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandhom jiġu eżaminati, sa fejn huma ammissibbli, l-argumenti invokati mill-appellanti insostenn tal-ewwel sat-tielet u tal-ħames parti tas-seba' aggravju.

225 Insostenn ta' dan l-aggravju, l-appellanti ssostni li l-Artikolu 15(1)(a) u l-Artikolu 22(1) tar-Regolament SRM ma josservawx il-prinċipju ta' proporzjonalità, minħabba li dawn id-dispożizzjonijiet ma jippermettux li jittieħdu inkunsiderazzjoni d-differenzi li tippreżenta s-sitwazzjoni ta' bank fi kriżi ta' likwidità meta mqabbla ma' dik ta' bank insolventi. B'mod iktar speċifiku, hija ssostni, essenzjalment, li miżura ta' konverżjoni u ta' żvalutazzjoni ma ssolvix problemi ta' likwidità, li jeżistu miżuri inqas restrittivi għal dan il-għan u li, fin-nuqqas ta' kumpens xieraq, tali miżura ma tkunx proporzjonata.

226 Għandu jiġi kkonstatat li dawn l-argumenti huma bbażati fuq qari manifestament żbaljat ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

227 Fir-rigward tal-idoneità ta' miżura ta' konverżjoni u ta' żvalutazzjoni li ssolvi problemi ta' likwidità, għandu jitfakkar li, mill-kliem stess tal-Artikolu 22(1) ta' dan ir-regolament jirriżulta li dan tal-aħħar jipprevedi l-eżerċizzju tas-setgħa ta' żvalutazzjoni u ta' konverżjoni biss meta l-għodda ta' riżoluzzjoni li jkun għażel is-SRB tkun altrimenti ssarraf f'telf għall-kredituri jew f'konverżjoni tal-krediti tagħhom. Minn dan jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda żball

ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punti 177 sa 181 tas-sentenza appellata, li din id-dispożizzjoni ma tapplikax awtomatikament u f'kull ċirkustanza, iżda tippermetti li jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi ta' kull każ.

228 B'mod partikolari, minn kliem l-Artikolu 22(1) ta' dan ir-regolament jirriżulta li dan tal-aħħar jipprevedi żvalutazzjoni u/jew konverżjoni tal-istrumenti kapitali mhux sabiex jissolvew problemi ta' likwidità tal-entità kkonċernata, iżda sabiex jiġi evitat, sa fejn possibbli, li l-applikazzjoni tal-għodda ta' riżoluzzjoni li jkun għażel is-SRB twassal għal telf għall-krediturі ta' din l-entità jew għal konverżjoni tal-krediti tagħhom. Kif ġustament qieset il-Qorti Ġenerali fil-punt 156 tas-sentenza appellata, mingħajr ma ġiet ikkritikata f'dan ir-rigward mill-appellanti, l-iżvalutazzjoni u l-konverżjoni previsti minn din id-dispożizzjoni jikkostitwixxu applikazzjoni tal-prinċipju, stabbilit fl-Artikolu 15(1)(a) tal-imsemmi regolament, li l-azzjonisti huma l-ewwel li għandhom ibatu t-telf.

229 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-argument li l-miżura ta' żvalutazzjoni, prevista fl-Artikolu 22(1) tar-Regolament SRM, ma hijiex xierqa sabiex jintlaħaq l-għan li jissolvew il-problemi ta' likwidità ta' bank solventi ma jistax jintlaqa'.

230 Fir-rigward, f'dan il-kuntest, tal-punti 169 u 175 sa 189 tas-sentenza appellata, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, f'dawn il-punti, il-Qorti Ġenerali ma eżaminatx il-proporzjonalità tal-għodod ta' riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament SRM, iżda eżaminat dik tal-eżerċizzju tas-setgħa ta' żvalutazzjoni u ta' konverżjoni taħt l-Artikolu 22(1) ta' dan ir-regolament. B'hekk, l-ilment ibbażat fuq l-allegat nuqqas ta' idoneità ta' dawn l-għodod sabiex isolvu problemi ta' likwidità ta' bank solventi huwa ineffettiv.

231 Sa fejn l-appellanti tikkritika dawn il-punti 169 u 175 sa 189 ukoll minħabba li jeżistu miżuri alternattivi inqas invadenti minn azzjoni ta' riżoluzzjoni, għandu jitfakkar li, fir-rigward tal-kriterju tan-neċessità, skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament SRM, moqri flimkien mal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(1) ta' dan ir-regolament, l-adozzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni u, għaldaqstant, l-eżerċizzju tas-setgħa ta' żvalutazzjoni u ta' konverżjoni jippreżupponu l-assenza ta' kwalunkwe prospett raġonevoli li miżuri oħra mis-settur privat jew ta' natura prudenzjali jistgħu jevitaw dan il-falliment f'perijodu ta' żmien raġonevoli. Sa fejn din is-setgħa ta' żvalutazzjoni tista' tiġi eżerċitata biss fl-assenza ta' miżuri alternattivi, l-allegata eżistenza ta' tali miżuri alternattivi ma hijiex ta' natura li tqiegħed inkwistjoni n-neċessità tal-iżvalutazzjoni u tal-konverżjoni taħt l-Artikolu 22(1) tar-Regolament SRM.

232 Fir-rigward tan-natura proporzjonata tal-miżura ta' żvalutazzjoni jew ta' konverżjoni, għandu jitfakkar, minn naħa, li, skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament SRM, is-SRB huwa responsabbli għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ta' riżoluzzjoni relatati ma' istituzzjonijiet finanzjarji u gruppi transkonfinali b'importanza sinjifikattiva għall-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni. Barra minn hekk, mill-Artikolu 14(2)(b) ta' dan ir-regolament, li jistabbilixxi l-għanijiet tar-riżoluzzjoni, jirriżulta li azzjoni ta' riżoluzzjoni tfittex, fost l-oħrajn, li tevita effetti negattivi sinjifikattivi fuq din l-istabbiltà finanzjarja.

233 Min-naħa l-oħra, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni li, kif ġie rrilevat fil-punt 218 ta' din is-sentenza, il-kundizzjonijiet għal riżoluzzjoni previsti fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(1) tal-imsemmi regolament jillimitaw l-adozzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni għal kriżijiet eċċezzjonali ta' likwidità li jqiegħdu f'dubju l-eżistenza nnifisha tal-entità kkonċernata, meta ma jkun hemm ebda soluzzjoni oħra għajr ir-riżoluzzjoni jew l-istralċ skont proċedura ta' insolvenza

normali. B'hekk, il-Qorti Ġenerali ġustament iddeċidiet, fil-punti 171, 185 u 204 tas-sentenza appellata, li riżoluzzjoni tikkostitwixxi soluzzjoni alternattiva għal proċedura normali ta' insolvenza.

234 Barra minn hekk, għalkemm sitwazzjoni ta' falliment li qiegħed iseħħ jew li x'aktarx ser iseħħ tista', kif jippreċiżaw il-punti (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(4) tar-Regolament SRM, tkun ikkawżata kemm mill-insolvenza kif ukoll minn kriżi ta' likwidità tal-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata, il-falliment li qiegħed iseħħ jew li x'aktarx ser iseħħ jinvolvi l-istess riskju għall-imsemmija stabbiltà finanzjarja.

235 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ġustament qagħdet, b'analoġija, fuq il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tad-19 ta' Lulju 2016, Kotnik *et* (C-526/14, EU:C:2016:570, punt 74) sabiex tiddeċiedi li, fil-każ ta' entità li tkun is-suġġett ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni, l-applikazzjoni tal-prinċipju li l-azzjonisti huma l-ewwel li għandhom ibatu t-telf, li jissemma fl-Artikolu 15(1)(a) tar-Regolament SRM, kif ukoll l-eżerċizzju tas-setgħa ta' żvalutazzjoni u ta' konverżjoni tal-istrumenti kapitali, previst fl-Artikolu 22(1) ta' dan ir-regolament, huma l-konsegwenza tal-fatt li l-azzjonisti ta' entità għandhom ibatu r-riskji inerenti għall-investimenti tagħhom u l-konsegwenzi ekonomiċi marbuta mar-riżoluzzjoni tal-entità li l-falliment tagħha jkun qiegħed iseħħ jew ikun x'aktarx ser iseħħ.

236 Din l-evalwazzjoni ma hijiex ikkontestata mill-argument tal-appellanti li bank solventi espost għal problemi ta' likwidità ma jistax ibati telf li għandhom ibatuh l-azzjonisti. Fil-fatt, l-Artikolu 22(4) tar-Regolament SRM jipprevedi li l-għodod ta' riżoluzzjoni għandhom jiġu applikati sabiex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 14 ta' dan ir-regolament, skont il-prinċipji tar-riżoluzzjoni ddefiniti fl-Artikolu 15 tal-imsemmi regolament, liema għanijiet li ma jinkludux dak li jiġi kopert it-telf tal-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata. B'hekk, l-iżvalutazzjoni u/jew il-konverżjoni tal-istrumenti kapitali prevista fl-Artikolu 22(1) tar-Regolament SRM, li jikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-istess għanijiet, ma għandhiex l-għan li tkopri telf imġarrab mill-entità kkonċernata, b'mod li l-applikazzjoni tagħha ma tippreżupponix l-eżistenza ta' tali telf.

237 Fir-rigward tal-kumpens previst fl-Artikolu 20(16), kif ukoll fl-Artikolu 76(1)(e) tar-Regolament SRM, ġie mfakkar fil-punt 220 ta' din is-sentenza li l-eżerċizzju tas-setgħa ta' żvalutazzjoni u ta' konverżjoni tal-istrumenti kapitali taħt l-Artikolu 22(1) ta' dan ir-regolament, ma jikkostitwixxix ċaħda ta' proprjetà, b'tali mod li ma huwiex suġġett, skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 17(1) tal-Karta, għall-ħlas f'waqtu ta' kumpens ġust, li jissemma fit-tieni sentenza tal-Artikolu 17(1) tal-Karta.

238 Madankollu, il-fatt li l-Artikolu 20(16) u l-Artikolu 76(1)(e) tar-Regolament SRM jipprevedu, jekk ikun il-każ, kumpens lill-azzjonisti jista' jikkontribwixxi għan-natura proporzjonata tal-iżvalutazzjoni u/jew tal-konverżjoni tal-istrumenti kapitali, previsti fl-Artikolu 22(1) ta' dan ir-regolament. Barra minn hekk, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-punti 234 sa 236 ta' din is-sentenza, l-appellanti tiżbalja meta ssostni li l-azzjonisti ta' bank solventi espost għal problemi ta' likwidità għandhom jiġu ttrattati b'mod differenti mill-azzjonisti ta' bank insolventi. B'hekk, l-ilmenti li jirrigwardaw il-punti 201 *et seq* tas-sentenza appellata għandhom jiġu miċħuda.

239 Barra minn hekk, l-ilment tal-appellanti mmirat lejn il-punt 169 tas-sentenza appellata huwa bbażat fuq qari manifestament żbaljat tal-imsemmi punt. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali llimitat ruħha li tirrileva, ġustament, li l-applikazzjoni tal-Artikoli 15 u 22 tar-Regolament SRM tippreżupponi li

l-kundizzjonijiet għall-adozzjoni ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni huma ssodisfatti, mingħajr b'ebda mod ma ddeċidiet li l-indħil fid-dritt għall-proprjetà li jirriżulta mill-iżvalutazzjoni huwa ġġustifikat meta dawn il-kundizzjonijiet ikunu osservati.

240 Dan ifisser li l-ewwel sat-tielet u l-ħames parti tas-seba' aggravju ma humiex fondati.

241 Għaldaqstant, is-seba' aggravju huwa parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

D. Fuq it-tieni aggravju, ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 14 u 20 tar-Regolament SRM, tal-Artikolu 39 tad-Direttiva 2014/59, tad-dmir ta' diliġenza u tal-Artikolu 296 TFUE

242 Permezz tat-tieni aggravju tagħha, l-appellanti ssostni li, fil-punti 520 sa 569 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet, bi ksur tal-Artikoli 14 u 20 tar-Regolament SRM, tal-Artikolu 39 tad-Direttiva 2014/59, tad-dmir ta' diliġenza u tal-Artikolu 296 TFUE, l-argument tagħha li l-proċess ta' bejgħ ta' Banco Popular kien ivvizzjat b'irregolaritajiet u ma ppermettiex li jinkiseb l-ogħla prezz. Dan l-aggravju jinqasam f'erba' partijiet.

1. L-argumenti tal-partijiet

243 Permezz tal-ewwel parti tat-tieni aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punti 522 u 568 tas-sentenza appellata, li l-massimizzazzjoni tal-prezz tal-bejgħ ma hijiex wieħed mill-għanijiet tar-riżoluzzjoni stabbiliti fl-Artikolu 14 tar-Regolament SRM, minkejja li, fil-fehma tagħha, tali għan jirriżulta minn qari konġunt ta' dan l-Artikolu 14 u tal-Artiklu 39 tad-Direttiva 2014/59. Issa, sabiex jintlaħaq l-għan tal-massimizzazzjoni tal-prezz, huwa neċessarju li jiġu osservati l-kriterji ta' kompetizzjoni, trasparenza u nondiskriminazzjoni, stabbiliti fl-Artikolu 39(2) ta' din id-direttiva. Madankollu, f'dan il-każ, l-appellanti tallega li dawn ir-rekwiżiti ma ġewx osservati peress li l-offerta ta' Banco Santander, minkejja li ġiet ippreżentata wara l-iskadenza tat-terminu, ġiet aċċettata mingħajr ma x-xerrejja potenzjali l-oħra, b'mod partikolari Banco Bilbao Vizcaya Argentaria, ġew informati li kien possibbli għalihom li jissottomettu offerta lil hinn mit-terminu previst.

244 Permezz tat-tieni parti ta' dan l-aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali kisret ir-rekwiżiti tal-kompetizzjoni u tal-massimizzazzjoni tal-prezz tal-bejgħ, li jirriżultaw mill-Artikolu 14 tar-Regolament SRM, moqri flimkien mal-Artikolu 39(2) tad-Direttiva 2014/59, u dan billi ddikjarat, fil-punti 544 sa 551 tas-sentenza appellata, li s-SRB seta' sempliċement jistieden lill-ħames xerrejja potenzjali li, matul il-proċedura ta' bejgħ privat, kienu rrinunzjaw milli jagħmlu offerta, sabiex jipparteċipaw fil-proċess ta' bejgħ. Fil-fatt, in-nuqqas ta' suċċess ta' din il-proċedura juri li dawn ix-xerrejja potenzjali ma kinux interessati fl-akkwist ta' Banco Popular, b'mod li l-proċess ta' bejgħ pubbliku mniedi mis-SRB kien ukoll iddestinat li ma jirnexxix.

245 It-tielet parti ta' dan l-aggravju hija bbażata fuq ksur tal-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u ta' kompetizzjoni. Fil-fehma tal-appellanti, il-Qorti Ġenerali kisret dawn il-prinċipji meta qieset, fil-punti 551 u 552 tas-sentenza appellata, li s-SRB ma kienx obbligat jagħmel kuntatt ma' istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fi Stati Membri oħra. Issa, il-fatt li tali istituzzjonijiet ma kinux urew interess fil-kuntest tal-proċedura ta' bejgħ privat ma jistax jiġġustifika li dawn ma jiġux ikkuntattjati, u dan meta wieħed iqis id-differenzi fil-kundizzjonijiet tal-proċedura ta' bejgħ privat u dawk tal-proċess ta' bejgħ imniedi mis-SRB, li jinsabu, b'mod partikolari, fil-possibbiltà li jiġi żvalutat il-kapital. u b'mod partikolari tal-possibbiltà li l-kapital jiġi żvalutat. Barra minn hekk, il-bejgħ ta' Banco Popular lil entità Spanjola kien iżid ir-riskju ta' kollass tal-ekonomija Spanjola.

246 Permezz tar-raba' parti tat-tieni aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali kisret l-obbligu li jiġi mmassimizzat il-prezz tal-bejgħ u li tiġi evitata kull distruzzjoni inutli tal-valur, billi ddeċidiet, fil-punti 561 sa 566 tas-sentenza appellata, li raġunijiet ta' interess pubbliku setgħu jiġġustifikaw li tiġi aċċettata l-offerta ppreżentata minn Banco Santander wara l-iskadenza tat-terminu.

247 Banco Santander issostni li t-tieni aggravju huwa inammissibbli, minħabba li l-appellanti sempliċement ittenni jew tirriproduċi kelma b'kelma l-motivi u l-argumenti li hija ppreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali. Għall-istess raġunijiet, il-Kummissjoni, is-SRB, ir-Renju ta' Spanja jeċċepixxu l-inammissibbiltà parzjali tal-ewwel sat-tielet parti ta' dan l-aggravju.

248 Is-SRB iżid jgħid, fir-rigward tat-tielet parti, li l-argument ibbażat fuq allegata żieda fir-riskju għall-ekonomija Spanjola ma tqajjimx fl-ewwel istanza u huwa, għaldaqstant, inammissibbli. Fil-fehma tiegħu, ir-raba' parti tal-imsemmi aggravju hija inammissibbli, minħabba li l-appellanti ma tindikax id-dispożizzjoni legali tad-dritt tal-Unjoni allegatament miksura.

249 Fi kwalunkwe każ, is-SRB, ir-Renju ta' Spanja, il-Kummissjoni u Banco Santander iqisu li t-tieni aggravju ma huwiex fondat.

2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

a) Fuq l-ammissibbiltà

250 Permezz tat-tieni aggravju tagħha, l-appellanti qiegħda essenzjalment tikkritika l-kunsiderazzjonijiet li abbażi tagħhom il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument tagħha dwar allegati irregolaritajiet fil-proċess ta' bejgħ. Sa fejn l-ewwel, it-tieni u r-raba' parti ta' dan l-aggravju fihom indikazzjonijiet preċiżi dwar il-punti kkontestati tas-sentenza appellata, kif ukoll l-argumenti li fuqhom huma bbażati, dawn ma jistgħux, skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 106 ta' din is-sentenza, jiġu ddikjarati inammissibbli.

251 Barra minn hekk, billi dawn il-partijiet huma kollha bbażati fuq il-ksur tal-Artikoli 14 u 20 tar-Regolament SRM, tal-Artikolu 39 tad-Direttiva 2014/59, tad-dmir ta' diliġenza u tal-Artikolu 296 TFUE, is-SRB jiżbalja meta jsostni li r-raba' parti tal-imsemmi aggravju hija inammissibbli, minħabba li l-appellanti ma tindikax id-dispożizzjoni legali allegatament miksura.

252 Madankollu, fir-rigward tat-tielet parti tat-tieni aggravju, għandu jitfakkar li, fil-punti 551 u 552 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument ibbażat fuq allegata diskriminazzjoni kontra l-istituzzjonijiet ta' Stati Membri oħra minħabba, fost l-oħrajn, li mir-rikors promotur ma kienx jirriżulta kif tali istituzzjonijiet setgħu jkunu interessati fil-proċess ta' bejgħ pubbliku u dan meta, fil-mument tal-proċedura ta' bejgħ privat ta' Banco Popular, dawn ma kinux urew l-interess tagħhom fl-akkwist ta' dan il-bank. Għalkemm, fl-appell tagħha, l-appellanti qiegħda issa tippreċiża fiex jista' jikkonsisti tali interess, hija ma ssostnix, madankollu, li invokat u lanqas ma ssostanzjat l-allegazzjoni li l-Qorti Ġenerali żnaturat ir-rikors promotor tagħha f'dan ir-rigward. *A fortiori*, hija ma turix l-eżistenza ta' tali żnaturament. B'hekk, l-argument tagħha bbażat fuq tali interess huwa inammissibbli, skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 109 ta' din is-sentenza.

253 Fir-rigward tal-argument ibbażat fuq allegata żieda fir-riskju għall-istabbiltà ekonomika Spanjola, invokat insostenn ta' din l-istess parti, is-SRB ġustament isostni li dan l-argument ma tqajjimx fl-ewwel istanza u huwa, għaldaqstant, inammissibbli. Fil-fatt, hija ġurisprudenza stabbilita li, skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 170(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja,

is-suġġett tat-tilwima quddiem il-Qorti Ġenerali ma jistax jinbidel fl-appell. Jirriżulta wkoll minn ġurisprudenza stabbilita li li kellha parti tkun awtorizzata tqajjem għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja lment li hija ma tkunx qajmet quddiem il-Qorti Ġenerali, jiġri li dik il-parti tkun awtorizzata tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja, li l-ġurisdizzjoni tagħha fil-proċedura tal-appell hija waħda limitata, b'tilwima b'portata usa' minn dik li tagħha tkun ħadet konjizzjoni l-Qorti Ġenerali. Fl-istadju ta' appell, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja hija għalhekk limitata għall-evalwazzjoni mill-Qorti Ġenerali tal-motivi u tal-argumenti li jkunu ġew dibattuti quddiemha (sentenza tat-18 ta' Jannar 2024, Jenkinson vs Il-Kunsill *et*, C-46/22 P, EU:C:2024:50, punt 68, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata)

254 Għaldaqstant, it-tielet parti tat-tieni aggravju għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli.

b) Fuq il-mertu

255 It-tieni aggravju, li jirrigwarda l-punti 520 sa 569 tas-sentenza appellata, huwa bbażat fuq ksur tal-Artikoli 14 u 20 tar-Regolament SRM, tal-Artikolu 39 tad-Direttiva 2014/59, tad-dmir ta' diliġenza u tal-Artikolu 296 TFUE. L-appellanti ssostni li, għall-kuntrarju ta' dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali f'dawn il-punti, il-proċess ta' bejgħ ta' Banco Popular mis-SRB kien ivvizzjat b'irregolaritajiet li, fil-fehma tagħha, ma ppermettewx li jintlaħaq l-għan tar-riżoluzzjoni li huwa li jiġi mmassimizzat tal-prezz tal-bejgħ.

1) Fuq l-ewwel u r-raba' parti tat-tieni aggravju

256 Permezz tal-ewwel u tar-raba' parti tat-tieni aggravju, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, l-appellanti ssostni li l-punt 522 tas-sentenza appellata huwa vvizzjat bi żball ta' liġi sa fejn il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-massimizzazzjoni tal-prezz tal-bejgħ ma hijiex għan tar-riżoluzzjoni fis-sens tal-Artikolu 14 tar-Regolament SRM. Barra minn hekk, hija ssostni li, għall-kuntrarju ta' dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punti 561 sa 566 u 568 ta' din is-sentenza, is-SRB kiser l-obbligu li jiġi mmassimizzat il-prezz tal-bejgħ u li tiġi evitata kull distruzzjoni inutli ta' valur, billi aċċetta l-offerta ppreżentata minn Banco Santander wara l-iskadenza tat-terminu.

257 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-kritika li saret fir-rigward tal-punt 522 tas-sentenza appellata, għandu jitfakkar li l-Artikolu 14(1) tar-Regolament SRM jipprovdi li, meta jaġixxu skont il-proċedura ta' riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 18 ta' dan ir-regolament, is-SRB u l-Kummissjoni għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-għanijiet tar-riżoluzzjoni u jagħżlu l-għodod ta' riżoluzzjoni, kif ukoll is-setgħat ta' riżoluzzjoni li, fil-fehma tagħhom, huma l-aħjar sabiex jintlaħqu l-għanijiet tar-riżoluzzjoni rilevanti fiċ-ċirkustanzi tal-każ.

258 Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(2) tal-imsemmi regolament, l-għanijiet tar-riżoluzzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu huma dawk li tiġi żgurata l-kontinwità tal-funzjonijiet kritiċi, li jiġu evitati effetti negattivi sinjifikattivi fuq l-istabbiltà finanzjarja, li jiġu protetti r-riżorsi tal-Istat billi tiġi mminimizzata d-dipendenza mill-appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju, li jiġu protetti d-depożitanti koperti mid-Direttiva 2014/49/UE u l-investituri koperti mid-Direttiva 97/9/KE, kif ukoll li jiġu protetti l-fondi u l-assi tal-klijenti.

259 Għaldaqstant, il-massimizzazzjoni tal-prezz tal-bejgħ ma tinsabx fost l-għanijiet tar-riżoluzzjoni elenkati fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament SRM, u dan huwa kkorroborat mit-tieni subparagrafu ta' din il-paragrafu 2. Fil-fatt, skont dan it-tieni subparagrafu, huwa sabiex

jintlaħqu l-għanijiet tar-riżoluzzjoni, imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-imsemmi paragrafu 2, li s-SRB u l-Kummissjoni għandhom jagħmlu ħilithom sabiex tiġi mminimizzata l-ispiża tar-riżoluzzjoni u sabiex tiġi evitata d-distruzzjoni tal-valur, u dan biss sakemm it-twettiq tal-imsemmija għanijiet ma jkunx jeżiġi dan.

260 Fir-rigward tal-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 39(2) tad-Direttiva 2014/59, li s-SRB għandu jieħu inkunsiderazzjoni huwa u jiddetermina l-arranġamenti ta' bejgħ taħt l-Artikolu 24(2)(d) tar-Regolament SRM, għandu jiġi rrilevat li, billi jipprevedi li l-bejgħ previst fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-għodda ta' bejgħ tan-negozju għandu jkun intiż li jimmassimizza, sa fejn possibbli, il-prezz tal-bejgħ tal-azzjonijiet jew ta' strumenti oħra ta' sjieda, assi, attiv u passiv ikkonċernati, l-Artikolu 39(2) ta' din id-direttiva ma jistabbilixxi ebda għan tar-riżoluzzjoni iżda jistabbilixxi wieħed mill-prinċipji li għandhom jirregolaw speċifikament l-applikazzjoni tal-għodda ta' bejgħ tan-negozju.

261 Dan ifisser li l-Qorti Ġenerali ġustament iddeċidiet fil-punt 522 tas-sentenza appellata, li l-massimizzazzjoni tal-prezz tal-bejgħ ma tikkostitwixxix, minnha nnifisha, għan tar-riżoluzzjoni fis-sens tal-Artikolu 14 tar-Regolament SRM.

262 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-fatt li s-SRB aċċetta l-offerta ta' Banco Santander wara l-iskadenza tat-terminu stabbilit fl-ittra tal-FROB tas-6 ta' Ġunju 2017, imsemmija fil-punt 49 ta' din is-sentenza, proċess ta' bejgħ, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 24(3) tar-Regolament SRM, is-SRB għandu japplika l-għodda ta' bejgħ tan-negozju mingħajr ma jikkonforma mar-rekwiżiti dwar il-bejgħ, f'sitwazzjoni fejn jikkonstata li l-fatt li wieħed ikun konformi magħhom ikun ta' natura li jqiegħed f'perikolu t-twettiq ta' wieħed jew iktar mill-għanijiet tar-riżoluzzjoni. Għalhekk, mill-kliem stess ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li t-twettiq neċessarju tal-għanijiet tar-riżoluzzjoni jista' jiġġustifika li ma jiġux osservati dawn ir-rekwiżiti dwar il-bejgħ, fosthom it-terminu ta' skadenza stipulat għall-preżentazzjoni tal-offerti.

263 B'mod partikolari, mill-Artikolu 24(3) tar-Regolament SRM, moqri flimkien mal-Artikolu 14(2)(b) tiegħu, jirriżulta li s-SRB jista' jiddeċiedi li ma jikkonformax mar-rekwiżiti dwar il-bejgħ, meta jqis li l-falliment li jkun seħħ jew li x'aktarx ser iseħħ tal-istituzzjoni suġġetta għal riżoluzzjoni jkun joħloq theddida sinjifikattiva għall-istabbiltà finanzjarja tal-Istati Membri jew jaggrava tali theddida jew li l-osservanza tar-rekwiżiti inkwistjoni tirriskja li tqiegħed f'perikolu l-effettività tal-għodda ta' bejgħ tan-negozju tal-istituzzjoni kkonċernata billi tillimita l-kapaċità ta' din l-għodda tagħha li tilqa' għat-theddida jew li tilħaq l-għan li jiġu evitati effetti negattivi sinjifikattivi fuq din l-istabbiltà finanzjarja.

264 Issa, għalkemm it-twettiq ta' dawn l-għanijiet jeżiġi li ma jiġux osservati r-rekwiżiti li jikkonċernaw il-bejgħ, ma jistax jitqies li din l-osservanza hija meħtieġa fid-dawl tar-regola prevista fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament SRM. Kif tfakkar fil-punt 259 ta' din is-sentenza, din id-dispożizzjoni tipprevedi b'mod espliċitu li s-SRB u l-Kummissjoni għandhom biss jagħmlu ħilithom sabiex jimminimizzaw l-ispiża tar-riżoluzzjoni u sabiex jevitaw id-distruzzjoni tal-valur, sakemm it-twettiq tal-għanijiet tar-riżoluzzjoni ma jkunx jeżiġi dan.

265 Barra minn hekk, mill-kliem stess tal-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 39(2) tad-Direttiva 2014/59 jirriżulta li l-bejgħ huwa intiż sabiex jiġi mmassimizzat il-prezz tal-bejgħ biss sa fejn possibbli, u dan jimplika li s-SRB u l-Kummissjoni għandhom ukoll jieħdu inkunsiderazzjoni kriterji oħra li jirregolaw il-bejgħ, stabbiliti fl-Artikolu 39(2) ta' din id-direttiva u, b'mod partikolari, il-ħtieġa li tittieħed azzjoni ta' riżoluzzjoni rapida. Fi kwalunkwe każ,

il-Kummissjoni u s-SRB għandhom jiżguraw li l-miżuri previsti bil-għan li jiġi mmassimizzat il-prezz tal-bejgħ ma jmorrux kontra l-għanijiet tar-riżoluzzjoni, kif elenkati fl-Artikolu 31(2) tal-imsemmija direttiva bl-istess kliem bħal dak tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament SRM.

266 Għandu jingħad ukoll li, sa fejn is-SRB u l-Kummissjoni jintalbu jagħmlu għażliet ta' natura teknika u jwettqu previżjonijiet u evalwazzjonijiet kumplessi huma u jadottaw skema ta' riżoluzzjoni, dawn għandhom jingħataw marġni ta' evalwazzjoni sinjifikattiva. Fid-dawl ta' dan il-marġni ta' evalwazzjoni, l-istħarriġ ġudizzjarju li l-qorti tal-Unjoni għandha teżerċita fuq il-fondatezza tar-raġunijiet għal skema ta' riżoluzzjoni ma għandux iwassalha sabiex tissostitwixxi l-evalwazzjoni tas-SRB u tal-Kummissjoni bl-evalwazzjoni tagħha, iżda huwa intiż li jivverifika li din id-deċiżjoni ma tkunx ibbażata fuq fatti sostantivament ineżatti u li ma tkunx ivvizzjata b'ebda żball manifest ta' evalwazzjoni jew b'użu ħażin ta' poter (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-4 ta' Mejju 2023, BĊE vs Crédit lyonnais, C-389/21 P, EU:C:2023:368, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

267 F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punti 561 sa 566 tas-sentenza appellata, li, l-ewwel nett, l-iskeda tal-proċedura ta' bejgħ stabbilita fl-ittra tal-FROB tas-6 ta' Ġunju 2017, imsemmija fil-punt 49 ta' din is-sentenza, kellha l-għan li tippermetti li jiġu konklużi l-formalitajiet kollha qabel jinfetħu s-swieq, sabiex b'mod partikolari tiġi evitata l-interruzzjoni tal-funzjonijiet kritiċi ta' Banco Popular, li, it-tieni nett, il-FROB aċċetta l-offerta ta' Banco Santander meta deher ċert, li ebda waħda mill-istituzzjonijiet l-oħra mistiedna sabiex jipparteċipaw fil-proċedura ta' bejgħ ma kienet ser tippreżenta offerta u li, it-tielet nett, is-SRB kien qies fl-Artikolu 6(6) tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, kien prudenti li jiġu aċċettati l-kundizzjonijiet tal-unika istituzzjoni li ssottomettiet offerta u li għalhekk tiġi evitata insolvenza mhux ikkontrollata ta' Banco Popular li, b'mod partikolari, setgħet tqiegħed f'perikolu l-funzjonijiet kritiċi tagħha. Issa, fl-appell tagħha, l-appellanti b'ebda mod ma ssostni li dawn il-konstatazzjonijiet tas-SRB kienu vvizzjati bi żball manifest ta' evalwazzjoni.

268 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li l-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punti 561 sa 566 tas-sentenza appellata, li s-SRB seta', skont l-Artikolu 24(3) tar-Regolament SRM, jaċċetta l-offerta ta' Banco Santander, minkejja li din kienet ġiet ippreżentata wara l-iskadenza tat-terminu stabbilit fl-ittra tal-FROB tas-6 ta' Ġunju 2017.

269 Barra minn hekk, għalkemm l-appellanti ssostni, f'dan il-kuntest, li x-xerrejja potenzjali l-oħra ma ġewx informati bil-possibbiltà li jippreżentaw offerta wara l-iskadenza tat-terminu, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, fil-punt 562 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-offerta ta' Banco Santander kienet tiġi aċċettata biss meta kien deher ċert li ebda waħda mill-istituzzjonijiet l-oħra mistiedna sabiex jipparteċipaw fil-proċedura ta' bejgħ ma kienet ippreżentat offerta. Issa, l-appellanti ma hijiex qiegħda ssostni li din il-konstatazzjoni hija vvizzjata bi żnaturament. Għalhekk, għandu jitqies li l-argument ibbażat fuq l-allegata assenza ta' informazzjoni pprovduta lix-xerrejja potenzjali l-oħra huwa ineffettiv.

270 Għaldaqstant, l-ewwel u r-raba' parti tat-tieni aggravju huma infondati.

2) Fuq it-tieni parti tat-tieni aggravju

271 Kif jirriżulta mill-kliem stess tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu u mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 39(2) tad-Direttiva 2014/59 jirriżulta li l-kriterji għal bejgħ imsemmija f'dan l-ewwel subparagrafu ma jżommux lill-awtorità ta' riżoluzzjoni milli tissollečita lil ċerti xerrejja potenzjali b'mod partikolari, bil-kundizzjoni li la jiffavorixxu indebitament lix-xerrejja potenzjali u lanqas li jiddiskriminaw.

272 F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali kkonstatat fil-punti 545 u 550 tas-sentenza appellata li s-SRB sejjes id-deċiżjoni tiegħu li jistieden biss għall-proċess ta' bejgħ pubbliku ta' Banco Popular fil-kuntest tar-riżoluzzjoni lill-ħames istituzzjonijiet li kienu diġà pparteċipaw fil-proċedura ta' bejgħ privat ta' din l-istituzzjoni, abbażi ta' kriterji oġġettivi bbażati, l-ewwel wieħed, fuq l-interess li l-impriżi kkuntattjati kienu diġà wrew matul il-proċedura ta' bejgħ privat, it-tieni, fuq ir-raġunijiet għall-urġenza, kif ukoll għaż-żmien limitat ħafna sabiex isir il-proċess ta' bejgħ pubbliku mniedi mis-SRB u, it-tielet kriterju, fuq in-neċessità li tiġi żgurata l-kunfidenzjalità tal-proċess ta' bejgħ pubbliku.

273 Fl-appell tagħha, l-appellanti qiegħda essenzjalment tikkontesta l-fondatezza tal-ewwel kriterju relatat mal-interess li jkun diġà ntwera. Hija tqis li, peress li l-proċedura ta' bejgħ privat ma kinitx intemmet, il-proċess ta' bejgħ pubbliku mniedi mis-SRB kien ukoll iddestinat li ma jirnexxix.

274 Madankollu, taħt t-tielet parti tat-tieni aggravju, l-appellanti tirrikonoxxi hija stess li l-kundizzjonijiet differenti u iktar favorevoli tal-proċess ta' bejgħ pubbliku, b'mod partikolari l-prezz minimu mitlub mis-SRB fl-ammont ta' EUR 1 u l-possibbiltà li l-kapital jiġi żvalutat, kienu ta' natura li jqajmu l-interess ta' istituzzjonijiet li ma kinux interessaw ruħhom matul il-proċedura ta' bejgħ privat. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-argument tagħha ma jistabbilixxix li s-SRB wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni billi llimita, fid-dawl tal-interess li kien diġà ntwera, il-proċess ta' bejgħ pubbliku għall-istituzzjonijiet li kienu diġà pparteċipaw fil-proċedura ta' bejgħ privat.

275 Għalhekk, għandu jitqies li t-tieni parti tat-tieni aggravju hija infondata.

276 Dan ifisser li t-tieni aggravju huwa parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

E. Fuq it-tielet u t-tmien aggravju, ibbażati fuq ksur tad-dritt għall-proprjetà u tal-prinċipju ta' proporzjonalità

277 Permezz tat-tielet u tat-tmien aggravju tagħha, l-appellanti qiegħda essenzjalment issostni li l-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża tikser id-dritt għall-proprjetà stabbilit fl-Artikolu 17 tal-Karta u l-prinċipju ta' proporzjonalità.

1. Fuq it-tielet aggravju

278 Permezz tat-tielet aggravju tagħha, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 14 tar-Regolament SRM, l-Artikoli 17 u 47 tal-Karta, kif ukoll id-dmir ta' diliġenza u d-drittijiet tad-difiża, sa fejn hija ddeċidiet, fil-punti 669 sa 697 tas-sentenza appellata, li s-SRB la kien obbligat jivverifika u lanqas jindika jekk miżuri alternattivi oħra kinux jippermettu li tiġi evitata distruzzjoni tal-valur. Dan l-aggravju jinqasam fi tliet partijiet.

a) L-argumenti tal-partijiet

279 Permezz tal-ewwel parti tat-tielet aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 14(2) tar-Regolament SRM, moqri fid-dawl tal-Artikoli 17 u 52 tal-Karta, billi ddikjarat, fil-punti 674 sa 678 tas-sentenza appellata, li s-SRB la kien obbligat jindika jekk soluzzjonijiet oħra kinux jippermettu li tiġi evitata d-distruzzjoni tal-valur, u lanqas jevalwa l-proporzjonalità tal-azzjoni ta' riżoluzzjoni fid-dawl tad-dritt għall-proprjetà tal-azzjonisti. Issa, fil-fehma tal-appellanti, ma jistax jitqies li l-azzjonisti ta' Banco Popular ma ġarrbux telf ikbar milli kienu jġarrbu fil-kuntest ta' proċedura ta' insolvenza, u dan meta dan il-bank kien solventi fil-mument tar-riżoluzzjoni tiegħu.

280 Permezz tat-tieni parti ta' dan l-aggravju, hija ssostni li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta qieset li l-iżbalji fil-pjan ta' riżoluzzjoni tal-2016 kienu irrilevanti għall-evalwazzjoni tal-legalità tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża adottata fl-2017. Fil-fehma tal-appellanti, din il-motivazzjoni ma tiħux inkunsiderazzjoni l-fatt li dan il-pjan ta' riżoluzzjoni kien ilu ma jiġi aġġornat mill-2016. Issa, aġġornament tal-imsemmi pjan kien jippermetti lis-SRB jordna separazzjoni tal-assi.

281 Permezz tat-tielet parti tal-imsemmi aggravju, l-appellanti ssostni li, fil-punti 479 sa 492 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kisret id-drittijiet tad-difiża tagħha billi qieset, minn naħa, li l-osservazzjonijiet tagħha u r-rapport ta' espert li hija kienet issottomettiet ma jissostanzjawx b'mod suffiċjenti fid-dritt l-argument tagħha li s-soluzzjonijiet alternattivi proposti kienu jippermettu li jintlaħqu l-għanijiet tar-riżoluzzjoni u, min-naħa l-oħra, li hija qajmet tardivament, fir-replika tagħha, billi qagħdet fuq il-pjan ta' riżoluzzjoni tal-2016, l-argument li r-riżoluzzjoni ta' Banco Popular tħejjiet ħażin mis-SRB. Madankollu, hija tqis li l-kunfidenzjalità tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża żammitha milli tippreżenta tali argumenti jew provi jew milli tippreżentahom iktar kmieni.

282 Banco Santander issostni li l-ewwel parti tat-tielet aggravju hija inammissibbli, minħabba li l-appell sempliċement jirriproduċi kelma b'kelma l-argumenti diġà fformulati quddiem il-Qorti Ġenerali. Għall-istess raġuni hija tqis, bħall-Kummissjoni, li t-tieni parti ta' dan l-aggravju hija inammissibbli, filwaqt li s-SRB isostni, f'dan ir-rigward, li l-argument ibbażat fuq il-possibbiltà ta' aġġornament tal-pjan ta' riżoluzzjoni tal-2016 tqajjem għall-ewwel darba fl-appell. Fir-rigward tat-tielet parti tal-imsemmi aggravju, is-SRB u Banco Santander isostnu li l-appellanti ma tinvoka ebda żball ta' liġi u ma tipprečiżax liema huma l-partijiet u l-punti tas-sentenza appellata li hija qiegħda tikkritika.

283 Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni, is-SRB, ir-Renju ta' Spanja u Banco Santander iqisu li t-tielet aggravju ma huwiex fondat.

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

1) Fuq l-ammissibbiltà

284 Fir-rigward tal-ewwel parti tat-tielet aggravju, għandu jiġi rrilevat li, permezz ta' din il-parti, l-appellanti qiegħda essenzjalment issostni li l-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża ppreġudikat b'mod sproporzjonat id-dritt għall-proprjetà tagħha, u dan filwaqt li tindika l-punti kkontestati tas-sentenza appellata, kif ukoll l-argumenti li fuqhom hija qiegħda toqgħod. Skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 106 ta' din is-sentenza, din l-ewwel parti ma tistax tiġi ddikjarata inammissibbli fl-intier tagħha.

285 Fir-rigward tat-tieni parti ta' dan l-aggravju, is-SRB ġustament isostni li l-argument li aġġornament tal-pjan ta' riżoluzzjoni tal-2016 kien jippermetti lis-SRB jordna separazzjoni tal-assi huwa inammissibbli, sa fejn dan l-argument tqajjem għall-ewwel darba fl-istadju ta' appell. Fil-fatt, mill-punt 688 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-appellanti kienet invokat quddiem il-Qorti Ġenerali żbalji fit-tħejjija ta' dan il-pjan ta' riżoluzzjoni, filwaqt li issa qiegħda tikkontesta l-assenza ta' aġġornament ulterjuri tal-imsemmi pjan. Issa, l-appellanti ma hijiex qiegħda ssostni li l-Qorti Ġenerali żnaturat ir-rikors tagħha fl-ewwel istanza fuq dan il-punt.

286 Fir-rigward tat-tielet parti tal-imsemmi aggravju, essenzjalment jirriżulta mill-appell li din il-parti hija bbażata fuq ksur mill-Qorti Ġenerali tad-drittijiet tad-difiża tal-appellanti u li tirrigwarda l-punti 479 sa 492 tas-sentenza appellata, kemm fir-rigward tan-natura allegatament tardiva tal-argumenti tagħha li jikkontestaw it-tħejjija inadegwata tar-riżoluzzjoni, kif ukoll fir-rigward tat-teħid inkunsiderazzjoni ta' diversi rapporti peritali ppreżentati mill-appellanti. Dan ifisser li, f'din il-parti, l-appellanti tippreċiża l-punti kkritikati tas-sentenza appellata, kif ukoll l-argumenti li abbażi tagħhom hija ssejjes l-ilmenti tagħha.

287 Għalhekk, għandu jitqies li l-ewwel u t-tielet parti tat-tielet aggravju hija inammissibbli. It-tieni parti ta' dan l-aggravju għandha tiġi ddikjarata inammissibbli.

2) Fuq il-mertu

288 L-ewwel parti tat-tielet aggravju hija bbażata fuq ksur tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament SRM, moqri fid-dawl tal-Artikoli 17 u 52 tal-Karta. L-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta ddeċidiet, fil-punti 674 sa 678 tas-sentenza appellata, li s-SRB ma kienx obbligat jivverifika li l-azzjoni ta' riżoluzzjoni kinitx tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità fid-dawl tad-dritt għall-proprjetà tal-azzjonisti u, b'mod partikolari, jekk soluzzjonijiet oħra kinux jippermettu li tiġi evitata d-distruzzjoni tal-valur.

289 Għandu jiġi kkonstatat li dan l-argument jirriżulta minn qari manifestament żbaljat tas-sentenza appellata.

290 Minn naħa, l-appellanti, billi ssostni li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li s-SRB ma kienx obbligat jivverifika li l-azzjoni ta' riżoluzzjoni kinitx tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità fid-dawl tad-dritt għall-proprjetà tal-azzjonisti, toqgħod fuq qari iżolat u, għalhekk, żbaljat, tal-punt 674 tas-sentenza appellata. Fil-fatt, fil-punt 673 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li d-distruzzjoni tal-valur, fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament SRM, ma tikkonċernax biss l-interessi patrimonjali tal-azzjonisti u tad-detenturi tal-istrumenti kapitali tal-entità, iżda wkoll dawk tad-depożitanti tagħha, tal-impjegati tagħha u ta' krediturи oħra tagħha.

291 Fid-dawl ta' dan, il-Qorti Ġenerali riedet essenzjalment tenfasizza, fl-imsemmi punt 674, li l-eżami tal-proporzjonalità tal-azzjoni ta' riżoluzzjoni ma għandux jieħu inkunsiderazzjoni biss l-interessi tal-azzjonisti, iżda għandu jieħu inkunsiderazzjoni wkoll interessi oħra, u dan kif ikkorroborat mill-analiżi sussegwenti tal-Qorti Ġenerali. B'hekk, din tal-aħħar irrilevat, fil-punt 675 tas-sentenza appellata, li s-SRB kien ikkonstata, fl-Artikolu 5(2) tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża, li l-għodda ta' bejgħ tan-negozju kienet tikkostitwixxi mezz xieraq, neċessarju u proporzjonat sabiex jintlaħqu l-għanijiet tar-riżoluzzjoni. B'mod partikolari, fil-punt 678 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali enfasizzat, b'mod partikolari, il-fatt li, skont l-evalwazzjoni fl-Artikolu 4 ta' din l-iskema, l-inkonvenjenzi u l-ispejjeż marbuta mal-adozzjoni tal-azzjoni ta' riżoluzzjoni, prinċipalment it-telf imġarrab mill-azzjonisti u mill-krediturи subordinati,

għandhom ikunu kkontrobilanċjati mill-vantaġġi li jirriżultaw minnha, jiġifieri ż-żamma tal-funzjonijiet kritiċi ta' Banco Popular, il-limitazzjoni tal-effetti negattivi fuq l-ekonomija u l-istabbiltà finanzjarja, kif ukoll il-fatt li jiġi evitat it-telf li jistgħu jġarrbu kredituri oħra.

292 Sa fejn l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta qieset li l-azzjonisti ta' Banco Popular ma kinux ġarrbu telf ikbar wara r-riżoluzzjoni tagħha milli kienu jġarrbu fi proċedura ta' insolvenza, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, fil-punt 678 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali sempliċement ġabret fil-qosor il-kontenut tal-Artikolu 4(5) u (6) tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża, sabiex tirrispondi, kif jirriżulta mill-punt segwenti tas-sentenza appellata, għall-argument tal-appellanti li s-SRB ma ħax inkunsiderazzjoni, f'din l-iskema, id-distruzzjoni tal-valur li l-għodda ta' bejgħ tan-negozju setgħet, fil-fehma tagħha, tikkawża lill-azzjonisti ta' Banco Popular.

293 Min-naħa l-oħra, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni l-appellanti, il-Qorti Ġenerali b'ebda mod ma ddeċidiet li s-SRB seta' jżomm ruħu milli jivverifika jekk soluzzjonijiet oħra kinux jippermettu li tiġi evitata d-distruzzjoni tal-valur. Għall-kuntrarju, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punti 675 sa 677 tas-sentenza appellata, li s-SRB kien qies, fl-Artikolu 5(3) tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża, li l-għodod l-oħra ta' riżoluzzjoni previsti mir-Regolament SRM ma kinux xierqa u ma kinux jippermettu li jintlaħqu l-għanijiet tar-riżoluzzjoni bl-istess mod bħall-għodda ta' bejgħ tan-negozju u li, għaldaqstant, is-SRB kien wera li din l-għodda tal-aħħar kienet neċessarja sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

294 F'dan il-kuntest, il-konstatazzjoni f'dan il-punt 677 b'ebda mod ma tikkontesta r-rekwiżit ta' proporzjonalità li meta jkun hemm għażla bejn diversi miżuri xierqa tintuża l-inqas waħda restrittiva (ara, fir-rigward ta' dan ir-rekwiżit, is-sentenza tad-9 ta' Novembru 2023, Altice Group Lux vs Il-Kummissjoni, C-746/21 P, EU:C:2023:836, punt 69 u l-ġurisprudenza ċċitata). Fil-fatt, kien biss sa fejn is-SRB iġġustifika li l-għodda ta' bejgħ tan-negozju kienet neċessarja għat-twettiq tal-għanijiet ta' riżoluzzjoni, li l-Qorti Ġenerali qieset li s-SRB ma kellux jindika jekk soluzzjonijiet oħra kinux jippermettu li tiġi evitata d-distruzzjoni tal-valur.

295 Dan ifisser li l-ewwel parti tat-tielet aggravju ma hijiex fondata.

296 Permezz tat-tielet parti tat-tielet aggravju, l-appellanti tinvoka ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħha, li l-Qorti Ġenerali allegatament wettqet fil-punti 479 sa 492 tas-sentenza appellata. Hija essenzjalment issostni li l-kunfidenzjalità tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża żammitha milli ssostni iktar l-argument tagħha dwar l-eżistenza ta' soluzzjonijiet alternattivi għar-riżoluzzjoni u milli ġġib l-argument, qabel il-preżentata tar-replika tagħha fl-ewwel istanza, li, fid-dawl tal-allegati nuqqasijiet tal-pjan ta' riżoluzzjoni tal-2016, is-SRB seta' jħejji aħjar ir-riżoluzzjoni.

297 Issa, minn naħa, mill-punti 345 sa 353 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-appellanti ma kinitx stabbilixxiet li l-verżjonijiet tal-iskema ta' riżoluzzjoni u tal-Valutazzjoni 2, ippubblikati fuq is-sit internet tas-SRB u li hija kellha aċċess għalihom, ma kinux motivati biżżejjed. Min-naħa l-oħra, fil-punt 400 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-appellanti ma kinitx ippreċiżat sa liema punt id-data ekonomika li tħalliet barra mill-verżjonijiet mhux kunfidenzjali ta' din l-iskema u tal-Valutazzjoni 2 kienet neċessarja sabiex tinftiehem l-imsemmija skema u sabiex jiġi eżerċitat id-dritt tagħha għal rimedju ġudizzjarju effettiv.

298 Barra minn hekk, fil-punti 131 sa 134 ta' din is-sentenza ġie kkonstatat li l-Qorti Ġenerali la kisret l-Artikolu 296 TFUE u lanqas l-Artikolu 47 tal-Karta meta ddeċidiet, fid-digriet tad-9 ta' Ġunju 2021, imsemmi fil-punt 723 tas-sentenza appellata, li t-test sħiħ tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża ma kienx rilevanti sabiex jiġi deċiż ir-rikors.

299 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li l-appellanti ma stabbilixxietx b'mod suffiċjenti fid-dritt li, fir-rigward tal-eżistenza ta' soluzzjonijiet alternattivi u tat-tħejjija tar-riżoluzzjoni ta' Banco Popular permezz tal-pjan ta' riżoluzzjoni tal-2016, il-kunfidenzjalità tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża żammitha milli tiddefendi effettivament id-drittijiet tagħha quddiem il-qorti tal-Unjoni.

300 Għaldaqstant, it-tielet parti tat-tielet aggravju ma hijiex fondata.

301 Dan ifisser li t-tielet aggravju huwa parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

2. Fuq it-tmien aggravju

302 Permezz tat-tmien aggravju tagħha, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikoli 17 u 52 tal-Karta, kif ukoll l-Artikolu 5(4) TUE meta ddeċidiet, fil-punti 463 sa 492 tas-sentenza appellata, li l-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża ma kisritx id-dritt għall-proprjetà. Dan l-aggravju jinqasam fi tliet partijiet.

a) L-argumenti tal-partijiet

303 Permezz tal-ewwel parti tat-tmien aggravju, l-appellanti ssostni li, fil-punti 467 sa 469 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali żbaljat meta ddeċidiet li l-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża ma kinitx wasslet għal indħil sproporzjonat fid-dritt tal-azzjonisti ta' Banco Popular għall-proprjetà, minħabba li l-proċedura ta' insolvenza kienet l-unika alternattiva għar-riżoluzzjoni. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali żbaljat ukoll meta qagħdet fuq il-ġurisprudenza tagħha stess li tirriżulta, b'mod partikolari, mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Lulju 2018, K. Chrysostomides *et* vs Il-Kunsill *et* (T-680/13, EU:T:2018:486), li tipprovdi li l-azzjonisti għandhom ikunu l-ewwel li jbatu telf li jista' jwassal għal defiċit ta' kapital. Madankollu, filwaqt li tirreferi għall-argument tagħha taħt is-seba' aggravju u miġbur fil-qosor fil-punt 195 ta' din is-sentenza, l-appellanti tqis li din il-ġurisprudenza ma tapplikax għal banek li, bħal Banco Popular fil-mument tar-riżoluzzjoni, ikunu solventi. Barra minn hekk, għall-kuntrarju ta' dak li tiddikjara s-sentenza appellata, ir-Regolament SRM ma joħloqx preżunzjoni ta' insolvenza.

304 Permezz tat-tieni parti ta' dan l-aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, meta ddeċidiet, fil-punti 466, 467 u 481 tas-sentenza appellata, li l-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża kienet tissodisfa r-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 52(1) tal-Karta. B'mod iktar speċifiku, hija tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli sempliċement iddikjarat li l-kundizzjonijiet tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(4) tar-Regolament SRM kienu ssodisfatti, mingħajr madankollu ma ġie vverifikat jekk is-SRB kienx eżerċita s-setgħa tiegħu ta' żvalutazzjoni fil-kundizzjonijiet previsti mil-liġi u kienx eżerċitaha b'mod mhux arbitrarju u, b'mod partikolari, mingħajr ma ġie eżaminat jekk l-eżerċizzju ta' din is-setgħa kienx ibbażat fuq il-valutazzjoni tal-attiv u tal-passiv tal-bank, meħtieġa mill-Artikolu 20(5)(c) u mill-Artikolu 21(8) tar-Regolament SRM.

305 Fil-fehma tal-appellanti, l-Artikolu 6(3) u (4) tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża huwa bbażat, b'mod żbaljat, fuq il-Valutazzjoni 2. Effettivament, ir-rapport ta' valutazzjoni enfasizza b'mod espliċitu li ma kellux l-għan li jiddetermina jekk il-kundizzjonijiet għall-adozzjoni ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni jew ta' żvalutazzjoni kinux issodisfatti u eskluda, għalhekk, l-użu tiegħu għall-finijiet tal-eżerċizzju tas-setgħa ta' żvalutazzjoni. B'hekk, kien ikun arbitrarju li minkejja kollox wieħed joqgħod fuq il-Valutazzjoni 2 sabiex jiżvaluta l-valur tal-kapital azzjonarju ta' Banco Popular. Barra minn hekk, il-Valutazzjoni 2, b'mod kontradittorju u arbitrarju, stmat il-valur ta' Banco Popular għal, tal-inqas, EUR 8.2 biljun fin-negattiv, minkejja li dan il-bank kien solventi.

306 Permezz tat-tielet parti tat-tmien aggravju, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli kisret l-Artikoli 17 u 52 tal-Karta, kif ukoll l-Artikolu 5(4) TUE meta ddeċidiet, fil-punti 474 sa 476 tas-sentenza appellata, li l-iżvalutazzjoni tal-istrumenti ta' sjieda twettqet skont il-prinċipju ta' proporzjonalità. Madankollu, il-ksur tad-dritt tagħha għall-proprjetà ma jistax jitqies li huwa proporzjonat, fin-nuqqas ta' kumpens xieraq li jieħu inkunsiderazzjoni s-solvenza ta' Banco Popular fil-mument tar-riżoluzzjoni.

307 Is-SRB isostni li l-ewwel parti tat-tmien aggravju hija inammissibbli, minħabba li l-appellanti ma turi ebda żball ta' liġi li l-Qorti Ġenerali wettqet fir-rigward tal-allegat ksur tad-dritt għall-proprjetà. Is-SRB u Banco Santander jeċċepixxu l-inammissibbiltà tat-tieni parti ta' dan l-aggravju, minħabba li din il-parti tippreżenta fatti u argumenti ġodda fl-istadju tal-appell u ma tirreferi għal ebda motiv speċifiku tas-sentenza appellata. Għall-istess raġunijiet, is-SRB jeċċepixxi l-inammissibbiltà tat-tielet parti tal-imsemmi aggravju.

308 F'kull każ, il-Kummissjoni, is-SRB, ir-Renju ta' Spanja u Banco Santander iqisu li t-tmien aggravju huwa infondat.

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

309 Fir-rigward tal-ammissibbiltà tat-tmien aggravju u, b'mod iktar speċifiku, tal-ewwel parti tiegħu, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli, b'mod partikolari, iddeċidiet li r-Regolament SRM joħloq preżunzjoni ta' insolvenza. Madankollu, kif enfasizzat l-Avukata Ġenerali fil-punt 115 tal-konklużjonijiet tagħha, l-appell ma jidentifikax il-partijiet mis-sentenza appellata li fihom il-Qorti Ġenerali għamlet tali konstatazzjoni u jikser, għalhekk, ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 169(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Dan ifisser li l-ewwel parti ta' dan l-aggravju hija parzjalment inammissibbli.

310 Barra minn hekk, it-tieni u t-tielet parti tal-imsemmi aggravju huma bbażati, kif irrilevat ġustament l-Avukata Ġenerali fil-punt 117 tal-konklużjonijiet tagħha, fuq argumenti mqajma għall-ewwel darba fl-istadju tal-appell sa fejn l-appellanti issa qiegħda tinvoka allegati irregolaritajiet fil-valutazzjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' kumpens xieraq. B'hekk, dawn iż-żewġ partijiet għandhom jiġu miċħuda.

311 Fir-rigward tal-fondatezza tal-ewwel parti tat-tmien aggravju, għandu jiġi rrilevat li l-appellanti qiegħda tikkontesta l-punti 467 sa 469 tas-sentenza appellata u, f'dan ir-rigward, qiegħda essenzjalment toqgħod fuq l-istess argumenti li hija ressqet taħt is-seba' aggravju tagħha u li huma miġbura fil-qosor fil-punt 195 ta' din is-sentenza. Għalhekk, għall-istess raġunijiet bħal dawk, b'mod partikolari, fil-punti 233 sa 235 ta' din is-sentenza, għandu jiġi deċiż li dawn l-argumenti ma humiex fondati.

312 Dan ifisser li t-tmien aggravju huwa parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

313 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet premessi kollha, l-appell għandu jiġi miċħud.

VI. Fuq l-ispejjeż

314 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura, meta l-appell ma jkunx fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż.

315 Skont l-Artikolu 138(1) ta' dawn ir-Regoli li, bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tagħhom, japplika għall-proċedura ta' appell, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

316 F'dan il-każ, peress li l-appellanti ħarġet telliefa, hija għandha, fid-dawl tat-talbiet tal-Kummissjoni, tas-SRB u ta' Banco Santander, tiġi kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk sostnuti mill-Kummissjoni, mis-SRB, u minn Banco Santander.

317 Skont l-Artikolu 140(1) tal-imsemmija Regoli tal-Proċedura, li, bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tagħhom, japplika għall-proċedura ta' appell, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet li jintervjenu fit-tilwima għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

318 Konsegwentement, ir-Renju ta' Spanja, il-Parlament u l-Kunsill għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-appell huwa miċħud.**

2) **Aeris Invest Sàrl hija kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) u minn Banco Santander SA.**

3) **Ir-Renju ta' Spanja, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.**

Firem